B'TIFKIRA TAL-
ĠUBLEW TAD-DEHEB
MIT-TWAQQIF TA'
L-ORKESTRA
'SANTA MARIJA'
1945 - 1995




SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V

PROGRAMM FESTA SANTA MARIJA - MQABBA

mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1995




FARELL

BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

Blue Grotto Ave., Żurrieq
Telephone: 822396



*Iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi huma l-qofol tal-Festa. Ir-ritratt juri dehra ġenerali tal-Knisja Parrokjali armata kif tixraq għal din l-akbar Festa tal-Parroċċa. (Ħajr lis-sur Anthony Aġius tal-Video Art - B' Buġia)*

*Maħruġ mis-Soċjeta'*

**Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**

*"Palazz Santa Marija", Pjazza tal-Parroċċa, Mqabba.*

*Fl-okkazjoni tal-Ġublew tad-Deheb mit-twaqqif ta'*

# l-Orkestra 'Santa Marija'

*1945 - 1995*

*u tal-Festa Titulari ta'*

# Santa Marija

*Patruna tal-Gżejjer Maltin*

*Mit-30 ta' Lulju sat -22 ta' Awissu, 1995.*

Ritratt tal-Faċċata-Martin Photo Services - B'Buġia
Proof Reading mis-Sur Alfred Camilleri
Issetjat minn Martin Seychell - Balzan - Tel:493842
Mitbugħ għand
Bonniċi's Press - 36, St.Paul's Street, Valletta
Tel: 224607
Editur is-Sur Carmel Briffa

## Werrej:

| | |
|---|---|
| Programm Festi Interni u Esterni | 64 - 65 |
| Il-Kumitat Eżekuttiv 1994-1995 | 3 |
| Il-Messaġġ tal-President | 5 |
| L-Awgurju tas-Sindku | 7 |
| Il-Kelma tal-Kappillan | 9 |
| Jikteb is-Segretarju | 11 |
| Appell mill-Kaxxier | 13 |
| Mill-Pinna tad-Direttur Spiritwali | 15 |
| Kelmtejn mis-Surmast/Direttur | 17-19 |
| Mill-Ħajja tal-Banda | 21-23 |
| Poeżija lil Marija Assunta | 23 |
| Akkademja Mużiko Letterarja - 10/8/95 | 24 |
| Tagħrif ġenerali fuq is-Siltiet Mużikali | 25-31 |
| L-'Imqabba Fest' | 33 |
| 1932:- Qniepen ġodda għall-Imqabba | 35-53 |
| Rendikont tal-Festa fil-Knisja - 1994 | 54 |
| Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija | 55-59 |
| Sunett 'L-Assunta' u Fejn raqdet il-Madonna | 61 |
| Mill-istorja tas-Soċjeta' | 67-75 |
| Żjara minn Uffiċjali ta' l-Ark Royal | 77 |
| Minn fejn ser jgħaddi l-Marċ? | 79-81 |
| L-aqwa briju bl-aqwa Marċi | 83 |
| Messaġġ mid-Dilettanti tan-Nar | 85 |
| Programm tal-Ħruq tan-Nar | 87 |
| Santwarji Marjani: Ta' Pinu - Għawdex | 89-99 |
| Kelmtejn mill-Kumitat tan-Nisa | 100 |
| Mill-Pinna tad-Disinjatur tal-Planċier | 101 |
| Rapport mill-Kummissjoni Armar | 102-103 |
| L-Isqof De Bussan iżur l-Imqabba | 105 |
| L-Orkestra 'Santa Marija' - 50 Sena Wara | 107-117 |
| Banda mistiedna (1): San Ġużepp-Kirkop | 119 |
| Banda mistiedna (2):12th.May-Żebbuġ | 121 |
| Banda mistiedna (3):Konti Ruġġieru-Rabat | 123 |
| Banda mistiedna (4):Aniċi-Qormi | 125 |
| Banda mistiedna (5):Queen Victoria-Żurrieq | 127 |
| Ringrazzjamenti | 128 |

# *KRISTIANNE*

## *SHOPPING COMPLEX*

Gifts ~ Boutique
Baby Care ~ Beauty Centre

*Offers also:*
*Facial Treatment, Waxing, Occasion Make up, Manicure, Pedicure, Eyebrow Shaping, Slimming Treatments, Electrolysis by a Beauty Specialist.*

*PIETRU PAWL SAYDON STREET - ŻURRIEQ*

---

**Stationery - Haberdashery**
**Invitations and Souveniers**
**for all occasions**

*5 Mattia Preti Square - Żurrieq*
*Tel: 827391- 683408*

# SOĊJETA' SANTA MARIJA BANDA RE ĠORĠ V

## MQABBA

## EST. 1910

**PRESIDENTI ONORARJI**
Onor. Dr. Louis Galea, B.A.,LL.D., M.P.
Mr. Joseph Farrugia
Mr. Leonard Farrugia

## KUMITAT EŻEKUTTIV 1994 - 1995

**PRESIDENT**
Carmel Zahra

**VIĊI-PRESIDENT**
Ing. Anthony Camilleri, B.Mech.Eng.(Hons.), L.Mus.V.C.M. (Hons.), A.Mus.L.S.M.

**SEGRETARJU**
Peter Psaila

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASS. SEGRETARJU**
Carmel Ellul

**ASS. KAXXIER**
Alex Ghigo

**UFFIĊJAL RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**
Francis Vella

**MEMBRI**
Teddy Baldacchino, Raymond Camilleri B.Sc.,Nicholas Cassar, Paul Gauci

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph M. Ghigo, S.J.

**SURMAST/DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. Anthony Camilleri, L.Mus.V.C.M. (Hons.), A.Mus.L.S.M.

**KUMMISSJONI BANDA**
Raymond Camilleri, Alfred Galea, Christopher Spiteri, Adrian Zahra, Mark Zammit

**RAPPREŻENTANT FIL-*BAND CLUBS ASSOCIATION***
Carmel Briffa

**DELEGATI TAN-NAR**
Teddy Baldacchino
Carmel Ellul

**REVIŻURI**
Mario Farrugia
Ronald Zammit

# JOHN & MICHAEL GHIGO
# TA' PATAW




## SOFT STONE QUARRY

## OLD VALLETTA ROAD
## MQABBA

## SPECIALISING IN LAYING OF BLOCKS




## TELEPHONE: 822811
## MOBILE: 0993311

# IL-MESSAĠĠ TAL-PRESIDENT

Għeżież Soċji u Partitarji,



Għaddiet sena oħra bħal ħolma għalina li b' dedikazzjoni inqattgħu tant ħin naħdmu flimkien għall-ġid tas-Soċjeta' u l-Festa. Permezz ta' din il-publikazzjoni annwali, reġa' mess lili biex nagħmel l-indirizz tiegħi bħala President. Huwa ta' unur għaliha li niġi mistieden nagħmel erba' kelmiet f' dan il-ktejjeb li, kif ser taraw din is-sena malli tibdew tqalbu paġna wara l-oħra, minbarra s-servizzi u l-artikli tas-soltu, għandkom tergħgħu issibu minjiera ta' informazzjoni sew storika kif ukoll ġenerali li żgur tpoġġi lil dan il-ktejjeb fl-għola livelli ta' publikazzjonijiet tax-xorta tiegħu f' pajjiżna. Dan ma kienx ikun possibli li kieku ma kienx il-kontribut ta' ħafna artikolisti ta' l-affari tagħhom u li għoġobhom jagħtuna l-permess li nippublikawlhom xogħolhom; grazzi tal-fiduċja fina u fil-qarrejja ta' dan il-ktejjeb.

Fl-aħħar indirizz tiegħi, bħall-lum sena, kont tkellimt fuq iż-żewġt imħażen li kien tlesta' l-bini fuqhom u li wara li ġew fornuti bid-dawl u l-ilma, xogħol il-membri Joseph Galea u Paul Farrugia, tbajdu mill-membru s-sur Nikol Cassar. Grazzi għal dawn il-membri u l-ħafna oħrajn li tawna daqqa t' id kif ukoll għall-benefatturi tagħna li dejjem sibnihom ta' spalla indispensabli, illum ngħid li lesti minn kollox. Għal min forsi ma tantx jersaq lejn il-każin, meta ngħidlu li qed nibnu **sala kbira** fuq l-arja ta' dawn iż-żewġt imħażen naħseb li nkun qed nagħtih l-akbar sorpriża, meta wieħed iqis l-ispejjeż kbar li għaddejjin minnhom bħal' issa. Iżda dan għamilnieh u qed nagħmluh grazzi għall-għajnuna tal-benefatturi tagħna li tawna u wegħduna il-ġebel w is-saqaf. Fuq kollox ma rridx ninsa nsemmi ix-xogħol ta' bini propju li qed isir mill-membru żagħżugħ u ħabrieki is-sur Philip Farrugia, mgħejjun minn membri oħra tas-Soċjeta'.

Kif jaf kulħadd, il-prijorita' fl-armar qiegħed jeħodha il-Planċier artistiku. Ninsabu fil-fażi tal-qafas tal-ħadid tiegħu li, minkejja li qed tieħu ħafna ħin u xogħol ninsabu konvinti li b' aktar għajnuna minnkom soċji u partitarji, ma ndumux ma nlestuha ħalli nkunu nistgħu naqbdu l-injam. B' daqshekk ma jfissirx li l-grupp ta' l-armar ma baqax sejjer bil-ħidma tiegħu. Fil-fatt tkompla x-xogħol fuq id-drapp' ta' żewġ toroq, jiġifieri Triq Santa Katarina u Triq id-Duluri, u li sa fejn naf jien tlesta' kollu. Ta' dan, nixtieq inrodd ħajr lil kull min ta sehemu f' dan ix-xogħol.

Din is-sena qegħdin infakru l-ħamsin anniversarju mit-twaqqif ta' l-Orkestra 'Santa Marija' mil-mibki iżda qatt minsi s-sur Ġużeppi Galea. Għalhekk, minbarra li fassalna programm xieraq li jinkludi fost l-oħrajn kxif ta' Lapida Kommemorattiva u dik tal-Presidenti tas-Soċjeta', ħadna ħsieb ukoll ċertu xogħol ta' rutina fil-każin ħalli nagħtuh dik id-dehra majestuża u rikka tiegħu. Forsi kif diġa indunajtu, sar ħafna xogħol fuq il-faċċata tal-Każin billi inbidlu l-għatiebi u z-zoklatura li saru tal-granit, kif ukoll sar il-wiċċ tal-bankina mill-ġdid. M' għandix kliem biex nirringrazzja lill-membru ħabrieki s-sur Andrew Zammit li reġa' kien ta' eżempju għas-soċji kollha u meta tlabnieh l-għajnuna qabad u medd għonqu għax-xogħol. Grazzi wkoll lil ħuh is-sur Manswet Zammit illi kien strumentali biex biddilna l-madum tat-*toilets* wara li saru l-alterazzjonijiet neċessarji fis-sistema tad-dawl u l-ilma mis-sur Peter Psaila.

Anqas biss jgħaddili minn moħħi li nagħmel dawn l-erba' kelmiet mingħajr ma nsemmi u nirringrazzja lis-Surmast flimkien mal-Bandisti tal-Post, għax-xogħol siewi li jwettqu fil-kamp tat-tagħlim u t-tixrid ta' l-arti mużikali, kif ukoll biex ikomplu jkabbru, fil-popolarita' l-isem tal-Banda Re Ġorġ V, li hija l-mimmi tas-Soċjeta'. Sena wara l-oħra qatt ma nixba' ntenni sabiex tibgħatu l-uliedkom għeżież ġenituri ħalli jitgħallmu l-arti mużikali mal-Banda tagħna, li hija garanzija ta' serjeta', dixxiplina u fuq kollox ta' sodisfazzjon.

Ngħaddi biex nagħlaq dan l-intervent tiegħi billi, f' ismi u f' isem il-Kumitat Eżekuttiv, nirringrazzja lil kull min ħadem matul l-aħħar xhur u li għadni ma semmejtx: nibda mid-Dilettanti tan-Nar li nawguralhom suċċess bħal fis-snin l-imgħoddija, fl-ispettakli pirotekniċi ta' l-aqwa kwalita' u li huma biss jafu jagħtuna, lis-Sezzjonijiet tan-Nisa u taż-Żagħżagħ u fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas lil dawk kollha li bl-appoġġ manwali jew finanzjarju tagħhom stajna nwettqu dil-ħidma tagħna.

Minn qalbi, nixtieq nappellalkom biex bħal ma sar fis-snin l-imgħoddija, inġibu ruħna ta' veri Insara u ma ninsewx li f' dak kollu li nagħmlu rridu niftakru li qed niċċelebraw Festa Reliġjuża ad unur Ommna Marija Assunta. Għalhekk għandna dejjem naħarbu kull imġieba jew għemejjel ħżiena speċjalment waqt il-marċi; qatt m' għandna napprovaw lil min iweġġa' lill-proxxmu jew aktar w' aktar nippruvaw indaħlu drawwiet ġodda u skandalużi biex inkunu bħal ħaddieħor. Kuntenti nkunu konservattivi fis-sens li niddeploraw din it-tip ta' moda ta' divertiment. Il-veru gost tal-Festa huwa l-ewwel ġewwa l-knisja waqt il-Kwindiċina, it-Tridijiet, Lejliet u nhar il-Festa imbagħad barra meta niddevertu aħna u dawk ta' madwarna b' mod dekoruż. Dan hu li rrid infisser meta nawgura l-Festa sabiħa ad unur Ommna Marija Assunta lil kulħadd.

**Viva Santa Marija u s-Soċjeta' li ġġib isimHa!**

**Carmel Zahra,**
**President.**

# SEAL COLD

Aġenti u Distributuri Ewlenin
f'sistemi ta' Ippakkjar għal aktar Iġjene u Effiċenza

**Dibipak** - magna li tippakkja f'shrinker u borza
**Clippatrice** - magna li tippakkja ħaxix u frott fix-xibka
**Stelibran** - magna moderna biex tisterilizza l-arja ta' ġol-Cold Stores

Għażla kbira ta' Stretch & Seal u Foil ta' ditti rinomati bħal:
**Packline - Huntsman - Goodyear**
Issibu Xibka u Chopping Boards għall-ħwienet tal-laħam
Varjeta ta' Mwies u Skieken ta' kull daqs u għamla kif ukoll
Strip Curtains u aċċessorji għall-refrigeration eċċ......

Għal aktar tagħrif irrikorru għand:
ROCCO CAMILLERI
TRIQ IL-KONVOJ TA' SANTA MARIJA - MQABBA
Tel: 683222 Fax: 683222

# CARMELO BALDACCHINO

***Stone Turner***



Triq is-Sejba - Mqabba
Tel: 685717 - After 7.00p.m. till 10.00 p.m.

**Nispeċjalizża fl-iskultura tal-ġebel**
**kif ukoll ballavostri u lavur fil-ġebla**

# L-AWGURJU TAS-SINDKU



Kull meta joqrob ix-xahar ta' Awissu, għalina, l-Imqabbin, il-festa titulari, dedikata lill-Omna Mtellgħa s-Sema tkun iċ-ċentru ta' bosta attivitajiet. Il-festa kulħadd jaf li tiġi fil-15 ta' Awissu. Imma bħal kull festa oħra, il-preparamenti jkunu ilhom jinħmew minn kif tgħaddi l-festa tas-sena ta qabel. Din hija ħaġa komuni għalina il-Maltin, għax il-festi tagħna nħobbu nagħmluhom bil-kbir. Din il-kultura tant hija qawwija fina, li anke meta nemigraw, dan l-ispirtu nkaxkruh magħna. Bosta Maltin jiltaqgħu f'żoni differenti fejn ikunu emigrati, u hemm jiffesteġġjaw festa Maltija Ad Unur il- qaddis jew qaddisa li jkunu mdorrijin jagħmlu f'Malta b'tant għożża u pompa.

L-ispirtu tal-festi Maltin huwa sabiħ u għandu għeruq qawwija. Dan huwa patrimonju li writna minn għand Missirijietna. Spirtu ta' Ferħ, Għaqda u Qdusija li l-festi għandhom iġibu fl-irħula tagħna. Dawn it-tliet ingredjenti huma mportanti jekk irridu li l-festa tagħna tkun waħda kbira u sabiħa. Dawn ma' għandna nibdluhom ma xejn. Hemm bżonn li dawn jidhru kemm fi kliemna u wisq aktar f'għemilna.

Il-festa ġġib ferħ kbir fir-raħal. Dan jibda jidher mit-tiżjin ta' ġol-Knisja, għarmar ta' damask, linef gandlieri, fjuretti, ventartali, daqq ta' qniepen, tapiti u mitt ħaġa oħra. L-istatwa f'nofs il-knisja tkompli tferraħ lil kull minn jidħol fil-Knisja, u taħseb li dħalt ġo dinja oħra. It-toroq jibdew jintremaw bid-dawl u l-liedna, pavaljuni, antarjoli, bandalori u statwi. Imbagħad tibda l-ġimgħa tal-festa, baned idoqqu, murtali u logħob tan-nar. Tixtieq li dan iż-żmien ma jispiċċax. Dawn il-ħwejjeġ aktar għandhom jgħaqduna flimkien, u bi tbissima fuq fommna nesprimu l-ferħ li hemm ġo qalbna. Dan hu l-ferħ li jissarraf fil-parteċipazzjoni fil-funzjonijiet reliġjużi għal qdusija tal-fidili kollha permezz tal-qrar u t-tqarbin u li l-knisja tagħmel tul is-sena kollha speċjalment fil-ġranet tal-festa.

Kemm ikunu sbieħ il-festi tagħna meta jinbnew fuq dawn il-prinċipji! Dawn jagħmlu lil bniedem kbir u nobbli fl-istat uman tiegħu. Min jiċċelebra l-festa b'mod ieħor, ikun ħareġ mill-iskop ewlieni tal-festi tagħna. Il-pagani ukoll jiċċelebraw il-festi. Iżda huma ma jġarrbux il-gost intern li nistgħu ingawdu aħna b'festa tassew nisranija. Din hi festa li tferraħ, tgħaqqad u tqaddes lilna lkoll bħala l-poplu t'Alla, Missier kulħadd u t'Ommna Marija Omm l-Imqabbin kollha. Għalhekk il-festa trid tkun nadifa, bla egoizmu u pika żejda, bla tgħajjir u tmaqdir li aktar iħammġu u jħammru l-wiċċ ta min jgħamilhom milli ta' dawk li jirċevuhom.

Filwaqt li minn qalbi nixtieq il-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha, ejjew niċċelebraw festa tassew sabiħa kif tassew jixraq lir-raħal tagħna. L-imġieba tagħna għandha tkun korretta bħala poplu matur u ċivilizzat, ħalli mhux biss nifirħu u nieħdu gost aħna bil-festa tagħna iżda nkunu ta' eżempju tajjeb għal dawk kollha li jiġu jifirħu u jgawdu magħna.

**Emanuel Buttigieg**
**Sindku**



BOFFA LTD.
SABA QUALITY for LIFE
AGENTS FOR: SABA T.V., RADIOS, HIFI & VIDEO EQUIPMENT, ALL TYPES OF MUSICAL INSTRUMENTS, DISCO AND LIGHT EQUIPMENT, P.A. SYSTEMS & HOUSEHOLD APPLIANCES.
Head Office: 19, Paola Square, Paola Malta. Tel: 827733
Branches: 148, Paola Square, Paola. Fax: 821557
10, City Gate, Valletta. Tel. 236460
Boffa Recording Studios 26, Zabbar Road, Paola. Tel: 693808
BOOSEY & HAWKES
KAWAI KEYBOARDS
Zildjian
LUDWIG
BESSON LONDON
BUFFET Crampon PARIS
HENRI SELMER PARIS
LEBLANC Vito, Holton, Martin
HOHNER
JULIUS KEILWERTH
DENIS WICK MOUTHPIECES
SONOR
GENERALMUSIC
CLASSIC
Marching Percussion
KAWAI UPRIGHT PIANOS
CE-11
SONOR
12-STRING
BACH BRASS
Bach
BACH
LUDWIG/MUSSER
MARCHING PERCUSSION

# Il-KELMA TAL-KAPPILLAN



### Kif Nixtiequ L-Festi

L-istaġun tal-festi f'pajjiżna miexi ġmielu u fir-raħal ċkejken tagħna wasalna għat-tieni festa f'dan l-istaġun, il-Festa Titulari tal-Assunzjoni ta' Ommna Marija Santissima. Minn xhur qabel beda l-istaġun tal-festi bdew jiġu organiżżati diversi laqgħat bejn dawk li huma nvoluti fl-organiżżazzjoni tal-festi. Sar ukoll 'Seminar' taħt l-awspiċju tal-Ministru tal-Intern innifsu li, fl-opinjoni tiegħi, kien ta' valur kbir, għax kulħadd kellu ċ-ċans jesprimi l-fehmiet tiegħu bil-miftuħ u b'hekk wieħed seta' japprezza l-isforzi u l-pożizzjoni li jinsagħbu fiha dawk is-setturi kollha li b'xi mod jikkontribwixxu għall-organiżżazjoni ta' fenomenu hekk kbir bħal ma hi hawn Malta l-festa tal-belt jew raħal.

Apprezzajt ħafna l-fatt li l-maġġoranza kbira ta' dawk kollha li tkellmu, b'mod speċjali dawk li qraw il-*papers* tal-Għaqda tagħhom, ma tkellmux dwar tkabbir jew żieda fil-festi, imma pjuttost dwar kontrolli u ri-organiżżazzjoni ta' dak li diġa qed isir. U dan l-aktar bl-iskop li nneħħu dak li nibet żejjed (u forsi tellef ukoll xi ftit mid-dehra vera tal-festa) u nerġgħu kemm jista' jkun nagħtu l-libsa oriġinali lill-festi tagħna, li fuq kollox, qbilna, għandhom jibqgħu festi nsara.

Għalhekk, bħala Kappillan ta' din il-parroċċa, ma nistax ma napprezzax kull **sforz ġenwin** li jsir mill-kumitati li jorganiżżaw anki l-festi esterni, biex jintlaħaq malajr dan l-iskop. Xi drabi dan ikun ifisser li trid tagħti l-ewwel pass int, u dan għal xi wħud mill-partitarji jista' jkun jidher bħala pass ta' djufija. Iżda fil-fatt dan ikun pass ta' rġulija, u ż-żmien għad jagħtina raġun. Fuq kollox mhux min jgħajjat l-iżjed u jagħmel l-iktar storbju li għandu raġun, imma min jagħmel l-affarijiet tiegħu kif suppost.

B'dawn il-ħsibijiet f'rasi, nixtieq għalhekk nara żieda fl-attendenza għall-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja għad-unur u glorja ta'Alla u tal-Madonna. Nixtieq li jiżdied sew in-numru ta' dawk li jersqu għat-tqarbin. Nixtieq li jingħad fil-familji r-Rużarju iktar bil-qalb u ta' spiss f'dawn il-granet ta' festa. Dan huwa l-**fundament** ta' kollox. Mingħajr dawn l-affarijiet il-festa tkun waħda esterna (f'ċertu sens pagana) biss, u ma tkunx vera festa nisranija, kif ilkoll qed ngħidu li għandha tkun. J'Alla l-Madonna tikkonvinċina fuq dawn l-affarijiet, u b'hekk tkun tista' tilmaħ fina l-veru ulied denji tagħha.

Il-Mulej iberikkom ilkoll u minn qalbi nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd.

**Fr. Joe Bartolo**
**Kappillan.**

**IL-KUMITAT EŻEKUTTIV**
**JIEHU DIN L-OPPORTUNITA' BIEX JIFRAH**
**MIL-ĠDID LIL**

**W.R. KAPPILLANA DUN JOE BARTOLO**

**F' GHELUQ IL-25 SENA MILL-ORDINAZZJONI**
**SAĊERDOTALI TIEGHU.**

***AD MULTOS ANNOS***

SCHEMBRI BROS. & FARRUĠIA LTD.



READY MIX SERVICE
CRANE HIRING &
SUPPLY OF BRICKS.

TAL-BARRANI ROAD, ŻEJTUN
TELEPHONE: 673070 - 808876 - FAX: 808875

SCHEMBRI BARBROS LTD.
SUPPLIERS OF:



WIRE MESH, STEEL &
BUILDING MATERIALS

Tal-Barrani Rd.,
Bir-id-Deheb.
Tel: 805592
Fax: 808875

# JIKTEB IS-SEGRETARJU



Għeżież Soċji u Partitarji,

Għalkemm forsi taħsbu li la darba wasal ix-xahar t' Awissu, allura waslet il-Festa, għalina tal-Kumitat Eżekuttiv il-Festa tkun ilha li waslet hekk kif tgħaddi l-oħra. Sena preparamenti biex ingawdu dik il-ġimgħa f' nofs Awissu li hi wisq għażiża għalina: u Alla ħares ma kienx hekk għax jien u sħabi li, kellna x-xogħol li nagħmlu nagħmluh għall-flus, ħadd minna ma jagħmlu. Imma għal dik il-Festa Titulàri u Ewlenija ta' l-Imqabba, id-demm li għandna jbaqbaq fil-vini tagħna jagħtina saħħa li anqas biss naf nispjega: hekk aħna magħġunin!

**Bħala segretarju ta' l-Ewwel Soċjeta' Mużikali Imqabbija**, li din is-sena qed tfakkar għeluq il-Ħamsin sena sa minn meta l-fundatur Ġużeppi Galea u mużiċisti Imqabbin oħrajn daħlu taħt il-kenn tas-Soċjeta' tagħna u waqfu dik li kellha tkun l-ewwel formazzjoni mużikali ta' dan is-seklu ġewwa raħalna, bil-fors wieħed irid jipprepara kif jixraq għal avveniment hekk importanti fl-istorja tagħna. Matul dawn l-aħħar snin ielna għaddejjin b' ħafna riċerka minn nies kompetenti f' dan ir-rigward, u li tat l-ewwel frott tagħha din is-sena meta ħa niċċelebraw dan il-Ġublew tad-deheb. Bil-mod il-mod, ser nagħtukom aktar tagħrif dwar l-istorja tas-Soċjeta' tagħna ħalli, mingħajr polemiki fil-vojt, nuru bil-fatti li barra milli aħna l-ewwel Soċjeta' Imqabbija, aħna konna l-pijunieri fil-kultura mużikali ġewwa raħalna sa mis-seklu l-ieħor, eċċ... L-istorja ma jħassarha ħadd.

**Bħala segretarju ta' Soċjeta Mużikali**, inħossni wkoll fid-dmir li nsemmi l-Banda tagħna li qed tagħti l-ħajja lis-Soċjeta' tagħna is-sena kollha. Rari tgħaddi ġimgħa li ma tismax għal darba, tnejn dawk in-noti mużikali ħerġin b' ħeġġa mil-Bandisti tal-Post, li f' għaqda waħda mas-Surmast maħbub tagħna jiġbdu ħabel wieħed biex jagħtuna l-aqwa programmi mużikali; ta' dan u tal-ħafna sagrifiċċji li anqas biss jgħaddu minn moħħna li jsiru, nirringrazzjahom u nawguralhom li jibqgħu sejrin f' din it-triq li qabdu.

Fl-aħħar, **bħala segretarju ta' Soċjeta'**, nixtieq nara aktar għajnuna mis-soċji tagħna għaliex f' ħafna drabi, ix-xogħol qed dejjem jaqa' fuq l-istess nies. Iż-żewġ Sezzjonijiet qed jagħmlu mill-aħjar li jistgħu iżda x-xogħol qed dejjem jiżdied u allura dan jitlob aktar għajnuna minn kulħadd. B' dan ma rridx infisser li għajnuna m' għandniex: kieku kif qed isir il-Planċier, l-armar, ix-xogħol ġenerali fil-każin, in-nar, is-Sala l-kbira fuq l-Imħażen, u mitt ħaġa oħra. Żgur li jien u sħabi weħidna dan ix-xogħol kollu qatt ma konna ser inwettquh, aktar w' aktar meta wieħed iżid ma dan kollu l-appoġġ kostanti tal-benefatturi kollha tagħna, li jafdaw fl-integrita' tagħna sa l-anqas ċenteżmu li minn qalbhom joffru għas-Soċjeta' u għall-Festa. B' sentenza waħda ippruvajt nilħaq lil kulħadd; b' kelma waħda nipprova nrodd ħajr lil kull min qed jagħti sehemu f' dak kollu li għaddej bħal' issa fil-Każin: Grazzi!

Bħas-soltu, l-appell aħħari tiegħi hu sabiex nieħdu sehem attiv fil-preparamenti tal-Festa, u tul il-Festa kollha, fil-knisja u barra. Nistedinkom, b' mod speċjali din is-sena, biex tattendu għall-quddiesa ta' radd il-ħajr ta' nhar il-Ħamis 10 t' Awissu u li fiha ser niftakru fl-erwieħ ta' missirijietna li grazzi għalihom li llum ninsabu kif qegħdin, imbagħad wara għall-Akkademja Mużiko-Letterarja li ser tkun okkażjoni oħra biex infakkruhom bl-aktar mod xieraq. Il-Festa ġġib ferħ fi qlubna, ferħ tassew jekk inkunu fil-paċi l-ewwel m' Alla u ma ħutna l-bnedmin kollha. Nevitaw kemm nistgħu kull imġieba li ma tixraqx f' dawn il-jiem ta' ferħ ħalli hekk kif dejjem sar, inkunu ta' eżempju mhux biss għan-nar, l-armar, banda, eċċ... li jkollna iżda, fuq kollox, eżempju ta' poplu matur li jibża' għall-għeżeż ħaġa li għandu: il-valuri morali sodi bħala Insara. Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd, speċjalment lill-morda u l-anzjani tagħna u lill-emigranti partitarji, li ma jistgħux igawdu magħna l-Ferħ ta' l-Għid ta' l-Assunta.

**Viva Santa Marija!**
**Viva l-Ewwel Soċjeta' Mużikali Imqabbija!**

**Peter Psaila,**
**Segretarju.**

# CONCORDE MINI MARKET

**Carmelo Ciantar Street**
**Mqabba**
**Tel: 680922**

**For Comfortable Shopping**

**FREE Delivery on Request**

**Prop: Mr. Mario Formosa**

SUPER S

**IRONMONGERY**
**Matteolo Saliba Street,**
**Żurrieq,**

*Fejn issibu:*

- Mirja u Madum tal-Kmamar tal-Banju
- Aċċessorji tad-dawl u l-ilma
- Ġir u Cement

Issibu wkoll kiri ta' Scaffolding, Chaser,
Jigger, Mixers u Fekruna għat-Trinek

**Tel: 689256**



Għal kull xogħol ta'
bibien, twieqi, turġien u gallarijiet
tip Malti irrikorru għand

# JOE'S
## PROFILE ALUMINIUM

**3, Valletta Road, Żurrieq,**
**Tel: 829601**

# APPELL MILL-KAXXIER



Għal darb' oħra reġa' wasal ix-xahar t' Awissu li jfakkarna li reġgħet waslet il-Festa tal-Padruna tar-raħal tagħna Marija l-Omm t' Alla Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u bil-ġisem: 'Marija Assunta'. Il-preparamenti għall-festa jinsabu fl-aqwa tagħhom; jonqos biss li nipparteċipaw fihom billi nieħdu sehem attiv. Dan ma jfissirx li għandna nieħdu sehem fil-marċi biss jew noqgħodu nitpaxxew bin-nar, l-armar, ecc. u nieqfu s' hawn. Hemm bżonn li nagħtu l-għajnuna kollha tagħna u mhux nagħmlu l-iżball li nistrieħu fuq il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv, qishom dawn huma xi nies imħallsin u kulħadd jippretendi minnhom. Festa ta' livell hekk għoli li qed ikollna sena wara l-oħra tirrikjedi ħafna xogħol u sagrifiċċju u l-piż hemm bżonn li jinqasam ftit fuq kulħadd. Jiddispjaċik tara xi nies li ħlief biex jikkritikaw ma ssibhomx u mbagħad meta tavviċinhom sabiex jgħinuk f' xi ħaġa dejjem issibhom bl-iskuża fil-komma. Il-krittika kostruttiva qatt ma bżajna minnha, anzi tajba u rriduha sabiex inkomplu mmexxu l-quddiem il-Festa li tant aħna magħrufin għaliha kif ukoll lis-Soċjeta' li tindokra. Għalhekk, meta wieħed jesprimi l-opinjoni tiegħu jew jagħti xi suġġeriment, għandu jkun lest joffri l-għajnuna kollha possibli u li jkun jista' jagħti; noqgħodu attenti wkoll biex naqtgħu il-paroli fil-vojt u kif inpoġġu kliemna għaliex tiskanta kif b' kelma bniedem tista' titfgħu il-ġenna jew l-infern!

Kull Fergħa li teżisti fis-Soċjeta' għandha bżonn l-għajnuna sabiex tkompli tiffjorixxi. Il-Kumitat Eżekuttiv, l-Għaqda tad-Dilettanti tan-Nar, iż-Żgħażagħ ta' l-Armar, in-Nisa li jħejtu, dawk li jorganiżżaw il-ġbir, il-bandisti......., dawn kollha għandhom bżonn l-għajnuna u l-inkoraġġiment ta' nies oħrajn. Mela ejjew fejn nistgħu noffru l-għajnuna minn rajna u mhux nistennew li niġu avviċinati, ħalli b' koordinament mal-Kumitat Eżekuttiv niggarantixxu suċċess f' kollox bis-sehem u s-sodisfazzjon ta' kulħadd.

Aħna, mingħajr daqq ta' trombi żejjed, ielna xhur nippreparaw sabiex fil-Festa ta' din is-sena ser infakkru lil dawk missirijietna li ħamsin sena ilu waqfu l-Orkestra 'Santa Marija' u li tat il-bidu għall-Ewwel Soċjeta' Mużikali fl-Imqabba. Bir-raġun niftakru li aħna konna l-pijunieri tal-kultura mużikali fir-raħal tagħna għaliex dan insibuh iddokumentat u bil-fatti meta l-orkestra tas-Soċjeta' tagħna ħadet sehem fil-Festa ta' Santa Marija ta' ħamsin sena ilu, propju nhar it-12 t'Awissu 1945. Għalhekk ejjew ilkoll flimkien infakkru din il-ġrajja storika u naħsbu u nirriflettu fuq dawk l-antenati tagħna li min jaf kemm ħadmu, stinkaw u għerqu l-għaraq tad-demm sabiex waqfu l-orkestra 'Santa Marija' meta, f' dawk iż-żminijiet ferm diffiċli, kienu jiltaqgħu flimkien mal-fundatur Ġużeppi Galea li b'kuraġġ ta' sur u b' determinazzjoni ta' l-għaġeb medd għonqu għax-xogħol sabiex ix-xewqa tiegħu tirnexxi.

Il-Kumitat ħejja Akkademja Mużiko-Letterarja nhar l-10 t'Awissu li ġej, biex matula nfakkru kif jixraq din il-ġrajja storika. M' għandniex xi ngħidu, huwa d-dmir tiegħi li nappellalkom għall-għajnuna sew fiżika kif ukoll finanzjarja; l-ispejjes tal-Festa diġa' huma kbar u qegħdin jogħlew minn sena għal' oħra, u għalhekk hemm bżonn ta' aktar appoġġ din is-sena meta qed norganiżżaw ukoll dawn il-Festi speċjali. Jien konvint mil-ġenerożita' tagħkom benefatturi, soċji u partitarji għax mill-esperjenza tiegħi, f' kemm ielni nokkupa din il-kariga responsabbli mmens ta' kaxxier, din qatt ma naqset!

Nagħlaq dawn l-erba' kelmiet billi nappella biex ilkoll flimkien nibqgħu nigbdu ħabel wieħed ħalli s-Soċjeta u l-Festa tant għeżież għalina jkomplu jissaħħu u jikbru fil-popolarita'. Nappella wkoll lil partitarji sabiex waqt il-marċi nifirħu flimkien, iżda b' sens ta' responsabbilta' u rispett lejn kulħadd, hekk kif dejjem sar. Inkomplu nuru li aħna nies maturi f' dak kollu li nagħmlu ħalli b' hekk il-Banda tferraħ lielna u lil dawk li jiġu jżuruna fil-granet sbieħ tal-Festa tagħna.

**Viva Santa Marija.**

**Carmel Briffa,**
**Kaxxier.**

# RAY CAMILLERI MARBLE WORKS LTD.

R CMW LTD. EST. 1985

## IRĦAM, GRANIT, RESIN

GĦAL KWALITA' TA' XOGĦOL
FUQ
MONUMENTI, TURĠIEN, PAVIMENTI,
KITCHEN TOPS, SKIRTINGS ETC.

KULL XOGĦOL TA' KUMENTI BIT-TOND
JINĦADEM BIL-MAGNA.

VALLETTA ROAD,
ŻURRIEQ - ŻRQ 10.
TELEPHONE: 827841
MOBILE: (099) 7386



# WILĠA STORES

TEL: 897912 - TELECELL: (099) 4965 - FAX: 690685

- TIMBER
- TIMBER PRODUCTS
- HOLLOW SECTIONS
- GALV. SHEETS
- BUILDING MATERIAL
- TOOLS / XIBKA
- INJAM TAX-XUTTER
- JAKKIJIET (PROPS)

S & L IMP/EXP LTD.
WILĠA STREET,
LUQA - LQA 02

# MILL-PINNA TAD-DIRETTUR SPIRITWALI



## *KEMM NIEĦDU GOST FIL-FESTA TAGĦNA*

Sa mill-eqdem żminijiet, it-Tlugħ fis-Sema ta' l-Imqaddsa Ommna l-Verġni Marija għadu Solennita' mill-akbar mad-dinja Kattolika kollha. Aħna l-Maltin ingawduha iżjed din is-Solennita' għaliex maż-żmien saret Festa pubblika, u hekk għada sa llum. Imma għar-raħal tagħna - **l-Imqabba** - il-jum 15 ta' Awissu beda jfisser anke xi ħaġa aktar: *Festa Speċjali,* għax il-knisja tal-parroċċa tagħna, sa minn qabel twaqqfet kważi 400 sena ilu, missirijietna ddedikawha lil **Marija Mtellgħa fis-Sema**. Għalhekk ngħidu bir-raġun kollu li "Santa Marija" hi l-FESTA TAGĦNA!

Festa, kull festa, hi okkażjoni ta' ferħ... Dan jgħodd ukoll, anzi iżjed, għal Festa reliġjuża. B'hekk, kemm għandna aktar għax **nieħdu gost fil-Festa Tagħna!** Ir-reliġjon m'hix ħaġa ta' dwejjaq u swied il-qalb. Xejn minn dan! Alla stess xejn ma jridna mdejqin, jew qalbna sewda! Jekk ġieli naqgħu f'dan l-istat, it-tort xejn m'huwa ta' Alla. Il-Mulej ħalaqna għax iridna nifirħu miegħu sa minn did-dinja stess, u wisq iżjed wara fil-ħajja ta' dejjem. Il-Mulej bagħtilna 'l Ibnu stess biex jifdina, u b'hekk jurina kemm xejn m'hu xħiħ f' imħabbtu lejna!

Għalhekk, issa li ġejja l-Festa tagħna, imissna nistaqsu ftit lilna stess: **Kemm nieħdu ġost fil-Festa tagħna?** It-tweġiba hi faċli... Nieħdu gost daqskemm kull wieħed u waħda fostna ngħixu fil-paċi kemm ma' Alla, kemm mal-proxxmu madwarna. Anzi, kieku nippruvaw nagħmlu dejjem hekk, żgur nieħdu ġost . tul is-sena kollha. Forsi xi wħud minna dan ma jirnexxilhomx, imma b'hekk ma jmur ħadd minna jaqta' qatt qalbu! Xi darba naslu... L-aqwa li nirsistu bis-serjeta' għaliex il-Mulej dejjem lest biex jgħinna, wisq iżjed milli naħsbu! Għala ma nippruvawx nagħmlu hekk għall-Festa tagħna? Nippruvaw, bla ma naqtgħu qalbna, ma nħallu qatt għal għada! B'rieda soda nippruvaw... mill-kwindiċina tal-Festa li ġejja...

Il-paċi fir-ruħ iġġib il-ferħ għax minn qalbna jixtered madwarna. Il-paċi fir-ruħ tikber u tistagħna iżjed ma nassistu għall-quddies u funzjonijiet oħra tal-Knisja. Il-paċi fir-ruħ ma tafx tkun moħbija, tidher sa fit-tbissima f'fommna, fl-ibiesi li nżanżnu u jagħtu gost anke lil qrabatna u ħbiebna, fit-tiżjin ta' djarna, u anke f'xi ikla tajba u xi qatra! Dan kollu jixraq għall-Festa tagħna ħalli aktar ikollna d-dritt ngħidu : **Kemm nieħdu gost fil-Festa Tagħna!** Malli tonqos il-paci vera tal-qalb, il-ferħ ta' barra jsir bħal maskra! Sabiex issaltan din il-paċi vera f'qalbna, imissna nagħmlu kollox bil-qies, bla esaġerazzjoni f'xejn, u bla piki.. la fl-ilbies, la fit-tiżjin, u lanqas fl-ikel u x-xorb! Dan imissu jgħodd ukoll għall-Festa fit-triqat tagħna billi nevitaw l-esaġerazzjoni u l-pika f' kollox: tiżjin, baned, logħob tan-nar u murtali, ċerti ħinijiet li jdejqu xi nies! Anke x-xjuħ u l-morda jridu **jieħdu gost fil-Festa,** iżda minħabba fihom jixraq nevitaw kull esaġerazzjoni. Anzi meta nżommu ċertu qies, b'hekk inkunu qegħdin naħsbu fl-oħrajn, forsi wkoll batuti u f'xi pajjiżi mbegħdin, biex anke dawn juruna **kemm jieħdu gost bil-Festa tagħna**!

B'dal-mod, fil-Festa tagħna, **jieħu gost tassew kulħadd:** Alla l-Imbierek, Marija Ommna, kull wieħed u waħda fostna, u anke dawk ħutna mbegħedin minna li jirċievu mill-Imqabbin Insara l-offerta ġeneruża f' ġieħ Santa Marija. Dan hu l-aqwa mod sabiex **nieħdu gost bil-Festa tagħna** li biha nagħtu tassew ġieħ lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema fejn tistenniena, lil kull wieħed u waħda minna!

**Patri Joseph M. Ghigo. S.J.**

# *RISTORANTE GUSMANA NAVARRA*

## CAN YOU RESIST TEMPTATION?

*Of course you can't when you dine at GUSMANA NAVARRA*

*A splendid historic house of character in RABAT*

*For exquisite a la carte*
*Excellent to tease your taste buds*
*beyond belief*
*Run by a young and efficient staff*
*always ready to satisfy the*
*most Demanding of Gourmet tastes:*

FOR RESERVATION:

Phone: 450638
FAx: 452415

28, ST. PAUL'S STREET,
RABAT RBT 12 – MALTA

***The Management and Staff of***
***Ristorante Gusmana Navarra wishes***
***The President, Committee and Supporters***
***a very successful Feast of***
**Santa Marija**




# KELMTEJN MIS-SURMAST DIRETTUR



Kulħadd jaf li jien m' hemmx għalfejn tiġi l-festa biex insemma leħni fis-Soċjeta' tagħna għaliex barra milli s-soċji għoġobhom itellgħuni membru fil-Kumitat Eżekuttiv, kelma għal ġid ngħida mingħajr tlaqlieq is-sena kollha. Ġieli jkun hemm min jaqbel miegħi, ġieli le, iżda l-importanti hu li mexjin il-quddiem bħala Soċjeta' daqskemm bħala Banda. Imma niġu għall-mument tal-lum meta ġejt mistieden nagħmel kelmtejn fuq dan il-ktejjeb leħen is-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

Is-sena l-oħra spjegajt kif il-Banda hija s-Sinsla tas-Soċeta', u meta fl-indirizz tiegħi dort il-fażijiet kollha storiko-mużikali tas-Soċjeta' tagħna, kont qed nipprepara lielkom, għeżież Soċji u Partitarji, għall-Ġublew tad-Deheb li imissna niċċelebraw din is-Sena - Egħluq il-Ħamsin Sena mit-twaqqif ta' l-Orkestra 'Santa Marija'. U meta ssemmi l-Orkestra, il-ħsieb mill-ewwel idur lejn il-Fundatur tagħha s-sur Ġużepp Galea, li f' ġieħu u f' ġieħ is-surmastrijiet u l-mużiċisti li servew f' din l-ewwel formazzjoni Mużikali Imqabbija ta' dan is-seklu, ser niddedikaw l-Akkademja Mużiko-Letterarja ta' nhar il-Ħamis, 10 t' Awissu 1995. Jien surmast Imqabbi, iben is-Socjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, u nħossni kburi minn dan għaliex trabbejt f' Soċjeta' li qatt ma naqset fiha l-Kultura Mużikali - kieku illum m'iniex hawn jien u tletin bandist tal-post li flimkien naħdmu bla serħan is-sena kollha, mill-kbir saż-żgħir, biex inġibu l-quddiem l-arti mużikali fil-każin tagħna u f' raħalna.

Kif qegħdin nagħmlu dan?

1. It-Tagħlim tal-Mużika huwa wieħed mis-servizzi indispensabli li toffri l-Iskola Mużikali tas-Soċjeta' tagħna u li tagħha jien responsabbli. M' għandix kliem biex nirringrazzja lil għalliema ddedikati li għandi jaħdmu miegħi, lis-sur Leonard Farrugia u lil għażiż ħija Raymond Camilleri, tas-sagrifiċċji li jagħmlu *senza interessi* biex jgħallmu lil alljievi tagħna. Hawnhekk inħossni fid-dmir li nisħaqq fuq il-fatt li, għal ġid ta' l-istudent, jien ma nħalli lil ħadd jingħaqad mal-Banda qabel ikun ħa t-tagħlim u t-taħriġ kollu u kif, mill-esperjenza tiegħi, inħoss li huwa meħtieg qabel ikun jista' jwettaq xogħolu ta' mużiċist ta' l-affari tiegħu u kif suppost. Il-Mużika m' hijiex *hobby* iżda missjoni li trid titwassal **dejjem tajjeb**, mingħajr kompromessi. Daqskemm nieħdu t-tagħlim tal-Matematika, Xjenza, Lingwi, eċċ. bis-serjeta', aktar minn hekk irridu nieħdu l-mużika għaliex hija Arti. L-ewwel ħaġa li tarbija tisma' sa minn ġo ġuf ommha huwa leħinha u r-ritmu tat-taħbit ta' qalbha, kif titwieled tibki, maż-żmien il-biki bla sens jibda jinbidel u jieħu forma aktar sonora, il-logħob jinvolvi taħbit ritmiku fuq laned, platti, *high-chair*, u kull ħaġa li ssib quddiemha........, u l-ħajja tibqa' għaddejja. Dawn kollha huma espressjonijiet mużikali primittivi f' kull bniedem, ġej minn fejn ġej, sinjur, fqir, iswed, bjond, eċċ. u li b' naqra attenzjoni mill-ġenituri fl-ewwel snin tal-ħajja, jistgħu jiġu żviluppati f' formazzjoni mużikali tajba li twassal biex, minn naħa l-oħra, il-moħħ taż-żgħar tagħna jiżviluppa b'saħħtu u b' ritmu mgħaġġel ferm. Għaldaqstant huwa importanti ħafna li ma nitraskurawx dan l-istadju hekk kruċjali fiż-żgħar tagħna għaliex il-quddiem jiddispjaċina żgur! Barra minn hekk, anki liż-żagħżagħ tagħna irridu nħeġġuhom jaqbdu din it-triq tat-tagħlim mużikali; hekk bdejt jien il-karriera mużikali, b' naqra imbuttatura, u li maż-żmien inbidlet b' mod u manjiera li llum il-mużika ma tħallinix kwiet, dejjem nistudja, nikkomponi, nidderieġi...., kieku nagħti l-lala anqas ħin għaliha nnifsi u għall-famija tiegħi ma tħallili. Ma qiegħedx ngħid dan biex kulħadd isir hekk iżda biex nuri li meta l-mużika tipprova teħodha b'mod akkademiku, professjonali u fuq

CATERERS FOR ALL OCCASIONS

Primavera

DOLCERIA

SCHOOL STREET, TARXIEN TEL:816226

# ALESSIO STATIONERY

CARDS - HABERDASHERY - CASSETTES
FILMS - VIDEOS - INDOOR PLANTS - SOUVENIRS
AND ALL YOU NEED FOR ANY OCCASION

★STARLIGHT★
Disco

Weddings - Engagements - Parties etc.
117, PARISH STREET, MQABBA.
TEL: 683292

# EARTH ELECTRODE

XOGĦOL TA' TĦAFFIR B'APPARAT
MODERN GĦAL EARTH ELECTRODE

IRRIKORRU:
PHILIP GRECH,
"MADONNA TA' PINU",
PLOT 10, KIRKOP ROAD, MQABBA.

TELEPHONE: 680842 - TELECELL: (099) 6683




**L-ewwel u l-aħħar paġna ta' l-*Overture Religioso FUNDATIO* li s-Surmast ikkompona propju għall-Akkademja ta' l-10 t' Awissu 1995.**

kollox bħala arti, il-moħħ ikollu dejjem fuq xiex jaħseb u b' hekk tbiegħed kull vizzji misħuta li hawn iduru maż-żagħżagħ tagħna, lesti biex jibilgħuhom.

2. Il-Każin huwa tal-Banda u għalhekk il-kejl li bih inkejjlu l-attivita' tal-każin huwa kemm hi attiva l-banda. Aħna m' hemmx għalfejn ikollna xi okkażjoni jew xi ċentinarju biex ngħamlu l-kunċerti s-sena kollha. B' din il-*policy* irnexxielna matul iż-żmien tat-tmexxija tas-Surmastrijiet J.M.Barbara, L.Spiteri, G.Martin u, bl-umilta kollha ngħid tiegħi ukoll, inżommu ħajja l-banda anki fl-aktar żminijiet diffiċli tagħha. Kien ikun ferm aktar iebes għaliha li nwettaq ix-xogħol tiegħi ta' Surmast Direttur li kieku ma kienetx għal l-għajnuna tad-delgat tal-Banda is-sur Mark Zammit, li b' sodisfazzjon ngħid li naqra naqra qiegħed jerfa' r-responsabbilta' amministrattiva kollha tal-Banda. Grazzi wkoll lill-Bandisti kollha, speċjalment lis-solisti, għaliex din is-sena ħadna xogħol doppju minħabba li ridna nippreparaw sew għall-Programm Strumentali ta' Lejliet San Filep, kif ukoll għal l-Akkademja.

3. Ir-rabtiet mill-qrib ma l-ex surmastrijiet ta' qabli kif ukoll ma ex-bandisti waslitni biex stajt nipprepara l-mużika xierqa għal l-Akkademja. Għamilt ħbieb ġodda, speċjalment mas-sur Joseph Farrugia, ex-President tas-Soċjeta' tagħna, ex-mużiċist ta' l-Orkestra 'Santa Marija' kif ukoll ex-bandist u delegat tal-Banda tagħna, li minn din il-paġna nixtieq nirringrazzjah. Allavolja kienet tirrekjedi xogħol kbir ta' preparazzjoni u arranġament tal-maġġoranza tal-mużika li ser nesegwixxu, pero ħadd pjaċir nagħmlu għaliex b' hekk ser ikun jista' jiġi apprezzat u mfakkar is-sehem ta' kull min ħadem biex ġab il-kultura mużikali il-quddiem f' dan il-każin.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi billi nifraħ lis-Soċjeta Santa Marija u Banda Re Ġorġ V bħala l-Ewwel Socjeta' Mużikali Imqabbija, nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-fiducja li dejjem wera fija, lill-bandisti, lill-istudenti tiegħi, lill-familjari tagħhom ilkoll u lis-soċji u l-partitarji kollha tar-rispett lejja, lil kull min għandu x' jaqsam mal-proġett tal-Planċier, speċjalment lil Imgħallem is-sur Carmelo Caruana u fl-aħħarnett nappella biex inħallu barra mil-Festa għażiża tagħna dak kollu li jdejjaq lill-proxxmu tagħna, hu fejn hu u hu min hu, ħalli verament inkunu nistgħu ngħidu li qed niċċelebraw il-Festa Kbira ta' Santa Marija!

**Mro. Anthony Camilleri, B.Mech.Eng.(Hons.), L.Mus.V.C.M.(Hons.), A.Mus.L.S.M., Surmast/Direttur.**

# Bellizzi
# Travel & Insurance

"El Paradiso", Mattelo Saliba Str., Żurrieq ZRQ 02
Tel 824519 Tel/Fax 689791

---

M'hemmx għalfejn tinżel 'l isfel biex:

1. taqta' biljett ta' l-ajru jew tal-Katamaran.
2. tibbukkja Tour/Gita mal-MONDIAL, BRITANNIA, SULLIVAN, SANDES, ALBERTOURS, EWROPA, HAMILTON TOURS, EURO TOURS, CITTA DEL MARE, CLUB HELIOS, POSEIDON, FLYAWAY TOUR jew xi cruise.
3. tibbukkja Lodging jew xi Coach Tour barra minn Malta.
4. tagħmel Transfer jew Insurance għall-Karozza, Dar, Ħanut, Kaċċa, Safar,Life jew Personal Accident

Agħmel bħal ħaddieħor ........... Ejja għandna
Tinqeda xorta ........... u malajr



# PRIVATE TUITION
# MATHEMATICS / PHYSICS
# ORDINARY LEVEL / MATSEC

# COURSES STARTING SOON
# PHONE 685704

# INDIVIDUAL ATTENTION GUARANTEED
# (MQABBA AREA)

# MILL-ĦAJJA TAL-BANDA



Din hija t-tieni sena għalija li qed niltaqa' magħkom permezz ta' din il-publikazzjoni ferm mistennija minnkom ilkoll. Kienet sena mimlija b' ħafna xogħol, sagrifiċċji iżda b' sodisfazzjon li jimlieni b' kuraġġ aktar minn qatt qabel sabiex inkompli f' din il-kariga ferm ta' responsabbilta' li ġejt afdat biha. Ejjew naraw flimkien x' kien jikkonsisti l-impenn tal-Banda tagħna minn meta ltqajt l-aħħar magħkom sena ilu.

Nhar it-30 ta' Lulju 1994 irid jibqa' mfakkar fl-istorja tas-Soċjeta' tagħna u ta' raħalna bħala l-ewwel darba li Banda Mqabbija għamlet servizz fl-Imqabba bil-bandisti tagħha biss; dan seħħ waqt il-Lejla Maltija u tant kien ta' suċċess illi ser nerġgħu nirrepetuh din is-sena wkoll. Barra milli l-Banda tagħna irċeviet it-tifħir ta' l-ammiraturi tagħha għall-mod kif esegwiet is-servizzi kollha li kellha matul il-Festa kbira li għaddiet, bla dubju ta' xejn paxxiet lil kull min semagħha tesegwixxi dak il-programm strumentali ta' nhar l-10 t' Awissu, 1994. F' Settembru imbagħad reġa' beda t-tagħlim ta' l-alljievi waqt li aktar tard f' Ottubru saret l-Ikla annwali ad unur tal-Bandisti tal-post. Dan kien is-sinjal li bih nindunaw li l-kunċerti kienu fil-qrib! U hekk kien għaliex kmieni f' Novembru li għadda, bdejna bil-kunċerti għall-programm ta' l-10 ta' Ġunju ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Minn dak in-nhar Iltqajna kull ġimgħa biex stajna nesegwixxu l-programm strumentali li jidher hawn taħt u li b' wiċċna minn quddiem ngħidu li ġie mfaħħar w' apprezzat ferm mill-mijiet ta' Maltin u Għawdxin li ħonqu l-pjazza ewlenija ta' Ħaż-Żebbuġ. Prosit kbir imur lis-solisti Raymond Camilleri (klarinett), Ġino Farrugia (kurunetta) u Adrian Zahra (Euphonium) kif ukoll lis-surmast dedikatissimu tal-banda tagħna Mro. Anthony Camilleri L.Mus.V.C.M. (Hons.), A.Mus.L.S.M., tal-paċenzja kbira li ħa sabiex ippreparana b' għajnejna magħluqin u sa l-anqas dettal għal dan il-programm.

| | | |
|---|---|---|
| March | Tannhauser | R.Wagner |
| Selection | West Side Story | L. Bernstein |
| March | Man of the Hour | H.J.Woods |
| Fantasia | Carmen | G.Bizet |
| Traditional | Maltese Folklore | A. Chircop |
| Innu Marċ | 12 ta' Mejju | A. Attard |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | A. Camilleri |
| Innu | Malti | R.Samut |

Qabel niġi issa għal l-Akkademja, ngħid biss illi l-banda tagħna ġiet mistiedna u daqqet marċi brijużi f' Ħal Kirkop (San Ġużepp), is-Siġġiewi (San Nikola), ir-Rabat (San Pawl) u ma rridx ninsa s-servizz eċċellenti li għamilna ġewwa l-Belt Valletta għall-Festi tal-Milied 1994, fejn dak in-nhar il-Banda tagħna żanżnet il-kompożizzjoni *Christmas Medley* tas-Surmast tagħna.

Mela kif spjegajt aktar il-fuq, il-programm ta' l-10 t' Awissu ta' din is-sena bdejna nippreparaw għalih wara s-servizz ta' Ħaż Żebbuġ, minħabba li għal l-Akkademja Mużiko-Letterarja tixraq mużika differenti. Hawnhekk, bla ebda dubju, tidher il-fiduċja li għandu s-surmast tagħna fina l-bandisti tal-post li fi ftit żmien kien lest jippreparana għal din l-ewwel attivita' kulturali tax-xorta tagħha fir-raħal tagħna. Waqt li qed nikteb dan ir-rapport, jonqos aktar minn xahar u diġa għaddejjin biż-żewġ kunċerti fil-ġimgħa ħalli nippreparaw kif jixraq għal dan is-servizz hekk importanti, u li grazzi għall-arranġamenti tas-Surmast/Direttur tal-Banda tagħna stajna ntellgħuh u nisperaw li jkun ta' suċċess.

# CHARLES MOTOR SERVICES

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 820275 - 689024

CHARLES MOTOR SEF



Mechanic Works
on Heavy Plants
and Engines.
24 Hrs. Towing Service
and Tyre Service.
Truck Boxes fitted
on Chassis Cab.

# SUPER 5 36

*The numbers game*

- Select 5 numbers from 1 to 36
- Available from any Lotto Office
- Draw Wednesdays
- Tickets 50 cents each

- **Wins for**
  5 numbers matched out of 5 numbers drawn
  4 numbers matched out of 5 numbers drawn
  3 numbers matched out of 5 numbers drawn

Public Lotto Department

Taħsbux li għax mhux qed jidher ritratt tal-bandisti ġodda ifisser li t-tagħlim fil-każin tagħna waqaf! Altru minn dan għaliex barra milli l-assistenti Raymond Camilleri (strumenti tal-qasba) u Leonard Farrugia (strumenti tar-ram) , taħt is-superviżjoni tas-surmast/direttur tagħna baqgħu għaddejjin bil-lezzjonijiet Ħadd wara Ħadd, għandna numru sabiħ ta' alljievi fl-iskola mużikali tas-Soċjeta' li jonqoshom ftit biex joħorġu jew waslu għall-istrument. **Bħas-soltu, nheġġeġ lill-ġenituri u liż-żgħżagħ li għandhom għal qalbhom il-Banda tagħna sabiex iressqu jew jersqu għat-tagħlim ta' din l-arti anġelika tal-mużika mogħti bl-akbar serjeta' u dixxiplina iżda b' xejn, kull nhar ta' Ħadd fil-każin tagħna.**

Is-snin 1996 u 1997 ser ikunu ferm importanti għas-Soċjeta' tagħna u b' mod partikolari għall-Banda tagħna għaliex matulhom ser nifirxu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew tad-Deheb mit-twaqqif mill-ġdid tal-Banda fi ħdan is-Soċjeta' tagħna. Għalhekk irridu nkomplu bl-isforzi tagħna b' aktar saħħa u determinazzjoni ħalli dak li żergħa l-mibki iżda qatt minsi s-sur Ġużeppi Galea - il-fundatur tal-mużika mhux biss fis-Soċjeta' tagħna iżda f' raħalna - inkomplu nikkultivawh u nġibuh il-quddiem hekk kif dejjem għamilna.

Qabel nagħlaq, nixtieq nirringrazzja lis-surmast u lill-bandisti sħabi ta' l-għajnuna li dejjem sibt minnhom, lill-kompożituri/familji tagħhom kollha li kkontribwew biex stajna ntellgħu l-Akkademja, lill-Emigrant Imqabbi u partitarju tas-Soċjeta' tagħna s-sur John Borġ illi reġa' bagħatilna ħafna siltiet mużikali għall-arkivju tagħna, lin-nisa li ħadu ħsieb l-uniformi tal-banda, lill-Kumitat Eżekuttiv tal-fiduċja li wera fiha u fl-aħħar u mhux l-anqas lielkom soċji u partitarji kollha talli tapprezzaw ix-xogħol tagħna l-bandisti u rwol tal-Banda bħala l-qofol **tas-Socjeta' tagħna.** J' Alla nkomplu nħabirku ħalli f' għaqda waħda jkollna l-planċier artistiku lest fil-mument saljenti taċ-Ċinkwantenarju tagħna bħala rigal denju lil din **l-Ewwel Soċjeta' Mużikali Imqabbija.**

**Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.**

**Mark Zammit,**
**Delegat Banda.**

## LIL MARIJA ASSUNTA PATRUNA TA' L-IMQABBIN

Hekk kif jasal dal-jum sajfi
minn t' Awissu fil-Ħmistax,
Festa kbira f' ġieħek nagħmlu
illi bħalha ma tarax.

F' dan il-Jum iddedikat lilek
festi kbar nagħmlu kull sena,
għażiża Patruna tagħna
o Marija Mtellgħa s-Sema.

U mal-Kori sbieħ ta' l-Anġli
inkantawlek ferħanin.
Ilqa' talbna o Marija
għalkemm aħna midinbin.

Ma nistax jien qabel nagħlaq
din il-ħelwa poeżija,
ma nlissinx mill-fond ta' qalbi,
"Viva, viva Santa Marija!"

Ħanina Marija Assunta
Int Patruna tal-Maltin,
iqimuk il-popli kollha
b' mod speċjali l-Imqabbin!

**Patrick Mallia,**
**Birkirkara.**
**11 ta' Jannar, 1995.**

## L-EDUKAZZJONI MUŻIKALI HIJA L-BAŻI TA' KULL TAGĦLIM

## INGĦAQAD MAL-BANDA RE ĠORĠ V U TKUN QED TAGĦMEL L-AQWA INVESTIMENT

FL-OKKAŻJONI TAL-ĠUBLEW TAD-DEHEB
MIT-TWAQQIF TA'

# L-ORKESTRA 'SANTA MARIJA'

1945 - 1995

IS-SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V
L-EWWEL SOĊJETA' MUŻIKALI IMQABBIJA
TIPPREŻENTA

# AKKADEMJA MUŻIKO-LETTERARJA

NHAR IL-ĦAMIS, 10 T' AWISSU 1995
FIT-8.00 P.M.
QUDDIEM IL-KAŻIN
TAĦT IL-PATROĊINJU TAL- E.T.
DR. UGO MIFSUD BONNICI
PRESIDENT TA' MALTA
U S-SINJURA TIEGĦU.

## PROGRAMM

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Pontificio | C. Gounod |
| Innu | Malti | R. Samut |
| | *Diskors ta' merħba mis-Sindku ta' L-Imqabba s-Sur Emanuel Buttigieg* | |
| Overture Religioso | Fundatio | A. Camilleri |
| Innu | Lil Santa Marija | J. Farrugia |
| | *Mill-Istorja Tas-Soċjeta'* | |
| Talba | Salve Regina | E. Deguara |
| Innu | Lil Marija Assunta | L. Spiteri |
| Talba | Ave Maria | J.M. Barbara |
| | *Profil tal-Fundatur is-sur Ġużeppi Galea mis-Sur Ġużeppi Farrugia* | |
| Innu | Lil Marija Assunta | J. Farrugia |
| Innu | Lil Marija Mtellgħa S-Sema | G. Martin |
| | *Diskors ta' l-okkażjoni mill-President tas-Soċjeta' s-sur Carmel Zahra* | |
| | *Messaġġ minn iben il-Fundatur, l-Onor. Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P.* | |
| | *Kelmtejn mill-E.T. President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici* | |
| | *Tqassim ta' 'souveniers' ta' l-okkażjoni mill-President tas-Soċjeta'* | |
| Innu Marċ | Marija Assunta | L. Farrugia |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | A. Camilleri |
| Innu | Malti | R. Samut |

**Mro. Anthony Camilleri, L.Mus. V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M.,
Surmast/Direttur.**

Mal-Banda, jieħdu sehem il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo, it-Tenur Francis Mangion, il-Baritonu Alfred Camilleri u l-Kor 'Marija Bambina' ta' l-Isla taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Callus.

**Jippreżentaw
Is-Sinjuri Joyce Guillaumier u John Zammit.**

Wara, l-E.T. President ta' Malta jiġi mistieden sabiex jikxef Lapida tal-Presidenti tas-Soċjeta' filwaqt illi s-Sinjura Giovanna Galea, mart il-Fundatur ta' l-Orkestra 'Santa Marija' tiġi mistiedna tikxef Lapida Kommemorattiva. Is-serata tintemm b' riċeviment fis-swali tal-Każin.

# *SILTIET MUŻIKALI GĦAL WAQT L-AKKADEMJA*

**Tagħrif ġenerali miġbur mis-sur Raymond Camilleri, B.Sc.**

Din is-sena, ħadna ħsieb infakkru għeluq il-ħamsin sena minn meta s-sur Ġużeppi Galea waqqaf l-Orkestra 'Santa Marija' fil-Każin tagħna. Għaldaqstant, wara s-servizzi li kellha l-banda, bdejna nikkunċertaw xogħolijiet mużikali differenti mis-soltu, li jixirqu okkażjoni bħal din. Kif tistgħu taraw, il-mużika li ppreparajna hija kollha ta' kompożituri Mqabbin/Maltin u li taw sehemhom f' xi żmien jew ieħor għat-tkabbir u t-tixrid ta' l-arti mużikali ġo l-għażiż raħalna. Ta' min wieħed jinnota wkoll l-emfasi li għamilna biex l-Akkademja isservi bħala radd ta' ħajr lil Alla u lil Ommna Marija Assunta għal dawn is-snin kollha li għaddew minn fuqna bħala **l-Ewwel Soċjeta' Mużikali Mqabbija.**

**Fundatio - Overture Religioso**
**A. Camilleri**

Il-pedament - dak li jfisser l-isem Latin 'Fundatio' ta' din l-*Overture Religioso* li s-surmast ikkompona propju għal din l-okkażjoni - il-pedament għaliex fuq l-orkestra 'Santa Marija' inbniet il-Banda Re Ġorġ V kif nafuha llum. Hija xogħol totalment rivoluzzjonarju għall-baned Maltin u Għawdxin minħabba l-fatt li, għalkemm maħduma fuq il-forma klassika ta' l-*Overture*, huwa xogħol iġġenerat minn funzjonijiet matematiċi permezz ta' programmar avvanzat tal-kompjuter. Wara introduzzjoni drammatika, tinstema' l-ewwel tema, il-*Largo Maestoso*, b' melodija modali, fit-tonalita' tas-Sib Minore, iżda sempliċi għall-aħħar sabiex tkun tista' tiġi żviluppata bil-mod il-mod permezz ta' ħafna ornamenti stil barokki idderivati mill-funzjonijiet matematiċi li semmejt aktar qabel, tat-tip *rotations, mirroring, shifting*, eċċ... *Bridge* qasir jeħodna fit-tieni tema, maħruġa wkoll permezz ta' l-istess funzjoniet matematiċi iżda f' temp aktar imgħaġġel, jiġifieri il-*Moderato*. Wara passaġġ qasir maħdum f' sekwenzi barokki u li jieħu l-forma ta' talba mqanqla, l-użu gradwali iżda persistenti tat-terzini jwassalna għall-passaġġ qawwi bl-istess tieni tema iżda f' ton il-fuq, jiġifieri Do Minore għal aktar effett. It-temp jerġa' jnaqqas ftit biex tidħol il-melodija fuq forma ta' talba li ssemmgħet aktar qabel u li twassal sabiex terġa' tinstema' l-ewwel tema, din id-darba fit-tonalita' armonjuża għall-Banda tas-Sol Minore u li twassalna għall-għeluq drammatiku hekk kif insibu fil-ftuħ.

**Lil Santa Marija - Innu - J. Farrugia**

Is-Sur Joseph Farrugia, għalkemm ilu nieqes sew minn raħalna, fejn kien idoqq fl-orkestra u l-banda tagħna kif ukoll għamel żmien President tas-Soċjeta' tagħna (1966 - 1969), pero baqa' xorta waħda attiv mużikalment (idoqq il-vjolin ma l-orkestra tal-*Cappella* ta' Mro. Francesco Diacono) u baqa' b' dik iċ-ċertu ġibda speċjali lejn is-Soċjeta' tagħna u l-Festa ta' Santa Marija. Kien ilu jberren ġo moħħu dan l-Innu Lil Marija Assunta iżda kellha tkun din l-okkażjoni tal-ħamsin sena mit-twaqqif ta' l-Orkestra 'Santa Marija' biex ispiratu jkomplieh b' aktar konvinzjoni sakemm lestieh u bdejna nikkunċertawh. Il-versi sbieħ u mqanqlin, li qed jiġu ppublikati hawn taħt għall-ewwel darba f' dan il-programm, ħa ħsiebhom hu ukoll. Il-kliem waħdu diġa' sabiħ aħseb w' ara meta tlaqqgħu mal-mużika tal-widna iżda espressiva li ħarġet mill-pinna ta' dan il-pijunier mużiċist lmqabbi. Fl-opinjoni tiegħi, ma setax jagħti radd ta' ħajr lil Ommna Marija Assunta, għal kemm żammet idejha fuqu tul dan in-nofs seklu li ilu fil-karriera mużikali, aktar minn hekk! Flimkien mal-Banda, ser jieħu sehem il-Kor 'Marija Bambina' ta' l-Isla.

# DENFAR

## *THE NAME IN CONCRETE*

• Building Construction • Concrete & Torba Suppliers
• Earth Moving • Trench Excavation
• In House Quality Control





**DENFAR**

*WHERE QUALITY COMES FIRST*

*Denfar House,*
*Old Valletta Road,*
*Mqabba*
*Tel: 683228, 685706*
*Fax: 689529*

**Innu**
**Lil Santa Marija**

Int kont dejjem fil-ħsieb tal-Kbir Alla
Lilek għażel minn fost il-bnedmin
Kellek tkun tempju safi għal Ibnu
għalhekk għola minn kemm Qaddisin.

Fil-Mulej sibt l-hena, bil-ferħ ruħek qabżet
B' mantar tal-qdusija b' għarusa għattiek
Biex meta l-waqt jasal għal fidwa tal-bniedem
Int tkun tempju xieraq biex jilqa' l-Mulej.

U ġejt fostna Marija bi ġmielek
Kewkba mdawwla fid-dalma tal-lej'
U b' dik l-'iva' li għidt lill-Arkanġlu
Tajtna l-Ibnek li kien il-Feddej.

Int tlajt o Marija, fejn Ibnek fis-sema
Sabieħa, glorjuża bil-ġisem u r-ruħ
Fost ferħ u kant ħelu ta' l-Anġli qaddejja
Fuq tron tal-qdusija mill-verġni merfugħ.

Ibqa' magħna mimlija bil-grazzja
Żommna bħalek meħlusa mid-dnub
U x' ħin tasal is-siegħa ta' mewtna
Ħudna miegħek ħdejn Kristu maħbub.

Assunta Marija int l-għaxqa ta' l-Għoli
Reġina ta' l-Anġli, Omm tagħna l-bnedmin
Tifħir, gieħ u glorja lil Ommna tas-sema
Minn qalbna lkoll nagħtu ta' wliedha Mqabbin.

**Joseph Farrugia,**
**1995.**

**Salve Regina - Talba - E. Deguara**

Ma stajniex ma ninkludux kompożizzjoni tal-mibki iżda qatt minsi Mro. Espedito Deguara A.(Mus.) L.C.M., li taħt id-direzzjoni tiegħu għamlet id-debutt tagħha l-Orkestra 'Santa Marija' ħamsin sena ilu. Kien surmast attiv hafna fil-kamp mużikali Malti u kkompona ħafna siltiet mużikali sew għall-knejjes kif ukoll għall-baned. Billi tista' tgħid li għadda ħajtu jidderieġi l-Banda Santa Katarina taż-Żurrieq, ma kienetx diffiċli wisq għalina biex nidentifikaw silta mużikali li tixraq għall-okkażjoni bħal din, mill-arkivju rikk li ħalla warajh lil din is-Soċjeta' Mużikali. Grazzi għas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina taż-Żurrieq, ser inkunu nistgħu nesegwixxu din is-*Salve Regina* li Mro. Deguara kkompona lejn l-aħħar snin ta' ħajtu jiġifieri fl-1984. Il-kliem bil-Latin tas-*Salve Regina* qiegħed maħdum għal żewġ vuċijiet. Fl-ewwel parti ser nisimgħu it-Tenur *solo* biex lejn l-aħħar tmin battuti takkumpanjah il-Mezzo-Sopran.

**Ave Maria - Talba - J.M. Barbara**

Il-Banda tagħna għandha memorji u rikordji sbieħ ma dan l-ewwel surmast li dderiġiha. Kien hu li kompla jibni fuq il-pedament imqiegħed mill-orkestra tas-sur Ġużeppi Galea, u b' abilta' kbira bidilha f' Banda mil-lejl għan-nhar. Ħassejna li tkun ħaġa xierqa li ninkludu silta mużikali ta' dan l-ewwel Surmast tal-Banda tagħna (1947 - 1953): u x' hemm isbaħ milli nesegwixxu t-talba tant sabiħa ta' l-*Ave Maria*. Din il-kompożizzjoni fuq kliem bil-Latin tixraq lill-vuċijiet femminili: għaldaqstant, ser nisimgħuha interpretata l-ewwel mill-Mezzo-Sopran waħedha, imbagħad akkumpanjata mil-Kor.

**Lil Marija Assunta - Innu - L. Spiteri**

Mro. Leonard Spiteri F.L.C.M. huwa iben is-Soċjeta' tagħna. Ħadem ħafna sew fil-każin kif ukoll fil-banda. Barra milli kien it-tieni surmast tal-Banda tagħna (1953 - 1955) serva wkoll għal xi żmien bħala President tas-Soċjeta' tagħna (1955 - 1956) sakemm emigra l-Ingilterra. Minn Malta, flimkien mas-sur John Camilleri, bandist ieħor ta' l-ewwel żminijiet tal-banda tagħna, kienu l-ewwel Imqabbin li ġabu l-'Associate' tal-'London College of Music'. Iżda Mro. Spiteri ma waqafx hemm għaliex kompla bil-korsijiet mużikali li wasluh biex saħansitra akkwista l-'Fellowship' minn dan l-istess kulleġġ famuż Ingliż. Dan l-Innu li ser nisimgħu waqt l-Akkademja juri l-abbilta' fil-kompożizzjoni ta' dan is-Surmast Imqabbi minħabba l-mod kif inhu maħdum u armonizat. Il-kliem ta' dan l-Innu ma nafux ta' min huma; nafu biss li din is-sena jaħbat ukoll il-ħamsin sena minn meta dan il-kliem ġie mogħti in-*Nihil Obstat*, jiġifieri it-12 ta' Lulju 1945. Flimkien mal-banda, dan l-Innu ser jiġi esegwit mill-vuċijiet solisti f' din l-ordni: Baritonu, Tenur, Mezzo-Sopran u fl-aħħar ilkoll flimkien bħala gran-final.

# COMBINED TRADES CENTRE

## SALJATURA STREET, MQABBA.

(wara Ċelest il-Mechanic)
Fejn issibu: Varjeta ta' għodda fosthom
Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Taps & Dies
Metric, UNF, UNC.
High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar,
Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.
Kiri ta' Chaser Speċjali għat-tħafir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.
Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00 p.m.
Is-Sibt mit- 8.00a.m. - 12.30 p.m.



Book early for
*Weddings, Baptisms, Parties etc.*
AT

# BARON CONFECTIONERY

Żurrieq Branch
Dun Ġużepp Zammit Street, Żurrieq
Tel: 826819



# ĦAĠAR QIM

*Bar and Restaurant - Ħaġar Qim*

Prop: Mrs. J. Cini
Tel: Mobile: 0997329

## Innu
## Lil Marija Assunta

F' dan il-jum ta' ferħ, Marija,
Minn ġo qalbna tajjar l-għem,
Li l-mewt tnissel f' dawk li jibqgħu,
F' dan il-wied ta' dmugħ u demm.

Kiefra l-mewt u kiefra l-ħasda
X' ħin ninfirdu minn xulxin:
Imma dan hu l-madmad tagħna
Għaliex aħna midinbin!

Mhux hekk Int, li sa minn dejjem,
Xgħelt bħal dawl fid-dlamijiet:
Għax kien safi l-bidu tiegħek,
Ma setgħux jirbħuk l-imwiet.

Ġejt magħżula - hekk kien xieraq -
Fost kemm huma l-Qaddisin:
Omm min ħalqek, Bint min għammrek,
Omm u xebba fl-istess ħin.

U Int waħdek wara Ibnek,
Fis-smewwiet mgħollija ġejt!
U Sultana w Avukata
Fuq il-Kori kollha għolejt.

Tini l-ferħ ta' l-Anġli meta
Qtajja qtajja ġew jilqgħuk!
Tini l-leħen li bih kollha
Dak in-nhar bdew ifaħħruk!

Għax Int Kbira, O Marija!
U min jista' jifhem qatt
Kemm Int kbira, kemm Int għolja,
Kemm mimlija bis-setgħat!

Itfa' mela, O Marija,
Fuq dar-raħal tagħna żgħir
Dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena
U ħarisna mit-twegħir!

Ħares dan ir-raħal ċkejken
Illi Lilek ħatar b' Omm
U Patruna, u setgħana,
Dirgħajk fuqu dejjem żomm.

Warrab minn ġo nofsna w eqred
Kull ma jista' jġib tiġrib;
Xerred barktek fuqna w għamel
Li kulħadd fik sliem isib.

F' dan il-jum ta' ferħ, Marija,
B' imħabtek kebsilna qalbna
Sawwab fuqna hena w' barka
Biex quddiemek ngħollu talbna.

Ave Maria
Ave Maria
Ave Maria

***Nihil Obstat***
***Vallettae die 12 Julii 1945***
***P. Paulus Tabone, O.F.M.,***
***Cens. Theol.***

**Lil Marija Mtellgħa s-Sema - Innu - G.Martin**

L-isem tal-mibki iżda qatt minsi Chev. Mro. George Martin A.(Mus.) L.C.M., O.S.T.J., huwa marbut mas-Soċjeta' tagħna mhux biss minħabba li għadda 'l fuq minn ħamsa u tletin sena jidderieġi l-Banda tagħna iżda l-aktar għal dan l-Innu kapolavur li kkompona fl-1963, fuq versi tad-Direttur Spiritwali tas-Soċjeta' tagħna Patri J.M. Ghigo, S.J. Huwa xogħol maħdum hekk kif titlob l-arti mużikali: għall-vuċijiet u kor. Wara introduzzjoni strumentali f' temp immarkat *Maestoso*, jidħlu l-vuċijiet flimkien mal-kor f' passaġġ ta' madwar tletin batuta fit-tonalita' tad-*Do Maggiore*. Wara *bridge passage* li fih il-vuċijiet u l-kor jieħdu siltiet mil-kliem ta' qabel, jidħol it-tieni moviment, biex insejħulu hekk, fuq il-kor fit-tonalita' tas-*Sib Maggiore* u f' temp aktar imgħaġġel, jiġifieri *Allegro*. Din il-parti tispiċċa bi djalogu bejn il-vuċijiet u l-kor. It-tielet moviment, f' temp aktar rilassanti jiżvolġi f' romanza mil-isbaħ tat-tenur fit-tonalita' tal-*Mib Maggiore*, li aktar il-quddiem jolterna d-diskors mal-baritonu u l-kor. Hawnhekk tidħol il-famuża *Ave Maria* ta' dan l-Innu fuq il-vuċijiet kollha u li wara ripetizzjoni, twassal għall-kadenza fuq it-tenur u l-baritonu. L-aħħar moviment jiftaħ b' fanfara fit-tonalita' ta' *Sib Maggiore* mill-ġdid. Wara sensiela ta' rispostini bejn il-vuċijiet solisti, jidħol il-kor u li jwassalna għall-final majestuż ta' din il-kompożizzjoni ġawhra tas-Soċjeta' tagħna.

**Lil Marija Assunta - Innu - J.Farrugia**

Din hija kompożizzjoni oħra tas-sur Joseph Farrugia, fuq versi ta' Patri J.M.Ghigo S.J., Direttur Spiritwali tas-Soċjeta' tagħna. Din id-darba, għandna xogħol aktar impenjattiv minn ta' l-ewwel, maħdum għal-vuċi tenorili, akkumpanjat minn dik femminili bħal ta' kor jew, kif ser nisimgħuh din is-sena, għal vuċi ta' Mezzo-Sopran. Wara introduzzjoni qasira, jispikka mill-ewwel it-tenur. Aktar tard, wara seba' battuti, tidħol it-tieni vuċi l-ewwel *sola* imbagħad flimkien fejn joħolqu dwett armonjuż għall-aħħar. Jibqa' jirrepeti b' dan il-mod sakemm insibu final qawwi u espressiv. Hawn taħt jidher il-kliem ta' dan l-Innu iddatat l-10 ta' Frar, 1947.

PEUGEOT 306 Cabriolet

PEUGEOT

• EXCITING • EXCEPTIONAL • EXCLUSIVE

306 Cabriolet

by pininfarina

CHARMING and CHIC

Enjoyment of the 306 Cabriolet is not just because of its styling and interior, but it also incorporates a very high degree of active & passive safety. Its technical success is also measured by the rigidity of its body shell.




Available in 2 different engine sizes: 1761c.c. and 1998c.c. with manual or automatic gearbox.

PEUGEOT CONCESSIONAIRES

MICHAEL ATTARD Ltd.

National Road, Blata l-Bajda. Tel: 238854, 221951

PEUGEOT 306 Cabriolet

## Innu
## Lil Marija Assunta

**Rit.**
**Hallina ntennulek, Marija,**
**Din l-għanja li ssawret mas-snin,**
**Irridu ngħallmuha 'l uliedna**
**Biex biha jsellmulek kull ħin!**

Int għexta ġo qalbek
Il-ħajja tal-fidwa,
U qalbek intgħasret
F' demm Ibnek Mislub

Għalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.

**Rit.**

Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-ġenna,
Imdawra mill-anġli
Għannejja tas-sliem,

Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
Tas-sema bla tmiem.

**Rit.**

Id-dinja Bik tifraħ,
Tissieħeb ma' l-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieħ,

U lilek issellem,
Omm Alla, Sultana,
Mogħnija bis-setgħa
Ta' drieghu rebbieħ.

**Rit.**

**Patri J.M.Ghigo, S.J.**

Kif tistgħu taraw, ippreparajna programm ta' tifħir u radd il-ħajr lil Ommna Marija Santissima, f' għeluq dan in-nofs seklu li għadda minn fuq is-Soċjeta' tagħna bħala l-Ewwel Soċjeta' Mużikali Imqabbija. Hija ħasra li, programm ta' din ix-xorta u uniku għar-raħal tagħna, ma stajniex nagħmluh fil-Knisja Parrokjali, il-post fejn l-Orkestra tagħna daqqet propju ħamsin sena ilu, għal raġunijiet li ma kellniex kontroll fuqhom!


G. CAMILLERI & CO. LTD.

*Service Station*

Valletta Road, Żurrieq,
Tel: 827235

Issibu kull ħaġa li teħtieġ għall-karozza tiegħek
kif ukoll varjetà ta' BICYCLES,
Nagħmlu wkoll tiswijiet ta' PUNCTURES,

Thinking of

JABLO

for:

(expanded polystyrene)

- ❑ ROOF INSULATION (KONTRABEJT)
- ❑ COLD STORE INSULATION
- ❑ PRE-FABRICATED COLD ROOMS
- ❑ AIRCONDITIONING DUCTWORK INSULATION
- ❑ SPECIALISED SHAPES FOR IN SITE CONCRETE FORMS
- ❑ SOFFIT CEILINGS

**AND A MYRIAD OTHER USES?**

**Then consult the experts in the field with the longest and most experience:**

**MR. JULIAN CAMILLERI**
**ATC PLASTICS LIMITED**
**30, INDUSTRIAL ESTATE, LUQA**
**TELEPHONE: 244243 FAX: 666892**

**Galdes & Mamo Ltd.**

**81, ST. CATHERINE STREET, MQABBA.**
**TELEPHONE: 683142**

General Agents for Malta for

**Royal Insurance**

SUB-AGENT
undertake all classes of Insurance including:

- MOTOR
- PLATE GLASS
- FIRE
- TRAVEL
- BURGLARY
- MARINE
- EMPLOYERS' LIABILITY
- PERSONAL ACCIDENT
- YACHT & PLEASURE CRAFT
- PUBLIC LIABILITY
- HOUSEHOLDER/HOUSEOWNER COMPREHENSIVE

# L- 'IMQABBA FEST'



**Nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju 1994: L-ewwel Lejla Maltija sponsorjata mill-Elbros Construction Ltd., u li fetħet lil-Festa 1994.**



**Nhar it-Tnejn, 22 t' Awissu 1994: Permezz ta' Lejla Maltija oħra, sponsorjata mill-A.T.C. Plastics Ltd., ġiet fit-tmiemha il-Festa 1994.**

Matul ix-xhur sħan ta' Lulju/Awissu, daħlet id-drawwa li f' pajjiżna ssir il-*Malta Fest*, festival ta' kultura, divertiment u edukazzjoni imnedija mill-Ministeru tal-Kultura. F' raħalna, bl-għajnuna ta' l-*isponsors* ġenerużi tagħna, daħħalna d-drawwa li nifthu u ngħalqu l-Festa Titulari ta' Santa Marija, Festa popolari u tradizzjonali Maltija, permezz ta' żewġt iljieli Maltin. Din is-sena mhix ser tkun eċċezzjoni u għandna, barra s-sehem tal-Banda tas-Soċjeta', diversi artisti, kantanti, għannejja u *entertainers* Maltin li ser iżommu l-appuntament magħna lkoll għal **nhar il-Ħadd, 30 ta' Lulju u nhar it-Tlieta 22 t' Awissu** għal żewġ serati divertenti u li mhux ta' min jitlifhom. Grazzi għaż-żewġ *sponsors* tagħna għal din is-sena, jiġifieri ***Elbros Construction Ltd.*** u ***Southern Construction Ltd.***, ser inkunu nistgħu nofru aktar varjeta' ta' talent Malti lielkom soċji u partitarji u l-kull min għandu għal qalbu l-kultura Maltija, li b' inizjattivi ta' din ix-xorta, lkoll taqblu, li żżomm dejjem ħajja. Ikel u xi qatra inbid tajba mhux ser jonqsu żgur - dejjem **ibbukkjaw minn qabel** għand il-membri tal-Kumitat jew tas-Sezzjonijiet Nisa/Żgħażagħ; ovjament, kull ma jonqos hu li jkollna attendenza numeruża minnkom ilkoll bħal ma sar fis-snin l-imgħoddija.

Mela nistednukom tiġu u tieħdu gost mhux biss f' dawn iż-żewġt attivitajiet iżda tul iċ-ċelebrazzjonijiet kollha li l-Kumitat Eżekuttiv ħejja għal din is-sena, ċelebrazzjonijiet li minn sena għall-oħra ser jibqgħu imniżżla fid-djarju kulturali ta' pajjiżna bħala l-**Imqabba Fest**.

**Ċarmel Ellul u Francis Vella,**
**Koordinaturi.**

FOR ALL YOUR PHOTOGRAPHIC NEEDS

ARIANE
PHOTOGRAPHIC

Professional Video & Photographic Service for all occasions
Developing and printing – instant passport photos – studio photos
Films – batteries – cameras – telephones – flashes - radios
audio and video cassettes – calculators – albums – frames
soft toys - clocks

***Triq Karmenu Ċiantar - Mqabba - Tel: 689785***

MED LENS
OPTICAL CLINIC

*Sliema Road, Gzira GZR 04 Telephone 315730*
*55, New Street, Luqa LQA 02 Telephone 673238*

OPTICIANS

CONTACT LENSES | SPECTACLES

*Stockists Of:*
SERENGETI
Sunglasses by CORNING OPTICS
Slazenger
TIFFANY *lunettes*
GIVENCHY PARIS
INFINITE EYEWEAR COLLECTIONS




Large range of the very latest designer brands spectacle frames and sunglasses, full range of contact lenses including sterilising of all types of contact lenses. Tinting and anti-reflective coatings. Special hard coating of plastic lenses to avoid scratching.

24 hour service on most prescription lenses including photochromatic lenses

So why not drop in or give us a call on
**31 57 30 - 67 32 38**

*EYE SPECIALIST IN ATTENDANCE*

# 1932:- ŻEWĠ QNIEPEN ĠODDA

## GĦALL-KNISJA PARROKKJALI TAL-IMQABBA

**Tagħrif storiku miġbur minn Ms. Carmen Lia B.Ed.(Hons.), B.A.**

Fil-bidu ta' dan is-seklu il-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba kienet tempju tassew mill-isbaħ mogħni b'ħafna xogħolijiet tal-arti. L-artal maġġur kien artal prezzjuż magħmul mill-malakite u kien isaħħar lil kull min jarah. Fis-sena 1895 il-Knisja ġiet invjata, raffinata u miżbugħa b'kuluri adattati u ndurata. Fil-lunetti tal-koppla l-Professur Fillippo Venuti, pittur minn Ruma , pinġa l-erba' Evanġelisti li tant ingħoġbu għall-ideja sabiħa u ġdida tagħhom. Sentejn wara, jiġifieri fil-1897 il-parroċċani Mqabbin żiedu l-pittura tal-koppla li saret mill-istess pittur Fillippo Venuti. Din il-pittura li kienet tirrappreżenta l-Inkoronazzjoni tal-Verġni Marija fis-Sema mit-Tliet Persuni Divini intgħoġbot ħafna. Fl-1895 sar il-pulptu: fl-1905 l-orgni tad-Ditta Inzoli. [1]

Il-knisja tagħna ma kien jidher li jonqosha xejn. Tassew bħal ma jgħidu, l-ewwel ma tiekol l-għajn... imma l-widna trid sehemha wkoll u għalhekk wara li għadda ftit taż-żmien fir-raħal tagħna nħasset il-ħtieġa li jinxtraw xi qniepen ġodda biex ikun hemm is-sett komplut. Dak iż-żmien waħda mit-tliet qniepen maħduma minn Mastru Ġulju Cauchi fl-1876 magħrufa bħala "tal-Quddies" ġratilha l-ħsara u ġġenġlet. Għalhekk fil-kampnar kien hemm idoqqu biss erba' qniepen - waħda antika li ma nsibulha l-ebda kitba fuqha, il-qanpiena l-"Antika" tal-1789, il-"Vġili" u t-"Terza".

Kellha tkun is-sena 1932 meta fil-kampnar l-Imqabbin raw żjieda ta' żewġ qniepen - qanpiena kbira magħrufa bħala "Tal-Mejlaq" u qanpiena żgħira magħrufa bħala "Iż-Żubu". Iż-żewġ qniepen inħadmu mid-ditta ta' Aldo u Prospero Barigozzi ta' Milan, l-Italja li dak iż-żmien kienet ditta magħrufa ħafna. Ir-rappreżentant tagħha fil-Gżejjer Maltin kien is-Sur E. Busuttil. Insibu ħafna xogħolijiet ta' Barigozzi mxerrda ma' Malta u Għawdex. Fl-Imqabba l-ewwel ma nħadmet kienet il-qanpiena l-Kbira magħrufa "Tal-Mejlaq". Fl-istess żmien saret ukoll il-qanpiena l-Kbira ta' Birkirkara mill-istess ditta u saħansitra kien hemm xi Imqabbin li marru jaraw it-tlugħ fil-kampnar tal-qanpiena ta' Birkirkara.[2] F'xi żmien fl-1932 saret il-qanpiena "Iż-Żubu" mill-istess ditta.

**Kif nibet il-ħsieb tal-Qanpiena l-Kbira**

Jidher li kien Monsinjur Dun Giovanni Battista Ghigo mill-Imqabba, espert fl-intonazzjoni u fil-tonalita' tal-qniepen, li ħajjar lill-familja Zammit tidħol għal din l-opra. Dak iż-żmien il-Monsinjur kien Arċipriet fil-Parroċċa taż-Żurrieq u għalhekk kien ġara li darba fost l-oħrajn Wenzu Zammit li kien jiġi iben Mikiel il-"Mejlaq" mar saż-Żurrieq biex jixtri l-mediċina għall-ibnu Mikiel li kien jinsab marid. Dak iż-żmien fl-Imqabba ma kienx hemm spiżjerija u għalhekk l-Imqabbin kif kienu jagħmlu wkoll il-Qrendin kienu jinqdew bl-ispiżjerija ta' Giuseppe Saydon taż-Żurrieq.[3] Fiż-Żurrieq Wenzu Zammit b'kumbinazzjoni ltaqa' ma' Dun Giovanni Battista Ghigo li malli rah għajjatlu u qallu:- "Isma' Wenz hawn Malta hawn Taljan li hu fonditur u li ġie Malta biex jagħmel qanpiena għall-parroċċa ta' Birkirkara... Min jaf kieku nħajru lil missierek biex jagħmel il-qanpiena li jonqos ħalli jitkompla s-sett kollu tal-Imqabba." [4]

Dun Giovanni Battista jew Dun Patist kif kien magħruf mil-Imqabbin kompla jħajjar lil Wenzu biex ikellem lil missieru Mikiel dwar din il-proposta u jtih tweġiba. Wenzu Zammit dak il-ħin ma tantx

## MARTIN MONREAL IRONMONGERY

TRIQ IL-BRONJA, ŻURRIEQ
TELEPHONE: 682435

ISSIBU GĦALL-BEJGĦ:
MADUM - ŻEBGĦA TA' KULL KWALITA'
U ĦAFNA OĠĠETTI UTILI GĦALL-BINI.

KIRI TA' CONCRETE MIXERS
KIRI TA' CRANE JIGGERS
KIRI TA' SIĠĠIJIET

## *Carabott Jewellers*

*Dun Ġużepp Żammit Street,*
*Żurrieq*

*Telephone: 680760*
*Business Hours:*
*Monday to Friday 9.00 a.m. - 12.00 p.m.*
*4.00 p.m. - 7.00 p.m.*
*Wednesdays & Saturdays Half Days*

## NOEL'S CONFECTIONERY



ACCEPTS ORDER FOR
WEDDINGS, BAPTISMS
PARTIES ETC, ETC.

VJAL L-INDIPENDENZA , ŻURRIEQ.
TELEPHONE: 680458

Aħsbu kmieni għal kull ordni sabiex ma toħorġux diżappuntati.

kellu moħħ ta' dil-biċċa xogħol. Iżda l-ideja kienet għoġbitu u għalhekk Wenzu għarraf lil missieru b'dak kollu li kien qallu Dun Patist. Missieru pero' kien għadu kemm għamel xi opri oħra fil-Knisja u għalhekk ma tantx xtaq jidħol għall-opra oħra daqshekk malajr. Imma ibnu Wenzu baqa' jinsisti u fl-aħħar il-missier ċeda għax tħajjar li jagħmel il-qanpiena hu. Wenzu dlonk telaq bil-ħmar u l-karrettun lejn iż-Żurrieq ħalli jkellem lil Dun Patist biex minnufih jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex jiltaqgħu mat-Taljan[5] ġewwa l-Imqabba ħalli jara xi kwalita' ta' qanpiena riedet tkun u x'tonalita kienet meħtieġa.[6]

**Il-problemi ma naqsux**

Xi diffikultajiet inqalgħu kif jiġri dejjem speċjalment meta tkun ser issir xi opra ġdida. Kien hemm xi problemi rigward finanzi u kundizzjonijiet. Jingħad ukoll li l-Kappillan tal-Imqabba ta' dak iż-żmien il-Mosti Paċifiku Mifsud ma riedx iħalli lill-fonditur jitla' fil-kampnar[7].



**Il-Qanpiena l-Kbira. (Ħajr Leonard Falzon)**

Biss f'qasir żmien dawn id-diffikultajiet ġew solvuti. Kienet il-festa tal-Qalb ta' Ġesu' tas-sena 1931 meta l-fonditur Taljan tela' fil-kampnar biex jara l-qniepen l-oħra u jismagħhom idoqqu flimkien ħalli jkun jaf sew x'tonalita' kienet tinħtieġ għall-qanpiena li kien sejjer jagħmel.

Sar ftehim bejn Mikiel u Giovanna konjuġi Zammit minn naħa l-waħda u d-ditta Prospero Barigozzi minn naħa l-oħra fejn id-ditta intrabtet li tfondi qanpiena għall-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba b'nota mużikali ta' "Si grave" u li kellha tkun tiżen madwar 2000 kilogramm inkluż l-ilsien li kellu jiżen madwar 110 kilogramm u ċ-ċinturin tal-ġilda bil-ħolqa biex miegħu jiddendel l-ilsien.[8]

Il-qanpiena kellha tkun maħduma skond kif titlob l-arti u s-sengħa:- *"sana, sonora, di squillo esteso, di voce picua, robusta, dolce, argentina, accordata con precisione nel tono indicato... coll'attuale campana maggiore essistente sulla torre companaria di Micabiba... a giudizio d'esperto professore di musica nominato della medesima Ditta Figli Barigozzi, la quale si obbliga alla garanzia per un anno."* [9]

Is-Sinjuri Zammit kellhom il-fakolta' li jmorru jaraw u jeżaminaw il-qanpiena fil-funderija ta' Barigozzi f'Milan u fil-każ li dan ma jsirx *" il diritto di*



**Mikiel Zammit mal-Qanpiena l-Kbira. (Ħajr Innocenzo Farrugia)**

*esaminarla ed approvala alla ricesione in Malta o a Micabiba dal Loro perito."* [10]


ICE CREAM
ICE CREAM
Lyons Maid

Il-bronż kellu jkun assolutament ta' l-aqwa kwalita' *"con garanzia d'analise chimica in proporzione 79% di rame e 21% di slagno"*.[11]

Il-prezz tal-qanpiena ġie ffissat bil-prezz ta' 11.30 liri Taljani l-kilogramm, tal-ilsien 9 liri Taljani l-kilogramm u ċ-ċinturin tal-ġilda bil-ħolqa xi 70 liri Taljani lkoll. Dan il-prezz kellu jinkludi l-assikurazzjoni kontra xi ħsara u qsim li t-trasport bil-baħar seta' jikkaġuna lill-qanpiena.

Is-Sinjuri Zammit kellhom il-fakolta' li jagħżlu xi kitbiet qosra u xi immagini ta' Qaddisin li kellhom issiru fuq il-qanpiena.



**Il-Kappillan Paċifiku Mifsud. (Ħajr Paola Mifsud)**

Il-qanpiena kellha titlesta u tiġi mibgħuta Malta madwar tlet xhur wara d-data tal-firma tal-ftehim.

Interessanti l-fatt li l-konvenju ġie iffirmat minn Prospero Barigozzi nnifsu li kien jinsab Malta. Mikiel u martu Giovanna Zammit it-tnejn iffirmaw permezz ta' salib għaliex ma kienux jafu jiktbu u bħala xhud kellhom lill-Kappillan Dun Paċifiku Mifsud.

Dwar il-permess meħtieġ sabiex issir qanpiena ġdida ġiet preżentata ittra fil-Kurja Arċiveskovili mill-Kappillan Dun Paċifiku Mifsud li ġġib id-data tal-10 ta' Ġunju tal-1931 i ddaħlet fl-Indiċi tar-Rikorsi taħt it-titolu *"Autorizazzione di lavoro - campane - Osservazione"*.[1]

**Minn Milan għall-Imqabba**

Wara li l-qanpiena tlestiet fil-funderija ta' Barigozzi f'Milan, din ittieħdet għall-port ta' Genova minn fejn telqet għal Malta fis-16 ta' Diċembru tal-1931 fuq il-vapur "Garibaldi". Meta waslet Malta fit-22 ta' Diċembru 1931 ma tħallitx toħroġ mid-Dwana qabel ma tħallset it-taxxa fuqha.[13] Fit-23 ta' Diċembru 1931 il-qanpiena ttieħdet fl-Uffiċju numru 12, Bridge Wharf, il-Marsa, fejn il-piżatur pubbliku G. Micallef Goggi ħa l-piż tal-qanpiena weħidha. Imbagħad



**Taljan mal-Qanpiena l-Kbira. (Ħajr Patri Karm Zammit)**

mix-xatt tal-Marsa l-qanpiena nġarret fuq karru miġbud minn Imqabbin. It-triq kienet kollha ħofor u mħarrbta u meta waslu għat-telgħa ta' Ħal-Luqa il-karru bil-qanpiena fuqu ġie miġbud mit-'truck' tal-linja bl-isem ta "Lusitanja", propjeta' tal-Imqabbi Ġanni Sammut li dak il-ħin kien inzerta għaddej minn hemm. Il-qanpiena jingħad li kienet mgħottija b'bandiera Maltija u l-ilsien tagħha kien maqlugħ minn mal-qanpiena u mqiegħed got-'truck' biex ma ssirlux ħsara. Pawlu Zammit jiftakar li l-Imqabbin kollha minbarra Ġanni Abdilla telgħu fit-'truck' tal-linja sabiex ikun hemm il-piż. Il-karru tqabbad mat-'truck' u Ġanni

# MQABBA RADIATORS

Triq is-Saljatura, Mqabba
Tel: 685826

Għall tiswija u Bejgħ ta' kull
tip ta' Radiators,
Xogħol garantit
Materjal ta' kwalità



PREZZIJIET NEGOZJABLI

# KATIE'S BEST BUY

90, ST. BASIL STREET, MQABBA.

(Wara l-Knisja)

"IL-FESTA T-TAJBA"
to all our Customers from
RICK and KATIE

## ST. PETER IRONMONGER & HOUSEHOLD GOODS

(Joe Farrugia)

TRIQ IT-TROLL – MQABBA.

TEL: 680143

JISSUPPLIXXU:

- KMAMAR TAL-BANJU
- MADUM TA' KULL KWALITA U STIL MILL-AQWA
- GEYSERS U STAINLESS STEEL SINKS
- FITTINGS TAD-DAWL U ILMA
- ASBESTOS PIPES U ŻEBGĦA TA' KULL KWALITÀ

U OĠĠETTI UTLI GĦALL-INDUSTRIJA TAL-BINI




Ġanni Sammut mat-'truck' tal-linja "Lusitania". (Ħajr Anthony Sammut)



Qabel it-tlugħ tal-Qanpiena l-Kbira. (Ħajr Ġużeppi Ghigo)




**Leli Falzon**

Żebbuġ - Malta

**Minibus Service**

Day & Night

Tel: 464203

Mobile: 099 9313



Zneiber

***Confectionery & Pastizzerija***

***Orders Accepted for
Weddings and All Occasion Parties***

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 803999

6, St. George's Street, Luqa
Tel: 677230

Abdilla dderieġa l-karru u ġera wara t-'truck'. Ċertu Carmelo Farrugia li kien riekeb ġot-'truck' għadu jiftakar li l-ilsien tal-qanpiena qaraslu subgħu. It-'truck' għadda mill-inħawi magħrufa bħala "Tad-Dawl", l-Imqabba u l-qanpiena twasslet ħdejn l-iskola.[14] Hemmhekk marru ħafna nies jilqgħuha u t-tfal ħarġu mill-iskola biex jarawha. Il-qanpiena fuq il-karru x' aktarx b' Wenzu Zammit fuqu nġarret għal Triq il-Karmnu u tpoġġiet fuq iz-zuntier fuq in-naħa tal-Kappellun tal-Agonija. Il-qanpiena sarulha żewġ pilastri tal-ġebel fejn wara ġiet imdendla magħhom għaċ-ċerimona tat-tberik.

Skond il-gazzetta ta' dak iż-żmien il-"Malta" tat-30 ta' Diċembru 1931 kienu ħafna n-nies li marru jarawha sakemm damet fiz-zuntier:- *"il-grande numero di ammiratori che da ogni parte vennero ad ammirarla"*.[15]

**Armar biex tittella' l-Qanpiena**

Matul dawn il-jiem, saru l-aħħar tħejjijiet biex il-qanpiena tittella' fil-kampnar. L-armar u kull ma kien jinħtieġ - ħbula, paranki, ktajjen, fallakki, tarjoli, 'winch' u buzzelli - inġieb u ntrama mis-suldati tar-*Royal Malta Artillery*. Is-Surġent li ħa ħsieb l-operazzjoni kollha kien is-Surġent Maġġur Paolo Borg R.M.A. minn Ħaż-Żebbuġ. Biss kien hemm ħafna rġiel Imqabbin li taw l-għajnuna tagħhom ukoll. Fosthom insibu lil Toni Borġ, Surġent mal-R.M.A., li kellu l-inkarigu li jitla' fuq il-kampnar tal-knisja u jieħu ħsieb il-lubrifikazzjoni tal-ħbula.[16] Giuseppe Facciol li kien ukoll suldat mal-R.M.A. kellu jieħu ħsieb il-ħbula biex tittella' l-qanpiena. Mqabbi ieħor li ta l-għajnuna tiegħu kien Pawlu Farrugia. Ġużeppi Busuttil minn Ħal-Safi jidher li kien ukoll involut fit-tlugħ tal-qanpiena. Imbagħad Ċensu Psaila kellu jitla' fuq il-'platform' tal-injam mal-qanpiena u permezz ta' njama forma ta' moqdief iżomm il-qanpiena milli taħbat mal-ħitan tal-kampnar, biċċa xogħol iebsa u perikoluża.

Intremgħu l-ħbula mal-kampnar tal-Knisja Parrokkjali u oħrajn mal-Koppla ta' Santa Katerina biex hi u tiela għal ġol-kampnar il-qanpiena tkun tista' tinqala' 'l barra mill- bini fejn hemm id-dar tal-Kappillan. It-tarjola kbira li kien hemm mal-istatwa ta' Santu r-Rokku li dak iż-żmien kienet għadha faċċata tal-bieb prinċipali tad-dar tal-Kappillan ingħatat iż-żejt biex il-ħbula tal-azzar ma jisħnux hi u tiela' l-qanpiena.



**Il-firem fuq il-kuntratt.**

Peress l-qanpiena kienet wiesa' 150 ċentimetru (ħames piedi), din ma kenitx ser tgħaddi mill-arkata tal-kampnar. Għalhekk inqalgħu l-erba' balavostri bil-bank b'kollox u xi ċnagen mill-koxxa tal-kampnar biex il-qanpiena setgħet tgħaddi. Dan il-qtugħ tal-ġebel mill-arkata ta' fuq

# Garden of Eden

RECEPTION HALL

Triq il-Barrieri, Zurrieq ZRQ 03, Malta.
Tel: 683425, 680167, 680372.
Fax: 680010

# Olive Gardens

RECEPTION HALL

'Tal-Mahruq', Triq l-Gharreqin. Mdina RBT 13 Malta.
Tel: 451143, 680167, 680372. Fax: 680010









**These Reception Halls are also available for other functions such as:**

**Engagements, Cocktail Parties, Barbecues, Maltese Nights, High Teas and Special Private occasions**

## Congratulations!

*You're getting married and the most exciting and wonderful day of your life is on the horizon - one day when all your dreams should come true.*

*A sensational dress, a golden wedding band, an abundance of perfumed flowers, fanfares, champangne, celebration and all eyes on you!*

*Make it a day everyone will remember as the most magical and special,*

*we're here to help.*

VIEWING DAYS :
TUESDAYS & FRIDAYS 5.30 TO 8.00PM
GARDEN OF EDEN - 683425
OLIVE GARDENS - 451143

l-arloġġ u t-tħejjija tal-post fejn kellha titqiegħed il-qanpiena sar kollu minn irġiel tar-raħal taħt id-direzzjoni ta' Mastru Pasquale Xuereb.

Kollox kien lest biex il-qanpiena tittella'...

**Tberik**

Għaċ-ċerimonja tat-tberik tal-qanpiena li saret il-Ħadd 3 ta' Jannar 1932 fid-9.00 ta' fil-għodu, iz-zuntier tal-knisja u l-kampnar iżżejnu iżjed mis-soltu. Weraq tal-palm sebbħu l-arloġġ tal-kampnar. Il-qanpiena li kienet maqtugħa mill-art ġiet imdendla ma' żewġ travi ta' l-injam li kienu wkoll imżejna b'weraq tal-ħarrub, rand, żebbuġ u palm. Madwar qadd il-qanpiena kien hemm girlandi tal-fjuri u girlanda oħra madwar il-kuruna.

L-isfel miz-zuntier quddiem id-dar tal-Kappillan inġabret folla kbira ta' nies, irġiel u nisa kulħadd libes għall-festa u anzjuż biex jara lill-qanpiena tiela'. L-irġiel, biċċa minnhom bil-kappel tat-tibna, xi ftit bin-nofs tomna u l-bqija bil-beritta f'rashom, kienu l-biċċa l-kbira lebsin is-sidrija. Xi nisa, kollha bl-għonnella, marru jarawha wkoll. Modesta Zammit mill-Imqabba tiftakar li dak in-nhar kienet il-ġurnata tal-għerusija tagħha iżda fil-għodu xorta telgħet biex tara l-qanpiena. Xi ftit nisa kellhom xi deheb fuqhom biex jiżżejnu. Biex jagħmlu wisa' għall-irġiel li riedu jagħtu daqq t'id fix-xogħol, in-nisa żammew lura.

Il-mistednin sabu posthom fuq iz-zuntier. L-Isqof Monsinjur Dun Mauro Caruano libes il-paramenti sagri u ta' bidu għaċ-ċerimonja tat-tberik tal-qanpiena *"assistito da due Rev.mi Capitolari, die' principio alla insolita cerimonia della consacrazione, la quale riusci' assai imponente"* [17]. Madwar l-Isqof kien hemm il-Kappilan Paċifiku Mifsud, il-Kleru Mqabbi fosthom l-Arcipriet Dun Giovanni Battista Ghigo, xi mistednin u ż-żewġ parrinijiet tal-qanpiena li kienu l-istess benefatturi tal-qanpiena, Mikiel u Giovanna konjuġi Zammit. L-ismijiet li ngħataw lill-qanpiena kien Marija...Mikiel...Giovanna.

Wara t-talb, l-Isqof tefa' l-ilma mbierek bil-weraq tar-rand fuq il-qanpiena, inċensaha u ġibed l-ewwel tokki fost iċ-ċapċip u l-entużjażmu tal-folla kbira li kienet preżenti.



**Monsinjur Giovanni Battista Ghigo kien li ħajjar lill-familja Zammit tagħmel il-Qanpiena l-Kbira. (Ħajr Tereża Debattista)**

Għal din l-okkażżjoni nġabet iddoqqq il-banda tal-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun.

**It-Tlugħ**

Il-3 ta' Jannar tal-1932 sebħet ġurnat bix-xita. Kif spiċċat iċ-ċerimonja tat-tberik il-qanpiena nġarret miz-zuntier għal quddiem id-dar tal-Kappillan biex tiġi mtella' fil-kampnar. Kienu ħafna l-irġiel li sabu posthom biex jiġbdu l-ħbula biex tittella' l-qanpiena. Mikiel Tanti li kien wieħed minn dawk li kien qed jgħin fil-ġbid tal-ħbula jirrakonta li quddiemu biss kien hemm mal-għoxrin raġel. Hi u tiela' fil-kampnar b'Ċensu Psaila fuq il-ġrabja mal-qanpiena, mill-ħbula tal-qanpien li kienu xxarrbu u simmnu fil-ġranet tax-xita li kienu għamlu qabel, deher ħiereġ xi duħħan u ħabat jinħaraq il-ħabel. Il-qanpiena twaqqfet għal ftit u Ċensu Psaila niżel mal-ħbula. Ix-xogħol waqaf għal xi ħin. Imbagħad pero' kompliet tittella' b'Ċensu Psaila magħha. Jingħad li l-Isqof Dun Mauro Caruana qagħad jara t-tlugħ tal-qanpiena minnn gallerija ta' dar fil-viċin iżda meta ra li x-xogħol kien ser idum ħafna, telaq.


Your car is probably your second largest investment.
Protect it now with the TUFF KOTE DINOL full protection programme.
Tuff-Kote Dinol by Dinitrol
◆ Tuff Kote Dinol Rustproofing & Dinitrol Clear
- the unique double treatment incorporating 'Dinitrol Clear' a glossy easy to clean transparent film for cleaner engine bays and door sills.
◆ Tuff Kote Dinol Fabric Protector
- prevents your upholstery from being permanently stained.
◆ Tuff Kote Dinol Paint Sealant
- ensures your paintwork remains as good as new for years.
F. & A. MAGRI
Airport Road, Luqa.
Tel: 809376 - 897917
Tony Spiteri (Pulitu)
St. Leonard Str., Victoria
Gozo. Tel: 551991
We take good care of your car.
Tuff-Kote Dinol
PAINT SEALANT
FABRIC PROTECTOR



Ċensu Psaila mal-Qanpiena l-Kbira. (Ħajr Karmena Ellul)

# NAXOS TYRE CENTRE

St. Thomas Street, Luqa
Fax / Telephone: 661138 Mobile: 099 4682
*(Opp. Runway)*

* Puncture * Battery & Tyre Services
* KN Alloy Wheels (Made in UK)
* Wheel Balancing
* Electronic Wheel Alignment
* Other Car Accessories
* Model Centre




## *Valentina Hair Centre*

*Hairdresser & Beautician*

*Triq il-Ħarriġiet, Mqabba*

*Tel: 683241*
*611281*






Business Hours:
Tuesday to Friday
from 9.00 a.m. to 12.00 a.m.
2.00 p.m. to 7.00 p.m.

Saturday from
9.00 a.m. to 7.00 p.m.
MONDAY CLOSED

Nixtieq il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

Fil-fatt ix-xogħol ma tlestiex dak in-nħar. Il-gazzetta 'Malta' tal-4 ta' Jannar 1932 tispjega id-dewmien u tgħid hekk:- *"Ma non si pote' terminare il lavoro in quel giorno a causa dell cattivo tempo".*[18] Pero' hawn min isostni li fil-kampnar ix-xogħol dam sejjer iżjed milli mistennin għar-raġunijiet oħra.



**Mastru Pasquale Xuereb idderieġa x-xogħol fuq il-Kampnar. (Ħajr Maria Muscat)**

Ix-xogħol jidher li ħabbat lill-ħaddiema. Hawn min jgħid li d-dewmien kien dovut għall-fatt li peress li fil-kampnar l-ispazju huwa limitat ma segħux joqogħdu ħafna nies biex jgħinu biex il-qanpiena tiddendel ma' travi tal-ħadid. Forsi l-ħaddiema kienu ħasbu li jtellgħu l-qanpiena f'postha b' idejhom iżda meta sabu l-ispazju limitat għal ftit irġiel biss, dan ma setax isir u l-qanpiena kellha tittella' f'postha billi ġew infilzati injam sabiex il-qanpiena tittella' ftit ftit sakem iddendlet mat-travu fil-kampnar..[19]

Joseph Farrugia minn Ħal-Qormi jiftakar li ġurnata wara t-tlugħ tal-qanpiena li kien jaħbat it-Tnejn, meta spiċċat l-iskol fil-ħdax u nofs, hu u xi tfal tal-iskola oħrajn għaddew minn ħdejn il-kampnar u raw xi suldati għadhom jaħdmu fil-kampnar. Ix-xogħol pero tlesta dak in-nhar stess jiġifieri fl-4 ta' Jannar 1932 u *"tutti quelli che erani presenti, rimasero entusiasmati al sentire i primi rintocchi".*[20]

Wara sar ix-xogħol tat-tiswija tal-kampnar u tqiegħdu l-balavostri f'posthom.

Jingħad li l-qanpiena daqqet uffiċjalment għall-ewwel darba fil-festa tat-Tliet Slaten Maġi fis-6 ta' Jannar 1932. It-ton tagħha ngħoġob



**Toni Borġ li ħa ħsieb il-lubrifikazzjoni tal-ħbula waqt it-tlugħ tal-Qanpiena l-Kbira.**

ħafna u ġie deskritt bħala sabiħ ħafna:- *"Perfettissima e' l' intonazione della nuova campana con le altre tre gia esistenti... Grave poi, e' il suono, dolce ed argentina la vibrazione. Meritata lode, pertanto e' dovuta alla rinomata ditta Barigozzi di Milano, ed al suo rapresentante in Malta, il signor E. Busuttil, i quali non risparmiarano fatica pel felice successo".*[21]

Kienu ħafna l-gażżetti li faħħru lill Mikiel Zammit u martu Giovanna għal dak li kienu għamlu għar-raħal:- *"Ai signori Michele e Giovanna coniugi Zammit presento' a nome di tutti i Micabibesi, i piu' vivi ringraziament per aver essi crogato tutta la somma necessaria, e per la fusione della campana, e per le spese occorrenti. Noi siamo a loro gratissimi, e i posteri li ricorderanno con lode e benedizione. Voglia il Signor rimunerarli con ogni sorta di felicita' in questa vita, riservando loro la gloria eterna in Cielo ".*[22]

LONG
ESTABLISHED
MANUFACTURERS
OF PRECAST &
PRESTRESSED
CONCRETE
PRODUCTS




Ta' Qali Crafts Village RBT 13, Malta. Tel: 415243, 415293, 611067 Fax: 434988, 611068



Although a relatively young company, Southern Construction has already gathered vast experience as it has been entrusted with works at the Power Station, St. Venera By-Pass, Ta' Qali National Park, home for the Elderly in Żejtun, several housing estates and works for the Malta Development Corporation.

The aim of Southern Construction Co. Ltd. is to give its clients the best service at reasonable prices. The company is already in the process of future expansion as it is the company's goal to be a well-known and reliable Construction Company in Malta.

SOUTHERN CONSTRUCTION Co. Ltd

Crafts Vilage, Ta' Qali RBT 13
Tel: 415243 - 415293 Fax: 434988

Il-gażżetta "Leħen is-Sewwa" tat-2 ta' Jannar 1932 ukoll kellha kliem ta' tifħir għall-benefatturi tal-qanpiena:- *"Nifirhu u natu prosit b' kalbna collha lil habricchi benefattur M. Zammit u lil familja tieghu, u lil ħafna ohrajn li hadmu biex l-opra tirnexxi, u nhegguh biex icompli jzejjen id-dar t'Alla, bhala ma ghamel xi snin ilu u issa, b'opri tassew ta' minn ifahharhom"*.[23]

Sa ftit taż-żmien ilu il-qanpiena kienet għadha ddoq fl-anniversarji tal-mewt ta' Giovanna jiġifieri fl-4 ta' Ottubru u ta' Mikiel fit-18 ta' Awwissu u f' liema ġurnata kienet issir ukoll quddiesa kantata. Lejliet it-18 ta' Awwissu l-qanpiena kienet ukoll tindaqq biex tfakkar lin-nies li l-għada kienet tkun ser issir quddiesa b'tifkira ta' Mikiel u martu Giovanna.[24]

F'għeluq il-ħamsin sena tal-qanpiena, fil-festa tat-Tre Re, sewwa sew fis-6 ta' Jannar, 1982, kienet saret quddiesa mill-Kappillan tal-Imqabba ta' dak iż-żmien jiġifieri Dun Anton Vella. Wara sar riċeviment imħejji minn Katarina Zammit biex tkompli tfakkar dan l-avveniment fejn kienu mistiedna ġirien, qraba u ħbieb tal-familja. Għal din l-okkażżjoni inħadem kejk kbir u tajjeb b'forma ta' qanpiena minn Michelina Buħagiar[25] u nqara diskors minn Patri Karm Zammit.

**Il-Qanpiena**

Din il-qanpiena li tinsab f'nofs il-kampnar hi l-ikbar waħda fost il-qniepen kollha li hemm u hija magħrufa bħala l-"Qanpiena l-Kbira" jew ukoll "Tal-Mejlaq" għaliex il-benefattur tagħha kellu l-laqam tal-"Mejlaq". Il-Mejlaq" jiġifieri Mikiel Zammit kien bidwi benestant u martu kienet Giovanna ne Inguanez.

Il-qanpiena weħida tiżen 2109 kilogrammi, l-ilsien tal-ħadid 105 kilogrammi u l-istringa tal-ġilda bil-ħolqa 1.900 kilogrammi (ekwivalenti b'kollox għal madwar 28 qantar). Hija għolja 150 ċentimetri u wiesa' wkoll 150 centimetri. Swiet is-somma ta' 24875.95 liri Taljani ekwivalenti għal madwar 365.16s 6d minbarra d-dazju li kien ta 36.11s 8d; għalhekk b'kolox swiet 402.08s 2d. Il-ħlasijiet kienu hekk:-

qanpiena tal-bronż ta' prima kwalita'
L. It. 23, 859.95
ilsien tal-ħadid L.It 945
stringa tal-ġilda u ħolqa L.It.70
Bolla L.It.1

Minn riċevuti ta' ħlasijiet li saru lid-Ditta Barigozzi nsibu li sar ħlas ta' madwar żewg terzi tal-prezz intier jiġifieri ta' L.It.14000 fil-11 ta' Awwissu 1931 u ntbgħatet riċevuta bid-data tal-25 ta' Settembru 1931 indirizzata lil Dun Giovanni Battista Ghigo bħala Arċipriet taż-Żurrieq. Ir-rimanenti somma ta' L.It. 10, 875.95 kellha titħallas sa mhux aktar tard minn xahrejn wara l-kunsinna tal-qanpiena. F'każ li l-pagamenti ma jkunux saru sa żmien sena mill-wasla tal-qanpiena f'Malta, kellu jiddekkorri l-imgħax ta' sitta fil-mija fuq ir-rimanetti somma. Pero' l-benefatturi tal-qanpiena rnexxielhom iħallsu s-somma li kien baqa' f'żewg pagamenti oħra, waħda bid-data tat-13 ta' Jannar 1932 (L.It. 6700) u l-oħra tas-6 ta' Frar tal 1932 (L.It. 4175.95) per saldu tal-prezz intieri.

Fuq din il-qanpiena nsibu miktub:-

*"MICHAELIS ET JOANNAE CONIUGUM*
*ZAMMIT*
*HUJUS PAGI MUNIPICORUM FILIORUM*
*AD AUGENDUM DEI CULTUM*
*ET POVENDAM DEIPARAE VIRGINIS*
*SIDERIBUS RECEPTAE GLORIAM*
*DONUM SUM.*
*ADNITENTE P. MIFSUD, CURIORE.*
*A.D. MCMXXXI."*

Bil-Malti tfisser :- "Jien hu r-rigal ta' Mikiel u Giovanna konjuġi Zammit, ulied dan ir-raħal, biex ikabbru l-qima lejn Alla u Lejn il-Verġni Omm Alla mtellgħa fil-Glorja tas-sema, mogħtija lill-Kappillan P. Mifsud, fis-sena tal-Mulej 1931.

Fuq din il-qanpiena ma nsibu l-ebda arma. Insibu disinni u ornamenti kif ukoll il-figuri tal-Kurċifiss, Santa Marija u San Mikiel.

**Iż-Żubu**

Il-qanpiena ż-żgħira magħrufa bħala "ż-Żubu" nħadmet ukoll mid-ditta ta' Aldo u Prospero Barigozzi ta' Milan u ġiet ordnata fi żmien

BRITISH AMERICAN
INSURANCE CO. LTD.

FOR LIFE AND
PERSONAL ACCIDENT INSURANCE
CONTACT

VICTOR SPITERI
(Financial Advisor)
Phone: 484784

BAKERY
Maypole
LTD
Carmel Debono

FANCY BREAD

14 St. Joseph Street, Qormi
1 Victory Street, Qormi
Tel: 488992

Erba' Mwieżeb Street, San Pawl
Tel: 581646

TORBÁ

TORBA GHAL TAHT IL-MADUM
U KONTRABJUT

IRRIKORRU

QUARRY 26 TA' KANDJA
L/O MQABBA
TEL: 689368 - 683382 - 673936

"TA' KAZZA"
(Hdejn il-Pumping Station)

il-Kappillan Dun Paċifiku Mifsud li pero ma kellux ix-xorti jaraha fil-kampnar għaliex fi Frar laħaq Arċipriet taż-Żejtun. Warajh laħaq Dun Giuseppe Debono bħala Kappillan tal-Imqabba.

"Iż-Żubu" hija l-iżgħar qanpiena fost il-qniepen kollha li hemm fil-kampnar. Din tħalsett min Mikiel Xuereb u martu Antonia nee Caruana. Lil Mikiel Xuereb l-Imqabbin kienu jsibuh bħala "ż-Żubu". Fuq il-qanpiena hemm din l-iskrizzjoni:-

*"NE DISCORS SIT CONCORIA VOCUM*
*TINTINABULIS ACCIEDO QUINTUM*
*PECUNIA CONFLATUM*
*MICHAELIS ET ANTONIAE CONIUGUM*
*XUEREB*
*MCM XXII*
*DITTA BORIGOZZI."*



**Mikiel Xuereb. (Ħajr Peter Farrugia)**

Sfortunatament ftit teżisti nformazzjoni dwar din il-qanpiena u huma ftit ukoll in-nies li jiftakru t-tlugħ ta' din il-qanpiena fil-kampnar. Jingħad li kien Dun Gużepp Xuereb li ħajjar lil Mikiel Xuereb jagħmel din il-qanpiena. Il-qanpiena tidher li ntrefgħet minn xi ħaddiema u ttellgħet għal ġol-Kampnar minn ġol-garigor. Probabilment intremgħu ħbula u travi ġol-garigor u ttellgħet ftit ftit peress li ma kinitx qanpiena kbira ħafna. Din il-qanpiena xxellfet xi ftit minn isfel għax aktarx li laqtgħuha hi u tiela'. Din il-qanpiena tqiegħdet fil-arkata li tħares lejn il-koppla fejn għadha hemm sal-lum.

Qabel saret il-qanpien l-ilsien kien ser jitħallas minn familja oħra mill-Imqabba iżda meta l-mara saret taf ma ħallietx lir-raġel tagħha għaliex sostniet li kellhom familja kbira xi jmantnu u għalhekk daħal għall-ispejjeż tal-qanpiena Mikiel Xuereb waħdu, magħruf bħala bniedem kwiet u twajjeb.

Fuq il-qanpiena hemm ix-xbihat tal-Qaddisin Protetturi tal-Benefatturi tagħha jiġifieri San Mikiel u Sant' Antnin. Mad-dawra kollha n-naħa ta' fuq hemm ornament ta' girlanda bil-fjuri u fil-vojt tagħha hemm dwawar qishom muniti b'uċuħ differenti.

Jingħad li l-qanpiena daqqet għall-ewwel darba fil-festa ta' Lapsi.

"Iż-Żubu" hija waħda mill-qniepen tal-arloġġ flimkien mat-"Terza" u l-"Ġdida"

**Iż-Żubu u l-Mejlaq**

Konna tassew ixxurtjati li ma tlifniex dawn l-opri sbieħ fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija meta fid-9 ta' April 1942 għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofs in-nhar waqgħu bombi li ġarrfu l-koppla u partijiet oħra mill-Knisja... il-bombi waqgħu sewwa sew ftit metri bogħod minn fejn qiegħdin dawn il-qniepen.

Ġrajja oħra ta' min isemmi hija s-6 ta' Marzu tal-1945 meta sajjetta laqtgħet il-kampnar u ġarrfet parti minnu u għall-grazzja t' Alla l-qniepen ma ntmessux.[26]

**Il-Qanpiena ż-Żgħira magħrufa "Iż-Żubu"**

**(Ħajr Giovanna Caruana)**



**Referenzi:-**

1. L-artal maġġur, il-pittura tal-koppla tal-lunetti, l-orgni u ħafna affarijiet oħra tkissru mill-għadu f'attakk aħrax fuq il-knisja tagħna fid-9 t'April, 1942.

2. Informazzjoni komunikata minn Baskal Spiteri.

3. Informazzjoni komunikata minn Joseph Farrugia ta' Ħal-Qormi.

4. Informazzjoni miġbura minn Patri Karm Zammit.

5. Wisq probabli t-Taljan kien il-propjetarju tad-ditta jiġifieri Prospero Barigozzi nnifsu għaliex kien hu stess li ffirma l-konvenju mal-konjuġi Zammit.

6, 7. Informazzjoni miġbura minn Patri Karm Zammit.

8, 9, 10,11. Vide konvenju bejn il-konjuġi Zammit u d-Ditta Prospero Barigozzi. Informazzjoni mogħtija minn Katarina Zammit.

12. Suppliche 1931 - Indiċi tar-Rikorsi, Kurja Arċiveskovili, Floriana.

13. Informazzjoni komunikata minn Dun Raymond Ellul.

14. Informazzjoni komunikata minn Anna Borġ, Mattew Zammit, Nazzareno Galea u Maestro Joseph Tonna.

15. Malta, 30 dicembre, 1931.

16. Informazzjoni komunikata minn Maria Sammut.

17. Malta, 4 gennaio, 1932.

18. Malta, 4 gennaio 1932.

19. Informazzjoni komunikata minn Alfred Xuereb.

20. Malta, 4 gennaio, 1932.

21. Malta, 4 gennaio 1932.

22. Malta, 4 gennaio, 1932.
L-ittra li dehret fil-gażżetta intitolata "A Micabiba kienet iffirmata A.G.B.G. li probabilment jirreferu għal "Arciprete Giovanni Battista Ghigo".

23. Leħen is-Sewwa, 2 ta' Jannar 1932.

24, 25. Informazzjoni komunikata minn Katarina Zammit.

26. Leħen is-Sewwa, 10 ta' Marzu, 1945.

# FESTA TA' SANTA MARIJA 1994
# RENDIKONT TAL-FESTA FIL-KNISJA

| | |
|---|---|
| DĦUL | |
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | LM 993.40 |
| Ġbir fil-knisja | LM 362.00 |
| **Total tad-dħul** | **LM 1355.40** |
| | |
| **ĦRUĠ** | |
| Żbilanċ mis-sena 1993 | LM 122.50 |
| Ċelebranti u saċerdoti barranin | LM 117.00 |
| Orkestra, Organista, Vuċijiet | LM 721.00 |
| Daqq ta' qniepen, Kappi, Anterni, Salib | LM 119.00 |
| Dwal fil-faċċata, Koppla u kampnar tal-Knisja | LM 320.00 |
| Fjuri | LM 57.00 |
| **Total tal-ħruġ** | **LM 1456.50** |
| | |
| **DĦUL** | **LM 1355.40** |
| **ĦRUĠ** | **LM 1456.50** |
| **ŻBILANĊ** | **LM 101.10** |

# SEZZJONI ŻAGĦŻAGĦ 'SANTA MARIJA'

Għat-tieni sena konsekuttiva ġejna mistiedna niktbu erba' kelmiet fuq dan il-ktejjeb sabiex flimkien naraw dak li wettqet is-Sezzjoni Żagħżagħ matul is-sena li għaddiet fi ħdan is-Soċjeta' tagħna. Naħseb li kull min hu midħla tas-Soċjeta' jaqbel magħna li ż-żewġ attivitajiet matul is-sena li aktar spikkaw kienu il-*Fun Run* tal-25 ta' Settembru u t-tifkira ta' *Jum l-Omm 1995* li għat-tieni sena konsekuttiva organiżżajna b'suċċess. F'din il-kitba għażilna li nagħtu mportanza l-aktar li dawn lż-żewġ avvenimenti. Madankollu qed ninkludu wkoll Kalendarju mimli bl-attivitajiet varji li-s-Sezzjoni organiżżat matul il-perjodu Lulju 1994 sa Lulju 1995. Nisperaw li għall-futur inkomplu mexjin sabiex dak li nbena matul dawn l-aħħar sena w nofs ikompli jitkabbar għall-ġid taż-Żagħżagħ kollha. Nixtiequ nirringrazzjaw li dawk kollha li dejjem għenuna b'kull mod meta aħna tlabna l-għajnuna tagħhom. Grazzi fuq kollox liż-Żagħżagħ li bil-preżenza tagħhom kull meta sejjeħnielhom, kull attivita' setgħet issir. Fl-aħħar nett nappellaw liż-Żagħżagħ sabiex mill-aħjar li jistgħu jgħinu fil-preparamenti tal-Festa. Nistiednuhom ukoll sabiex jieħdu sehem fl-Attivitajiet ta' matul il-festa. Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

**Il-Kumitat Sezzjoni Żagħżagħ**

**Kalendarju ta' Attivitajiet Organiżżati mis-Sezzjoni Żagħżagħ**

15.07.94 *Open Air Karaoke Night* quddiem il-Każin tas-Soċjeta'.
Festa 1994 Sehem attiv fil-preparamenti tal-festa. Ħruġ ta' *Sponsored T-Shirts* ġentilment sponsorjati min ***Ribbons*** li ġew mqassma b'xejn lill-membri tas-Sezzjoni. Ħruġ ta' Fuljett bi kliem tal-marċi li ġie mqassam mal-*Cassettes* tal-marċi ġodda.
08.08.94 Żjara fuq l-*Aircraft Carrier HMS ARk Royal.*
09.08.94 Sehem fil-laqgħa li ngħatat lill-ekwipaġġ tal-*HMS Ark Royal* waqt żjara li għamel ġewwa l-Imqabba għall-Festa 1994.
25.09.94 *Fun Run* ta' 3 mili. Għotja ta' Lm617 li Marija Buġeja għall-Kampanja Cash For Cancer-2
06.10.94 Laqgħa mas-Sindku flimkien mal-għaqdiet taż-Żagħżagħ l-oħra tal-Imqabba.
14.10.94 Laqgħa mas-Sotto Kumitat tal-Kunsill għaż-Żagħżagħ u Kultura.
16.10.94 Parteċipazzjoni f'Seminar organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba.
28.10.94 *Disco* ġewwaMqabba F.C. Hall Mqabba.
11.11.94 Parteċipazzjoni f'*Disco* flimkien ma Sezzjonijiet ta' Każini oħra.
Dic. 94 Sehem attiv fl-armar tal- Faċċata tal-Każin għall-Milied 1994.
14.12.94 L-ewwel anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni: quddiesa *Folk* ġewwa l-Knisja Parrokkjali, *Get Together* ġewwa s-Sala tal-Każin.
20.12.94 *Disco* ġewwa *Tremors Discotheque* Paceville.
31.12.94 Żjara fuq l-*Aircraft Carrier HMS Invincible.*
31.12.94 Sehem attiv fid-*Dinner Dance* Annwali tas-Soċjeta' għal għeluq is-sena ġewwa *Aida Hall* Żurrieq..
06.05.95 Ċelebrazzjoni ta' Jum l-Omm 1995 permezz t' Serata ad unur l-Ommijiet ġewwa s-Sala tal-kazin. Għoti ta' Rigali flimkienma' Somma Flus lil Grupp ta' Refuġjati.
14.07.95 *Bar-B-Q u Oper Air Karaoke* fil-Pjazza ta' Quddiem il-Każin.

# E. CATANIA WOOD CARVING

**Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura**

***MORRU GĦAND MANWEL CATANIA***

**SHOWROOM**
"Odyssey"
Bronja Street
Żurrieq

**WORKSHOP**
Odssey Garage
Alexander Street
Żurrieq

***Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.***
***Tel: 682137***

# FGP for all your requirements in FIBREGLASS & SHEET METAL WORK

*We manufacture and install*

- **Galvanized doors and shutters for garages and shops**
  • Round-the-corner garage doors • Up-and-over garage doors • Garage doors on hinges • Roller shutters for shops • Collapsible shutters for shops
- **Fibreglass water tanks which cannot corrode, are easy to install and are elegant in outlook**
- **Fibreglass boats**

We also manufacture office furniture, air-conditioning ducting, steel closed lockers, canopies, partitions and skylights.

## FGP Limited

49 Valletta Road Luqa Tel 233165/6

● Specialists in fibreglass, sheet metal jobbing and light engineering



**Fun Run - 25 ta' Settembru 1994.**

L-iskop ewlieni sa mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żagħżagħ fil-Kazin kien ibbażat fuq tiett affarijiet. **1.** Inżommu l-attivita' fost iż-Żagħżagħ għaddejja; **2.** Norganiżżaw attivitajiet kemm jista' jkun oriġinali; **3.** Inkunu ta' Għajnuna f'kull aspett. Dawn it-tiett għanijiet nistgħu ngħidu li lħaqniehim nhar il-25 ta' Settmbru 1994. Għall-ewwel darba fir-Raħal tagħna Żagħżagħ Imqabbin organiżżaw ***Fun Run*** b'għan li jiġbru Fondi għal ***Cash For Cancer-2***.

Kif għaddiet il-Festa il-kumitat iddeċieda li l-attivita' ta' wara l-festa għandha tkun xi ħaġa sportiva b'għan differenti minn tas-soltu. Ġie deċiż li ssir *Fun Run* u jinġabru fondi għal xi għaqda filantropika. L-għażla wagħqet fuq il-*Maria Bugeja Cancer Support Foundation*. Kif nafu fir-raħal tagħna ma tantx hawn esperjenza fejn tidħol atletika għalhekk ikkuntattjajna lis-Sur Innocent Sciberras, Atleta Mqabbi, li mill-ewwel offra l-għajnuna tiegħu. Wara għarrafna lil Maria Bugeja rigward il-ħsieb tagħna. Hi aċċettat bil-ferħa u stednitna niltaqgħu magħha ġewwa l-ufflċċju amministrativ tal-Fondazzjoni. Saret lagħqa bejn rappreżentanza tal-Kumitat u Maria Bugeja nnifisha fejn ġie spjegat x'kien hemm ippjanat li jsir u uffiċċjalment stedinnha lil Maria Bugeja sabiex tattendi għal di l-attivita'.

Matul ix xahar ta' Settembru ħadna ħsieb niġbru *sponsors* għaliha. Kull min ġie kkuntattjat, meta sar jaf bl-iskop ġenwin tagħna, mill-ewwel offra l-għajnuna tiegħu. Saret ukoll Kampanja ta' Ġbir ta' Fondi permezz ta' *Money Boxes* fil-Ħwienet/Każini; Għoti ta' Donazzjonijiet min xi Kumpaniji; ġabra bieb bieb madwar ir-Raħal kollu. Ġew mistiedna għadd ta' *Clubs* tal-atletika madwar Malta kif ukoll għadd ta' Atleti Maltin biex jipparteċipaw. Inħarġet *Press Release* fuq il-*Media* Lokali fejn tħabbret l-Attivita' flimkien mal-iskop tagħha. Saret ukoll lagħqa għaż-Żagħżagħ membrı tagħna li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom għall-*Fun Run*. Waqt din il-lagħqa gie spjegat u mqassam ix-xogħol li kulħadd kellu jagħmel waqt il-*Fun Run*.

Nhar il-25 ta' Settembru min kmieni filgħodu bdew jinġabru l-atleti. Kien hemm il-fuq min sittin parteċipant fosthom xi atleti Mqabbin. Matul il-*Fun Run* kollha kien hawn preżenti Maria Bugeja li anke kienet li *Starter Person* tal-


CANCER SUPPORT
FOUNDATION

30th September 1994

Sezzjoni Zghazagh Santa Marija
Mqabba

Dear Alfred & Chris,

I was very impressed with the efforts of your group to fundraise for Cash for Cancer 2.

Your money is much needed for us to carry on our work and I thank you from the bottom of my heart.

May God bless you and keep you in the palm of His hand.

Yours sincerely,

Maria Bugeja

No. ... Received from ... the sum of ... Maltese Liri ... Cents and ... Mils

Lm ...

CASH 2 CANCER

**L-ittra ta' ringrazzjament flimkien ma l-irċevuta.**

Ġirja. Il-*Fun Run* żvolġiet tajjeb ħafna tant li ħafna mill-atleti stagħġbu kif organiżżaturi mingħajr esperjenza ta' xejn irnexxielhom jorganiżżaw avveniment b'mod hekk perfett.

Wara tmiem il-Ġirja ġew ippreżentati *Sponsored T-Shirts* bħala tifkira lill-parteċipanti u l-*Helpers* kollha. Ġew imtellgħa rigali fost il-parteċipanti mogħtija wkoll minn Sponsors. Wara ġict ippreżentata somma ta' Lm617 lil Marija Bugeja li min naħa tagħha aċċetat f'isem il-Fondazzjoni li tagħha hi l-President. Wara sar diskors minn Maria Bugeja fejn irringrazzjat lil kull min għen u qed jgħin fil-Kampanja tagħha u spjegat fil-qosor il-għan tal-Fondazzjoni tagħha. Hi uriet ix-xewqa li avvenimenti bħal dawn għandhom jiġu nkoraġġiti u jkomplu jsiru. Wara Marija Bugejja żaret il-Każin tas-Soċjeta' fejn iltagħqet ukoll mal-Kumitat Eżekuttiv.

Kull Ħadd – 9 ta' Ottubru, 1994



IS-SEZZJONI Żgħażagħ Santa Marija ġabru s-somma ġeneruża ta' Lm617.23 mill-Fun Run li saret fil-25 ta' Settembru fl-Imqabba. Din l-inizjattiva saret b'risq il-Cash for Cancer 2. Grazzi għal nies bħal dawn, li jaħdmu għall-ġid ta' l-umanità u għal kawża tajba, Maria Bugeja Cancer Support Foundation tista' tkompli bil-ħidma tagħha fost nies milqutin mill-kanċer.



SOMMA sabiħa ta' Lm617.23 ingħatat lil Cash for Cancer 2 b'risq il-ħidma siewja li qed twettaq Maria Bugeja fost dawk li qed ibatu bil-mard tal-kanċer. Il-flus inġabru mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija waqt l-organizzazzjoni tal-fun run li saret fit-gimgħat ilu fl-Imqabba. Grazzi għal nies bħal dawn li jaħdmu għall-ġid ta' l-umanità u għal kawża tajba. Maria Bugeja Cancer Support Foundation tista' tkompli bil-ħidma tagħha fost nies milquta mill-kanċer.

TORĊA – il-Ħa...



## Għotja ġeneruża lil Cash for Cancer 2

● Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ġabru s-somma ta' Lm617 minn Fun Run li saret fil-25 ta' Settembru fl-Imqabba. Din l-inizjattiva saret b'risq il-Cash for Cancer 2. Dawn il-flus se jgħinu lill-Maria Bugeja Cancer Support Foundation biex tkompli fil-ħidma tagħha b'risq nies milquta mill-kanċer.

Il-*Fun Run* kif irrappurtata mill-gazzetti.

Il-jiem ta' wara l-*Fun Run* kienu segwiti min ittri ta' ringrazzjament mingħand Marija Buġeja personalment lis-Sezzjoni kuf ukoll lil kull min offra donazzjoni. Dehru wkoll rapporti fuq xi gażżetti lokali li faħħru l-inizjattiva tas-Sezzjoni Żagħżagħ Santa Marija. Aħna nħossuna kburin li bħala għaqda taż-żagħżagħ Mqabbin irnexxielna għal darba oħra nuru li ż-żagħzagħ Imqabbin huma fost l-ewlenin f'Malta fejn tidħol għajnuna Filantropka. Tajjeb li fl-aħħar nett nappellaw sabiex attivitajiet bħal dawn jiġu nkoraġġiti fir-Raħal tagħna. Fuq kollox_ meta tgħti għajnuna lil fondazzjoni bħal *Cash For Cancer -2* tista tkun qed tgħin lilek inniffsek għax bħalma qalet Marija Bugeja dakinhar tal-*Fun Run* "Wieħed min kull erba' persuni f'Malta qiegħed jew jista' jsofri mill-marda tal-*Cancer*".

Għal l-okkażżjoni tal-*Fun Run* 1994 **is-SEZZJONI ŻAGĦŻAGĦ SANTA MARIJA** flimkien ma **MARIJA BUGEJA CANCER SUPPORT FOUNDATION** jirringrazzjaw lil :

1. Elbros Ltd. , Farell Bathroom Centre, Goliath Developments Ltd., Hopleaf, J.C. Displays (Sponsors tat-T-Shirts)
2. Farsons Cisk (Għotja ta' Mineral Water)
3. G&Z Construction Ltd., ATC Plastics Ltd., Baldacchino Woodworks, Mangion Brothers, Denfar Ltd., Ħaġar Qim Bar & Restaurant, Menrad Ltd., Ħaddiema Malta Drydocks; Poplu Mqabbi Kollu, Parteċipanti kollha waqt il-*Fun Run* (Għotjiet ta' donazzjonijiet għal *Cash For Cancer - 2*)
4. Alessio Stationery; Ribbons Stationery; Tip Top Ltd., Tutto Sport (għotjiet ta' Rigali għall-parteċipanti)

**Jum l-Omm - 6 ta' Mejju 1995.**

Wara li għall-okkażżjoni ta' Jum l-Omm 1994 ġiet organiżżata b'suċċess serata ad unur l-ommijiet kollha membri tas-soċjeta', għal din is-sena l-kumitat tas-sezzjoni ħaseb sabiex jerġa' jorganiżża dan l-avveniment għat-tieni sena konsekuttiva. Wara laqgħa li saret mal-Kumitat tan-Nisa ġie mfassal programm. Ġew mistiedna n-nisa ommijiet kollha fi ħdan is-soċjeta', il-President u Kumitat Eżekuttiv flimkien man-nisa tagħhom, is-Sindku tal-Imqabba s-Sur Emanuel Buttigieg u s-Sinjura tiegħu u l- Kappilan tal-Parroċċa Fr. J. Bartolo. Għal darb'oħra din l-okkażżjoni ġew mistiedna grupp ta' Ommijiet refuġjati li hawn jgħixu f'Malta.

Għal din l-okkażżjoni kellna programm mżewwaq tajjeb ħafna. Bdejna billi kull omm preżenti ġiet ippreżentata bi fjura bħala turija ta' apprezzament. Wara ingħata bidu għal diskussjoni bejn *panel* magħmul minn Dr. Victor Shields u Dr. Marija Sciberras taħt iċ-*Chairmanship* tal-ġurnalist is-sur John Zammit. Is-Suġġett magħżul kien **"Ir-Rwol tal-Omm fil-Familja tal-Llum"**. Wara l-mistiedna ġew mitluba jieħdu sehem attiv billi jpoġġu l-mistoqsijiet tagħhom lill-*panel*. Ħaġa tassew interessanti kien il-fatt li anke r-refuġjati ħadu sehem fid-diskussjoni (ta' min jgħid li dawn il mistednin kienu jifhmu sew bil-lingwa Maltija). Wara d-diskussjoni tqassmu rigali lill-*panel* u lill-mistiedna l-oħra flimkien ma somma flus lir-refuġjati miġbura mill-membri nisa preżenti. Wara sar riċeviment għall-mistiedna kollha. Waqt ir-riċeviment Fr. Paul Buhagiar għoġbu jallegra lill-mistiedna b' kant popolari akkumpanjat mill-kitarra tiegħu.

Nagħlqu billi nirringrazzjaw lill-Kumitat Fergħa Nisa li għoġbu jagħti l-għajnuna tiegħu fl-organiżżazzjoni. Grazzi wkoll lill-mistiedna li għoġobhom jonorawna bil-preżenza tagħhom. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas grazzi lill-ommijiet kollha li attendew; fuq kollox dan kien il-jum speċjali iddedikat għalihom.

# MANUEL BEZZINA CO. LTD.

## IMPORT & EXPORT

Żerriegħa tal-Patata
Olandiża bikrija
ta' l-aqwa kwalita'



**LISETA**

CARA ŻERRIEGĦA TAL-PATATA
IRLANDIŻA TAL-QAGĦTA BAJDA.
RESISTENTI GĦAL-ĠLATA



***CARA***

TA GHAJNA HAMRA

## LISETA AND *CARA* SEED POTATOES

Importer of Fresh Fruits, Table & Seed Potatoes
and other Agricultural Products.

Office: 23 Liesse Hill, Valletta. Tel: 238558. Fax: 241194. Mobil: 099 7346
Residence: "Springfield", Excelsior Street, Għargħur. Tel: 410204, 412587.

# L-ASSUNTA

Int kont fil-moħħ minn dejjem tal-Ħallieq,
qabel l-għoljiet sbieħ sawwar u l-widien,
għax Int għoġobtu, kif Hu ried u xtieq,
f' tar-ruħ is-safa, l-aqwa tul iż-żmien.

Dak li ried mInnek qdejtu bla dewmien,
b' għotja ta' l-Iben, Feddej tal-bnedmin,
biex ħelisna mill-jasar tan-nirien
ta' dejjem, waqt li konna mifrudin.

Wasal iż-żmien li tħalli din l-art,
għaddejt mir-raqda ħelwa tlitt ijiem,
u kollok gieħ, Int tlajt m' Ibnek inġbart
fis-sema, fejn hemm għal dejjem is-sliem.

L-Appostli fetħu l-qabar ferħanin,
sabuh ward mimli, baqgħu mistagħġbin.

**Dun Ġorġ Farrugia,**
**26/6/95.**

**Nota ta' l-Editur:** Dun Ġorg twieled il-Ħamrun nhar il-25 t' April 1920 u hu ta' dixxendenza Imqabbija; fil-fatt hu Iben Imqabbin, Salvatore Farrugia (1885 - 1956) u Giuseppa nee' Galea (1888 - 1960). Nieħdu din l-opportunita' biex nirringrazzjawh u nawgurawlu *ad multos annos.*



## FEJN RAQDET OMMNA MARIJA SANTISSIMA

Skond it-tradizzjoni, Ommna Marija Santissima mietet Gerusalem u wara ġiet midfuna fil-Wied ta' Kidron. Illum, f' dan il-post fejn raqdet għall-ħajja eterna u minn fejn ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem insibu knisja (ara r-ritratt) mibnija fuq il-fdalijiet ta' Bażilika Biżantina. Il-kontroll ta' din il-knisja għadda minn idejn il-Franġiskani għal dawk Griegi w Armeni fis-sena 1757. Fil-preżent, anki l-Musulmani għandhom dritt jidħlu u jużaw dan il-maqdes hekk importanti.

**(Ħajr lis-Sur Tommy Agius).**

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba.
Tel: 683129

Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd
u jfakkru li huma jagħmlu

Xogħol fl-Injam ta' Kwalità Għolja

PREZZIJIET MODERATI



# JOE'S CRANE & COMPRESSOR HIRE





"SPRINGVALE" TRIQ IL-ĠILJU, MQABBA.
TELEPHONE: 689653 - MOBILE: 099 5354



# JAMES GREEN

FUNERAL SERVICE

IRRIKORRU:
'GREEN HOUSE'
ST. CATHERINE STREET,
QRENDI.

TELEPHONE: 827791
TELECELL: 099 4880


AMW
AGIUS MARBLE WORKS Ltd.
AGIUS MARBLE WORKS LTD.
Valletta Road, Mqabba – Malta
Tel: 820202
Fax: 826188
GRANITE, MARBLE AND LOCAL HARD & SOFT STONE PRODUCTS
KITCHEN TOPS, FLOORING, SKIRTING, TABLETO
STAIRS, FACADES, SHOPFRONTS ETC.
ARTISTIC RESTORATION
MOULDING AND SCULPTURE

# PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI F' ĠIEĦ
# SANTA MARIJA
## PATRUNA TA' L-IMQABBA
## 30 ta' Lulju - 22 ta' Awissu, 1995

### FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

**Il-Ħadd, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni, ċelebrazzjoni biblika, Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**L-Erbgħa, 9 ta' Awissu - Ħrug tal-Istatwa**
**7.30 p.m.** Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u l-Kwindiċina, isir il-ħruġ solenni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija. Jitkanta l-Innu *Ave Maris Stella* u l-Antifona.

**Il-Ħamis, 10 ta' Awissu - Jum it-Tifkira**
**6.00 p.m.** Quddiesa kantanta mill-W.R. Joe Bartolo, Kappillan tal-Parroċċa, b' sufraġju għall-erwieħ ta' ħutna s-Soċji u Benefatturi mejtin. Wara jitkanta *Te Deum* bħala ringrazzjament għal dawn il-ħamsin sena li għaddew minn fuq is-Soċjeta' bħala l-Ewwel Soċjeta' Mużikali fl-Imqabba.

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Tridu**
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R. Monsinjur Ġorġ Deguara, bl-omelija "Marija Mtella' s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem".
**7.15 p.m.** Ċelebrazzjoni biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Is-Sibt, 12 ta' Awissu - It-Tieni Tridu**
**7.00 a.m.** Quddiesa kantata solenni.
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R. Monsinjur Edgar Attard, bl-omelija "Marija Sultana tas-Sema u tal-Art".
**7.15 p.m.** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħadd, 13 ta' Awissu - It-Tielet Tridu**
**7.00 a.m.** Quddiesa kantata solenni.
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni u speċjali għall-Morda u l-Anzjani tal-Parroċċa mill-W.R. Kappillan, bl-omelija "Marija Saħħa tal-Morda". Fl-istess quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dlik tal-Morda.
**7.45 p.m.** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**It-Tnejn, 14 ta' Awissu - Lejlet il-Festa**
**8.15 a.m.** Quddiesa kantata solenni mill-W.R.Kappillan tal-Parroċċa Dun Joe Bartolo . Wara jitkanta t-*Te Deum*, l-Innu u l-Antifona.
**6.30 p.m.** Transulazzjoni solenni tar-Relikwija, immexxija mill-W.R. Monsinjur Peter Xuereb. Wara tiġi konċelebrata quddiesa solenni mill-W.R.Patri Joseph M. Ghigo S.J., Salve, Litanija u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tlieta, 15 ta' Awissu - Jum il-Festa**
**6.00 a.m.** Quddiesa Letta.
**7.00 a.m.** Quddiesa Letta.
**8.00 a.m.** Kant solenni tal-Lawdi
**9.00 a.m.** Quddiesa solenni konċelebrata bil-Paniġierku mill-W.R. Monsinjur Peter Xuereb.
**11.00 a.m.** Quddiesa Letta.
**12.00 p.m.** Quddiesa Letta.
**5.00 p.m.** Quddiesa Letta.
**6.00 p.m.** Sekondi Vespri mill-W.R. Monsinjur Peter Xuereb, Salve u Litanija.
**7.15 p.m.** Proċessjoni bl-Istatwa Artistika u Devota tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.
**10.15 p.m.** Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**N.B. (1) Il-Tnejn, lejliet il-Festa, fil-għodu u fil-għaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar. Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex jersqu lejn il-Qrar u t-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.**
**(2) Il-Mużika tat-Tlett Tridijiet, Lejliet u Nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-surmast il-W.R.Patri Salv Galea, O.P.**

**It-Tlieta, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**
**6.30 p.m.** Quddiesa kantata solenni, reposizzjoni tar-Relikwija, *Te Deum* u ċelebrazzjoni Ewkaristika.

# FESTI ESTERNI

**Il-Ħadd, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**
**7.30 p.m.** Mixgħela tal-faccata tal-Knisja u tal-Każin tas-Socjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nifttħu l-festa ta' din is-sena b' Lejla Maltija, bis-sehem tal-Banda tas-Soċjeta' u ta' talent varju Malti.

**Fil-ġranet tal-Kwindiċina**
**8.00 p.m.** Mixgħela tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**It-Tlieta, 8 ta' Awissu**
**8.30 p.m.** Riċeviment annwali għas-soċji, benefatturi u partitarji nisa u rġiel kollha fis-swali tal-Każin.

**L-Erbgħa, 9 ta' Awissu - Ħrug tal-Istatwa**
**7.30 p.m.** Toħrog l-Istatwa Artistika u Devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħha mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' l-*Ave Maria*. Wara, l-istess Banda taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M. (Hons), A.Mus.L.S.M., tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b' sett ta' marċi brijużi.

**Il-Ħamis, 10 ta' Awissu - Jum it-Tifkira**
**7.30 p.m.** Mixgħela ġenerali. Il-mistednin huma mitluba jkunu posthom.
**7.50 p.m.** Il-Banda tilqa' lill-Monsinjur Vigarju bid-daqq ta' l-Innu Pontificio.
**7.55 p.m.** Nassistu għall-wasla tal-E.T. President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici u s-Sinjura tiegħu, li jintlaqa' bid-daqq ta' l-Innu Malti.
**8.00 p.m.** Taħt id-direzzjoni ta' Mro.A.Camilleri,L.Mus.V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M., il-Banda Re Ġorġ V tagħti bidu għall-Akkademja Mużiko-Letterarja permezz ta' Programm Vokali u Strumentali.
**9.30 p.m.** Wara, l-E.T. President ta' Malta jiġi mistieden jikxef Lapida tal-Presidenti tas-Soċjeta' waqt li s-Sinjura Giovanna Galea, mart il-Fundatur ta' l-Orkestra 'Santa Marija' tiġi mistiedna tikxef Lapida Kommemorattiva. Is-serata tiġi fi tmiemha b' riċeviment għall-mistednin fis-swali tal-Każin.

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Tridu**
**8.15 p.m.** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro.A. Farruġia. L.Mus.L.C.M., tagħmel marċ brijuż mat-toroq tar-raħal u li jibda minn quddiem il-Każin.

**Is-Sibt, 12 ta' Awissu - It-Tieni Tridu**
**8.15 p.m.** Imiss lill-Banda *12th.May* ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex tferraħ it-toroq tar-raħal b' sett marċi brijużi. Il-Banda tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro.C.Cachia, u l-marċ jibda minn quddiem il-Każin.

**Il-Ħadd, 13 ta' Awissu - It-Tielet Tridu**
**8.30 p.m.** Minn quddiem il-Każin ukoll, jibda l-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar Tridu, li l-Banda Re Ġorġ V ila tagħmel sa mit-twaqqif tagħha, fost il-briju kbir tas-Soċji u Partitarji.

**It-Tnejn, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**
**8.00p.m.** Programm Strumentali mill-Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat, taħt id-direzzjoni ta' Mro.J.Vella, B.Mus.,F.L.C.M. Wara, l-istess banda tagħmel marċ mat-toroq tar-raħal.
**8.30 p.m.** Il-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, taħt id-direzzjoni ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn Triq il-Pal.
**10.00 p.m.** Hekk kif iż-żewġ baned mistiedna jaslu fil-Pjazza, jkomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjeta'.
**10.30 p.m.** Programm Strumentali mill-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M.

**It-Tlieta, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**
**10.15 a.m.** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M. (Hons),A.Mus L.S.M., tibda l-marċ ferm popolari ta' fil-għodu minn quddiem il-Każin.
**6.00 p.m.** Il-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn Triq Valletta.
**7.15 p.m.** Il-Banda Anici ta' Ħal-Qormi, taħt id-direzzjoni ta' Mro.F.Galea, F.L.C.M., tilqa' l-Istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-*Ave Maria*. Wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni.
**8.45 p.m.** X' ħin l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda *Queen Victoria* taż-Żurrieq, taħt id-direzzjoni ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir **Innu lil Marija Mtella' s-Sema**, kompożizzjoni ta' Mro.G.Martin A.Mus.L.C.M., O.S.T.J., fuq kliem tal-W.R.Patri J.M.Ghigo, S.J. Jieħdu sehem it-tenur Brian Cefai, il-Baritonu Joe Huber,L.R.S.M., kif ukoll il-kor 'San Sebastjan' ta' Ħal-Qormi. Wara l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha.
**10.15 p.m.** Il-Banda Anici ta' Ħal-Qormi tagħlaq il-Festa b' marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa.

**It-Tlieta, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**
**7.30 p.m.** Mixgħela tal-faccata tal-knisja u tal-Każin tas-Socjeta'.
**8.00 p.m.** Nagħlqu l-Festi ta' din is-sena bl-Lejla Maltija oħra

# TAR-ROBBA LIMITED

## CONCRETE BATCHING PLANT




Tar-Robba L/O Kirkop ZRQ 10, Malta
Tel: (+356) 683558, 685332
Fax: (+356) 824834

MILL-ISTORJA

# *TAS-SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE GORG V,*

## MQABBA,

## EST. 1910.

Il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V laqa' t-talba ta' ħafna soċji u partitarji sabiex fil-programm ta' din is-sena, jiġi nkluż artiklu dwar l-istorja ta' din l-ewwel Soċjeta' Mqabbija. Dan li qed jidher hawn taħt huwa biss ġabra qasira tal-ġrajjiet ewlenin li minnhom għaddiet din is-Soċjeta' iżda biżżejjed biex wieħed japprezza li, qegħdin kif qegħdin illum, huwa kollu sforz ta' missirijietna u l-antenati tagħna li waqqfu din is-Soċjeta' fuq pedamenti altru minn sodi. Dan ir-rapport ma kienx ikun possibli li kieku ma kinetx għar-riċerka kbira u metikoluża li għamel, u għadu qed jagħmel il-membru s-Sur Carmel Ellul, u li minn din il-paġna nixtiequ nroddulu ħajr. Ma ninsewx ukoll nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jgħaddielna kull informazzjoni jew l-iċken dettal u nħeġġu, speċjalment lill-anzjani tagħna, sabiex jaqraw sewwa dan l-artiklu u fejn jaħsbu li għad jonqos xi nżidu, ifitxu jgħaddu l-informazzjoni rispettiva lis-Sur Ellul jew lil xi membru ieħor tal-Kumitat sabiex inkunu nistgħu ninkluduha fil-ktieb li jitratta dwar Analiżi Storika tas-Soċjeta' tagħna u li fi ħsiebna nippublikaw fil-futur qarib.

Għall-ħabta ta' l-1887 Mikiel Żammit (ta' Guliermuwa), li t-tifel tiegħu Emanuel aktar tard għamel żmien twil fil-Kumitat tal-Każin Re Ġorġ V, kien responsabbli mit-Torri Vinċenti ta' l-Imqabba. Dan Mikiel Żammit, li kien jitgħallem il-mużika (u l-klarinet) għand is-Surmast Taljan Eduardo Farina - li kien joqgħod il-Ħamrun fi Triq Irjali qrib Santunnozzu u kien imexxi l-banda San Gejtanu - wara xi żmien għaqqad grupp ta' nies li kienu jitgħallmu l-mużika fit-Torri. Taħt dan is-Surmast Taljan, kienu jieħdu ħsieb idoqqu fil-festi tar-raħal. Iżda ġara li wara xi ħdax -il sena, kontra qalb Mikiel Żammit li għamel ħiltu kollha biex il-banda ma tisfrattax, din mietet ħesrem. **Mela l-ewwel punt importanti li joħroġ minn dan ir-rapport hu li l-ewwel banda Imqabbija hija dixxendenza diretta tas-Soċjeta' tagħna u twaqqfet fis-seklu l-ieħor u mhux f' dan.**

Fl-1905 twaqqaf l-ewwel każin soċjali taħt l'isem ta' Santa Marija, bi President is-sur Paolo Caruana. Issa, kif jaf kulħadd, fil-knisja parrokjali ta' l-Imqabba jinsabu żewġ statwi sbieħ, it-Titular ta' Santa Marija, xogħol il-magħruf statwarju Xandru Farrugia u l-Kunċizzjoni, xogħol Giovanni Darmanin li aktar tard biż-żjieda ta' l-anġlu bil-ġiljuwa, bdiet tessejjaħ il-Madonna tal-Ġilju. Dawn dejjem kellhom mhux id-devoti biss, imma anki partitarji u l-festi tagħhom u li matul dan is-seklu kienu jsiru għat-tnejn bl-akbar pompa - kif jixraq. Imma ġara illi billi fl-Imqabba sa l-1910 ma kienx hemm għajr każin wieħed li jieħu ħsieb il-festi kollha, dawk li kellhom għal qalbhom il-festa sekondarja tal-Madonna tal-Ġilju tnaffru billi deherilhom li aktar sar nar għall-Festa Titulari ta' Santa Marija. Xi wħud ukoll isostnu li ma dan il-fattur, xi konflitti familjari bejn il-membri ta' dan l-ewwel każin kienu l-konsegwenza tal-qasma tiegħu. Fil-fatt, is-Sur Paolo Caruana, fl-1911 sar l-ewwel President tal-Każin Papa Piju X, li aktar tard sar tal-Ġilju.

Biex jibqa' mfakkar l-avveniment storiku ta' l-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V, fl-1910, f' Malta kienu saru festi kbar u waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, fil-Każin saret laqgħa ġenerali fejn ġie deċiż li l-isem jinbidel minn Każin Soċjali Santa Marija għal dak ta' Re Ġorġ V, bl-ewwel President ikun is-sur Feliċ Żammit. L-iskopijiet ewlenin li għalihom ġie mwaqqaf dan l-ewwel każin soċjali fl-Imqabba kienu:

GOLIATH DEVELOPMENTS
LIMITED

FOR CONSTRUCTION, ALTERATION, FINISHING
& DEMOLITION WORKS
38, Valletta Road, Mqabba
Tel: 683369 Mobile: 099 4901/2





Ribbons

32, MELITA STREET, VALLETTA ☎ 239194
TOWER ROAD, SLIEMA ☎ 332585

1. Biex is-Soċji jkollhom fejn jiltaqgħu u jqattgħu il-ħin liberu tagħhom;
2. Biex jieħdu ħsieb u l-ħtieġa tal- festi esterni ta' Santa Marija, Titular tal-Parroċċa.

F' dawk iż-żminijiet bikrin, partikolarment fis-snin għoxrin, ingħata spinta kbira l-armar tal-festa, fuq disinn tal-kbir artist Bormliż Abram Gatt, fosthom it-12 -il Appostlu, Sant' Anna, San Ġwakkin u fl-aħħar u żgur mhux l-anqas, il-Kapolavur artistiku u magħruf ma Malta kollha bħala l-Inkoronazzjoni. L-istatwi nafu li kienu saru fuq disinn ta' artist daqstant ieħor famuż jiġifieri Karlu Darmanin. Kienu ħafna s-soċji u l-partitarji li taw sehemhom f' dan ir-rigward iżda żgur, b' ċertezza assoluta ngħidu, li ħadd daqs il-mibki iżda qatt minsi ex-President tas-Soċjeta' tagħna s-Sur Giovanni Ghigo ma ħadem biex sal-lum għadna ngawdu dawn l-opri artistiċi matul il-Festa Titulari ta' Santa Marija.

Fit-23 ta' Jannar, 1934 bit-tħabrik tal-President is-Sur Ġuże' Buġeja, inxtara l-każin preżenti u b' hekk żgurat ruħha l-ħajja tas-Soċjeta'. Ta' min wieħed jgħid li qabel din id-dar li tinsab f' 40, Pjazza tal-Parroċċa, is-Soċjeta' tagħna kellha s-sede tagħha fi tlett postijiet oħra, jiġifieri:

(i) l-ewwel każin kien f' numru 2, Triq il-Karmnu,
(ii) it-tieni kien f' numru 30, Pjazza tal- Parroċċa u
(iii) it-tielet kien f' numru 38, Pjazza tal-Parroċċa.

Fis-16 ta' Ottubru, 1936 saret żjara uffiċjali mil-Gvernatur ta' dak iż-żmien Sir Charles Bonham Carter fejn ġie milqugħ b' entużjażmu.

Bejn l-1939 u l-1945, matul it-tieni gwerra dinjija, il-bini tal-każin serva bħala Ufiċċini tal-Gvern, hekk kif servew diversi każini oħra f' Malta u baqa' hekk sakemm għadda t-tiġrib. Mhux biss iżda bejn l-1939 u l-1942, waqfet il-Festa wkoll.

Għall-ħabta ta' l-1939, Ġużeppi Galea (ta' Nozzi) li kien mużiċist tajjeb beda jgħallem il-mużika fil-każin bl-iskop li jwaqqaf orkestra, iżda ġara li faqqet il-gwerra u t-tagħlim kellu jieqaf. Fis-sena 1943, reġgħet bdiet issir il-Festa u fl-1944; meta l-qilla tat-tiġrib tal-gwerra kienet naqset mis-snin ta' qabel, l-istess Ġużeppi Galea reġa ntefa' b' ruħu u ġismu għat-tagħlim tal-mużika fil-każin tagħna biex flimkien mas-surmastrijiet Charles Schembri, Antonio Mamo, Espedito Deguara, il-Professur Pawlu Carabott u Francesco Azzopardi waqqaf l-orkestra 'Santa Marija'. L-ewwel programm immexxi minn Mro.Deguara sar ġor-raħal fit-12 ta' Awissu, 1945. **Allura t-tieni punt li rridu niċċaraw b' dan ir-rapport hu li, b' wiċċna minn quddiem ngħidu li s-Soċjeta' tagħna hija l-bidu tat-tixrid ta' l-arti mużikali fl-Imqabba u Ġużeppi Galea huwa l-fundatur ta' l-ewwel Soċjeta' Mużikali ġo raħalna.** Dan il-fatt inkomplu nissostanzjawh billi ngħidu li sakemm il-formazzjoni mużikali l-oħra tar-raħal tagħna daqqet għall-ewwel darba nhar il-Festa tal-Kunċizzjoni ta' l-1945, l-orkestra 'Santa Marija' kienet daqqet f' mhux anqas minn żewġ okkażżjonijiet qabel, jiġifieri id-debutt tat-12 ta' Awissu 1945 (li nżamm fuq palk f' Misraħ il-Knisja biswit il-Każin tagħna) u fil-knisja fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Fl-20 ta' Ottubru, 1946, waqt seduta ġenerali, l-orkestra inbidlet f' banda, bl-ewwel surmast ikun Mro.J.M. Barbara. L-ewwel programm mużikali twettaq nhar Ħadd il-Palm ta' sena wara, jiġifieri fid-29 ta' Marzu, 1947, b' għadd ġmielu ta' bandisti tal-post li fi tlett xhur bidlu l-istrumenti minn dawk tal-orkestra għal dawk ta' banda kif nafuha llum. Din hija prova oħra ta' kemm kien sod it-tagħlim mużikali li ħadu dawn l-ewlenin mużiċisti Imqabbin. **Dan iwassalna biex ngħidu li t-tielet punt imortanti li rridu niċċaraw illum huwa li ċ-Ċinkwantenarju mit-twaqqif tal-Banda ser jiġi ċċelebrat, jekk Alla jrid, fuq medda ta' sentejn; jiġifieri l-1996 biex jiġi mfakkar il-50 sena mit-twaqqif mil-ġdid tal-Banda u fl-1997 biex jiġi mfakkar il-50 sena minn meta l-banda hekk kif reġgħet ġiet kostitwita fis-Soċjeta' tagħna għamlet l-ewwel dehra tagħha.** Wara Mro. Barbara, fl-1951 il-Banda għaddiet taħt it-tmexxija ta' Mro. Leonard Spiteri, iben il-Banda. Fl-istess żmien, is-Sur John Camilleri wieħed mill-ewlenin bandisti tagħna wkoll kien ġab id-diploma mużikali. Dan ikompli juri b' liema ħeġġa u determinazzjoni l-banda kienet miexja 'l quddiem. Fl-1956, Mro. Spiteri emigra l-Ingilterra u għalhekk il-banda għaddiet taħt it-tmexxija ta' Mro. George Martin, li

SCICLUNA FLORIST



Garden Centre
Bronja Street
Żurrieq
Tel: 829621

For:... Weddings, Engagements, Parties, Souvenirs, etc...

# SPEND 'N' SAVE

***Discount Supermarket***

80, St. Catherine Street,
Żurrieq.

*Fejn il-mara tad-dar issib*
*minn kollox u fl-istess ħin*
*tiffranka l-flus u toħroġ sodisfatta.*

Ħin mis-7.00a.m. sas-7.00p.m. mit-Tnejn sas-Sibt
Tel: 689878

kellu ħajja twila mall-Banda u żgur jibqa' mfakkar għall-Innu kapolavur 'Lil Marija Mtellgħa s-Sema', fuq versi tad- Direttur Spiritwali attwali tas-Soċjeta' il-W.R. Patri J.M. Ghigo, u li ħallielna warajh. Wara l-mewt ħesrem ta' Mro. Martin, fi Frar tal-1991 il-Banda għaddiet taħt it-tmexxija ta' iben ieħor is-Soċjeta', jiġifieri Mro. Anthony Camilleri. Dan ma kienx ikun possibli li kieku mhux għat-tħabrik tal-President Onorarju tas-Soċjeta' u wieħed mill-ewlenin bandisti tal-banda tagħna is-sur Leonard Farruġia, li partikolarment f' dawn l-aħħar 20 sena ħadem bis-sħiħ biex jgħallem il-mużika fil-każin tagħna. Fil-fatt kien is-Sur Farruġia li għaraf bit-talent mużikali ta' Mro. Camilleri, dak iż-żmien alljiev tiegħu u mbuttah biex jieħu t-tagħlim meħtieġ għand Dr. Charles Żammit u b' hekk jikseb id-diplomi mużikali. U hekk kien għaliex fl-istess sena li ħa d-diploma ta' l-*Associate*, is-Soċjeta' sabitu lest biex imexxi l-banda tagħna. Sentejn wara, għamel unur ieħor lis-Soċjeta' tagħna meta kiseb l-għola diploma fit-tagħlim mużikali, jiġifieri l-Liċenzjat. Is-surmast preżenti ġibed l-amirazzjoni mhux biss tas-soċji u l-partitarji tagħna iżda anki ta' surmastrijiet oħra Maltin permezz tad-direzzjoni u l-kompożizzjonijiet tiegħu. B' mod partikolari is-Soċjeta' tagħna għandha għal qalbha ħafna l-Innu tal-Banda li kien irregalalha mal-ħatra tiegħu fl-1991.

Inkomplu nsemmu xi żjara oħra uffiċjali, propju dik li seħħet fis-6 ta' Ġunju, 1948, mil-Isqof ta' dak iż-żmien l-Eċċellenza Reverendissima Monsinjur Mikiel Gonżi, li saritlu laqgħa kbira denja lir-rgħaj Spiritwali tal-Gżejjer Maltin. Lejliet Santa Marija ta' l-istess sena, ġew imbierka u mżanżna tlett stendardi, dak Ingliż (mgħoti mis-sur Rokku Camilleri), tal-Papa (irregalat mis-sur Spiru Schembri) u dak Malti (miġbur mill-partitarji nisa).

Fl-14 ta' Novembru, 1948, waqt seduta ġenerali oħra ġie deċiż li l-każin jitkabbar skond il-pjanta ta' Ġuze' D'Amato ta' Raħal Ġdid. Ix-xogħol inbeda fit-12 ta' April 1949 u b-sagrifiċċji li llum ma jitwemmnux, intemm b'suċċess fit-13 ta' Mejju, 1951.

Fis-sena 1950, kienet is-sena Mqaddsa bid-Domma tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna bir-ruħ u l-ġisem. Għal din l-okkażjoni, bit-tħabrik tal-kumitat ta' dak iż-żmien, nhar id-19 ta' Awissu ġew iżuru l-każin tagħna Mons. Isqof Gonżi, il-Prim Ministru Dr. George Borġ Olivier, il-Ministru tal-Ġustizzja Dr. Joseph Cassar, u l-Ministru tal-Kummerċ Dr. Carmelo Caruana. Min jiftakar dik is-sena jaf x' festi kbar kienu saru ġewwa l-Imqabba. Ta' min wieħed ifakkar li l-istendard il-prim tal-banda (xogħol fir-rakmu bid-deheb u mħallas mis-sur John Camilleri u l-emigranti partitarji tagħna) ġie mżanżan ukoll f' din is-sena storika.

Fit-23 ta' Novembru, 1951, il-Gvernatur ta' dak iż-żmien Sir Gerald Creasy għamel żjara uffiċjali l-każin. F' Ġunju tal-1952, benefattur kbir tas-Soċjeta' tagħna is-Sur Lorenzo Ellul irregala statwa ta' daqs naturali, maħduma fil-ġebla Maltija mill-iskultur famuż Marco Montebello u li tpoġġiet fuq il-bini tal-każin propju fuq il-faċċata fejn tiddomina mill-għoli.

L-ewwel 50 sena ta' l-eżistenza ta' l-ewwel Soċjeta' Mużikali Mqabbija ġew iċċelebrati bil-kbir fl-1960, u biex jibqa' mfakkar dan l-avveniment, twaħlet Lapida Kommemorattiva fl-intrata tal-Każin.

Sa minn meta nxtara u tkabbar il-każin, sar ħafna xogħol ieħor bħal l-abbelliment tas-Sala prinċipali fl-1964, u fl-1981 ġiet irrestawrata u mżejna bi tlett linef mill-isbaħ. Fl-1989 infetħet uffiċjalment sala oħra maħsuba biex fiha jsiru l-kunċerti tal-Banda. Barra dan, nhar it-30 ta' April, 1963 ġiet inawgurata kamra tan-nar ġdida fil-waqt li fil-25 ta' Ġunju 1984, ġiet irregalata biċċa art oħra mill-aħwa Ghigo, li flimkien ma dik li nxtrat sena wara kienu strumentali biex is-Soċjeta' jkollha żewġ imħażen kbar għall-bżonijiet tagħha u, jekk Alla jrid, Sala oħra kbira li qed tinbena fuqhom.

Nhar l-10 ta' Awissu 1981, f'għeluq il-25 sena tas-Surmast il-Kavallier Mro. George Martin, bħala Direttur tal-Banda, saru festi speċjali ad unur tiegħu.

Il-75 sena mit-twaqqif tas-Socjeta' ġie mfakkar bil-kbir fl-1985. Taħt id-direzzjoni ta'

# TA' BALAL

## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS,ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES.

Prop.
Emanuel Gatt
New Street, Luqa
Telephone: 809351

# New Look

## Unisex Hair Salon

Misrah il-Fidwa Mqabba – Tel: 828512

For a modern hair style, haircuts, colouring
and perming for all types of hair.
We also do waxing.
A Beautician will be in attendance once a week for your beauty convenience.
Do not hesitate to contact us.

# INDURATURI !!

**Ghall-materjal tal-induratura irrikorru ghand:-**

E.T. HEUMA_Co. LTD.

**E. THEUMA & Co. Ltd.**
**THEUMA HOUSE, 302, St. Paul Str., Valletta**
**Tel: 234075/236605 Telefax: 244201**

Mro.G.Martin, kien sar programm strumentali ta' tifkira nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju u ndaqqet din il-mużika:

| | | |
|---|---|---|
| Overture | Santa Ċeċilja | G.Martin |
| Selection | Aida | G.Verdi |
| Selection | Sound of Music | R.Rogers |
| Fantasia | Orpheus | J.Offenbach |

Wara, il-President ta' Malta ta' dak iż-żmien is-Sinjorina Agatha Barbara kixfet Lapida Kommemorattiva.

Fl-1986 kien imiss anniversarju ieħor ferm importanti għas-Soċjeta' tagħna, jiġifieri l-150 sena mill-miġja ta' l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fostna l-Imqabbin. Kienu reġgħu saru festi kbar, iżżanżnet induratura fuq ix-xbieha devota ta' l-Assunta, xogħol l-imgħallem Horace Farruġia ta' l-Imdina, u nkixfet lapida kommemorattiva oħra mill-Eċċellenza tagħha President ta' Malta.

Matul Ottubru ta' l-1990, saru diversi seduti ġenerali biex jiġi approvat ir-reviżjoni ġenerali ta' l-Istatut. Kien f' dan iż-żmien li ġie deċiż li l-isem tal-Każin ikun jiġbor fih l-istorja kollha ta' din l-ewwel Socjeta' Mużikali Mqabbija, sa mit-twaqqif tagħha, jiġifieri 'Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V'.

Fl-1991, bħal dejjem bl-għajnuna tal-benefatturi tas-Soċjeta', saru l-armi tal-ġnub fuq il-faċċata tal-Każin u li nkixfu uffiċjalment nhar is-Sibt, 10 ta' Awissu. Dawn l-opri kienu mħallsa mill-aħwa Ellull (ta' Katrinu), li komplew fuq il-passi ta' missierhom. Nhar it-13 ta' Awissu ta' l-istess sena, ġie imżanżan pedestall (maħdum mill-membru tagħna s-sur Pawlu Mifsud) għal taħt l-istatwa tal-Papa Piju XII (xogħol l-artist is-sur Renzo Gauċi). L-ispejjeż tal-pedestall għamel tajjeb għalihom il-President Onorarju tas-Soċjeta' is-Sur Joseph Farruġia.

L-1992 kienet waħda storika għas-Soċjeta' tagħna meta tfakkar bil-kbir il-Ġublew tad-Deheb tal-Konvoj ta' Santa Marija. Taħt id-direzzjoni tas-Surmast/Direttur preżenti u iben is-Socjeta' tagħna Mro.Anthony Camilleri sar programm strumentali nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju, taħt il-Patroċinju ta' l-Eċċellenza Tiegħu Dr.Ċensu Tabone, President ta' Malta. Indaqqet din il-mużika:

| | | |
|---|---|---|
| Overture | Barbiere di Siviglia | G.Rossini |
| March | Militaire | F.Schubert |
| Selection | Madame Butterfly | G.Puccini |
| Waltz | Roses from South | J.Strauss |
| Theme | Dynasty | B.Conti |
| Sinfonia | Nabucco | G.Verdi |

Wara, sar il-kxif tal-Pedestall ta' taħt Santa Marija ta' fuq il-faċċata tal-Każin (imħallas mill-aħwa Ellul - Ta' Katrinu), tal-Lapida kommemorattiva u tal-pittura tal-Konvoj (imħallsa mill-aħwa Ghigo - Ta' Pataw). Fl-1992 seħħew żewġ avvenimenti oħra ferm importanti:

1. F'Mejju, delegazzjoni mill-Kumitat iltaqgħet ma' l-Altezzi Rjali waqt iż-żjara tagħhom f'Malta.
2. Nhar it-12 ta' Awissu, il-Piloti ferm magħrufa tar-*Red Arrows* kienu l- mistiedna tas-Socjeta' tagħna.

Nhar id-9 ta' Awissu 1994, kellna żjara oħra minn piloti u *crew*, din id-darba tal-bastiment navali l-*Ark Royal*, li għaddew serata memorabbli flimkien magħna.

Matul dawn l-aħħar 85 sena, is-Soċjeta' qatt m'għalqet il-bibien tagħha u dejjem rat li l-idejali li għalihom twaqqfet jibqgħu bla mittiefsa. Illum ninsabu fi żmien meta l-Banda hi mmexxija minn iben is-Soċjeta' u tikkonsisti f' madwar tletin bandist tal-post u qed nippreparaw kif jixraq għall-ġublew tad-Deheb tal-Banda, jiġifieri fl-1996/97, fejn, jekk Alla jrid, inżanżnu l-planċier artistiku li qed jinħadem mill-membri tagħna, taħt is-superviżjoni ta' l-imgħallem is-sur Ġużeppi Caruana.

**Mejju '95.**

APPLY NOW FOR A VISA PAYMENT CARD FROM ANY APS BRANCH




# the aps visa payment card gives you:

- ACCESS TO YOUR FUNDS **WORLDWIDE**
- CASH WITHDRAWAL FROM ANY ATM DISPLAYING VISA **SIGN**
- DIRECT DEBIT TO YOUR **ACCOUNT**
- PURCHASE OF ANY ITEM **FROM MERCHANTS**
- USE OF ANY VISA EPOS
- Lm300.- MINIMUM CREDIT LIMIT SUBJECT TO BANK'S DISCRETION

SERVICE, SECURITY at your FINGER-TIPS

APS BANK LTD

*APS Bank Ltd. APS House, 24 St. Anne Square, Floriana VLT 16. Tel: 22 66 44*

## PRESIDENTI TAS-SOĊJETA'

***Każin Soċjali Santa Marija***

| | |
|---|---|
| Paolo Caruana | 1905 - 1910 |

***Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V***

| | |
|---|---|
| Feliċ Żammit | 1910 - 1920 |
| Angelo Ghigo | 1920 - 1925 |
| Giuseppe Buġeja | 1925 - 1946 |
| Giovanni Ghigo | 1946 - 1947 |
| Giuseppe Buġeja | 1947 - 1949 |
| Giovanni Ghigo | 1949 - 1955 |
| Leonard Spiteri | 1955 - 1956 |
| Charles Sciberras | 1956 - 1962 |
| George Busuttil | 1962 - 1966 |
| Joseph Farruġia | 1966 - 1969 |
| Louis Galea | 1969 - 1973 |
| Charles Sciberras | 1973 - 1975 |
| Joseph Ghigo | 1975 - 1977 |
| George Busuttil | 1977 - 1983 |
| Leonard Farruġia | 1983 - 1984 |
| Joseph Sciberras | 1984 - 1985 |
| Joseph Farruġia | 1985 - 1990 |
| Carmel Żahra | 1990 - |

## L-ORKESTRA 'SANTA MARIJA'

***Fundatur***

Ġużeppi Galea

***Surmastrijiet/Diretturi***

Mro. Charles Schembri L.R.C.M.
Prof. Antonio Mamo L.R.C.M.
Prof. Paolo Carabott L.R.S.M., L.L.C.M.
Mro. Espedito Deguara A.L.C.M.
Mro. Francesco Azzopardi U.S.S.M.

## SURMASTRIJIET/DIRETTURI TAL-BANDA

| | |
|---|---|
| Mro. Giuseppi Maria Barbara A.(Mus) L.C.M. | 1947 - 1953 |
| Mro. Leonard Spiteri F.L.C.M. | 1953 - 1955 |
| Mro. George Martin A.(Mus) L.C.M., O.S.T.J. | 1955 - 1991 |
| Mro. Anthony Camilleri L.Mus.V.C.M.(Hons), A .Mus.L.S.M. | 1991- |

# DACIA




*More than a partner - A FRIEND.*

**Service and Spare Parts Guaranteed!**

**Available at: DACIA Motors (Malta) Ltd,** 6 Msida Valley, B'Kara Tel: 468412, 492206
**Also at: Park Towers Mall,** Level 3, G. Borg Oliver Street, St.Julian's

# RACER

**3 DOOR HATCH**
**4 DOOR SEDAN**
**5 DOOR HATCH**

**AUTOMATIC/MANUAL Transmission**
**Part Exchance Accepted**
**Spare Parts GUARANTEED**
**Available from Stock**

*For more details call us Now!*

THREE YEAR 3 FACTORY WARRANTY



*Around the World with Daewoo*

Easy Payment Terms through your DAEWOO FINANCE PLAN.

**DAEWOO** *1.5i*
**A name you can trust.**

MAIN OFFICE AND SHOWROOM:
Universal Commerce Agency Co. Ltd, Universal Trade Centre, Mdina Rd, Qormi Tel: 468410-3 Fax: 468414
ALSO AT:
Valley Road, Msida, and
Park Towers Mall, Level 3, G. Borg Oliver Street, St. Julians
GOZO AGENT:
Victor Bajada St Leonard Str., Victoria, Gozo Tel: 556520

A Universal Group Import

**From Lm4800**

# ŻJARA MINN UFFIĊJALI TA' L-
# *ARK ROYAL*

Fil-ġimgħa ta' Santa Marija, qiegħda tidħol drawwa li l-gżejjer Maltin ikollhom żjajjar minn bastimenti navali Ingliżi sabiex jibqa' mfakkar il-Konvoj ta' Santa Marija. Wara li l-Kumitat Eżekuttiv kien onora stedina għall-riċeviment fuq l-imsemmi bastiment, minn naħa tagħna stedinna lill-Kaptan u l-Uffiċjali sabiex iżuru l-Każin tas-Soċjeta'. Din seħħet nhar it-Tlieta, 9 t' Awissu; m' hemmx wisq x' tgħid dwar is-suċċess li għal darb' oħra kellha s-Soċjeta' tagħna permezz ta' żjajjar bħal dawn, li jagħmlu unur lilha u lil Imqabba; ir-ritratti jitkellmu weħidhom!



**Briju kbir jrrenja waqt li l-Banda daqqet marċi brijużi fil-pjazza quddiem il-Każin tas-Soċjeta'.**



**Il-kontinġent kollu, bit-'T-Shirts' uffiċċjali tas-Soċjeta' ma telqux qabel ma għamlu żjara ta' kortesija fil-knisja parrokkjali ddedikata lil Santa Marija, Titular ta' l-Imqabba.**

**THANKS AGAIN STEVE!!!**

James

CONFECTIONERY
CATERS FOR ALL OCCASIONS

VELLERAN STREET, FGURA PLA 14

Telephone: 896290
Mobile: 0995156

**Għal kull xogħol ta' Salotti,
Divanijiet u Corner units
Ġodda u anke Qodma, Kisi ta' Siġġijiet eċċ**

Irrikorru għand:

**JOE BORG**



*b'20 sena esperjenza*

Plot 40, Triq l-Ibraġġ,
Safi

Tel: 683936

# MINN FEJN SER JGĦADDI L-MARĊ?



Il-Marċ Tradizzjonali ta' fil-Għodu 1994.

Bħas-sena li għaddiet, ser ikollna rekord ta' ***ħames baned differenti*** li ser jagħtu sehemhom fil-Festa Titulari ta' Santa Marija, u billi din il-paġna intleqgħet tajjeb minnkom soċji u partitarji, ħsibna sabiex nerġgħu ninkluduha fil-programm ta' din is-sena wkoll. Minn barra hekk, nixtiequ nieħdu din l-opportunita' biex inħeġġukom tiġu takkumpanjaw il-marċ it-triq kollha u sabiex iżżejnu u tixgħelu l-faċċati tad-djar tagħkom matul il-Festa kollha. Il-kriterji li bihom jintgħażlu t-toroq minn fejn ser jgħaddi l-marc dejjem kienu, għadhom u jibqgħu li, kemm jista' jkun, nilħqu l-maġġoranza tas-soċji u partitarji tagħna; iżda dan tafu daqsna li mhux dejjem hu possibli, aktar w' aktar issa li r-raħal kompla jinfirex. Għaldaqstant, nitolbukom tgħaddulna intom xi suġġerimenti rigward rotot oħra li forsi lielna jkunu ġenwinament qabżulna ħalli fejn ma nilħqux din is-sena, inkunu nistgħu nagħmlu dan fil-futur qarib.

**L-Erbgħa, 9 ta' Awissu - Ħrug ta' l-Istatwa**
7.30 p.m. Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta fuq iz-zuntier, ***il-Banda Re Ġorġ V,*** taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M., tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk:
**Triq San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-Każin.**

**Il-Ħamis, 10 ta' Awissu - Jum it-Tifkira**
8.00 p.m. Il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-Direzzjoni tas-surmast direttur tagħha Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M., tagħti bidu għall-Akkademja fil-Pjazza quddiem il-Każin.

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**
8.15 p.m. ***Il-Banda San Ġużepp*** ta' Ħal-Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. A.Farruġia L.Mus.L.C.M., tagħmel marċ li jibda' minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej:
**Triq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Ħarrigiet, il-Konvoj ta' Santa Marija, Housing Estate kollu, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljaturi, Triq Santa Katarina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katarina, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.**



FREDDIE'S
ALUMINIUM
WORKS

ŻURRIEQ ROAD
MQABBA

TELEPHONE: 683405

mangion brothers żurrieq LTD.



BUILDING CONSTRUCTION,
CONCRETE MIX & CRANE HIRE
Valletta Road, 15, Mill Street, Żurrieq. Tel. 829590

**Is-Sibt, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**
8.15 p.m. ***Il-Banda 12th.May*** ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. C.Cachia, tagħmel marċ li jibda' minn quddiem il-Każin u tkompli tallegralna, b' sett marċi brijużi, it-toroq li ġejjin:
**Triq il-Ġilju, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, Pjazza Ġublew tad-Djamanti, Santa Katarina, il-Kileb, iċ-Ċavi, San Innoċenzju, Mikielanġ Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ċiantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.**

**Il-Ħadd, 13 ta' Awissu - L-Aħħar Jum tat-Tridu**
8.30 p.m. ***Il-Banda Re Ġorġ V***, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M.(Hons), A Mus.L.S.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha, fost il-briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda' minn quddiem il-każin u jkompli hekk kif ġej:
**Triq il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-Kazin.**

**It-Tnejn, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**
8.00 p.m. Programm Strumentali mill-***Banda Konti Ruġġieru*** tar-Rabat, taħt id-direzzjoni ta' Mro.J.Vella, B.Mus. Wara, l-istess Banda tibda' marċ li jgħaddi hekk kif ġej:
**Triq il-Karmnu, il-Parroċċa, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq Karmenu Ċiantar sal-Pjazza tal-Parroċċa.**
8.30 p.m. ***Il-Banda Queen Victoria*** taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tibda' l-marċ tagħha minn Triq il-Pal, u jkompli għal:
**Triq it-Troll, is-Sejba, Santa Katarina sal-Pjazza tal-Knisja.**
10.00 p.m. Hekk kif iż-żewġ Baned mistiedna jaslu fil-Pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija.
10.30 p.m. Taħt id-Direzzjoni ta' Mro. A. Farruġia, L.Mus.L.C.M., ***il-Banda Queen Victoria*** tas-Soċjeta' Karmelitana taż-Żurrieq tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' Programm Strumentali.

**It-Tlieta, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**
10.15 a.m. Wara d-daqq tal-Glorja, ***il-Banda Re Ġorġ V***, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Camilleri, L.Mus.V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' fil-Għodu, u li jibda' minn quddiem il-Każin u jkompli għal:
**Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katarina, Santa Marija, Iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katarina, San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.**
6.00 p.m. ***Il-Banda Queen Victoria*** taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn Triq Valletta għal:
**Triq il-Karmnu, il-Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm quddiem il-Każin.**
7.30 p.m. Waqt il-Ħruġ tal-Proċessjoni, ***il-Banda Anici*** ta' Ħal-Qormi, taħt id-direzzjoni ta' Mro.F.Galea, F.L.C.M., tilqa' l-Istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-*Ave Maria* u bl-Innu Marċi, biex wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni.
8.45 p.m. Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjeta' tagħna, ***il-Banda Queen Victoria*** taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro.A.Farruġia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir ***Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema***, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev.G.Martin, A.Mus.L.C.M., O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M.Ghigo S.J. Ikantaw it-Tenur Brian Ċefai u l-Baritonu Joe Huber, L.R.S.M., flimkien mal-Kor 'San Sebastjan' ta' Ħal-Qormi. Wara, l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha.
10.30 p.m.Wara l-barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-knisja minn tan-Nar, il-***Banda Anici*** tagħlaq il-Festa b'marċ li jibda' minn Triq il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin, akkumpanjata mid-Dilettanti tan-Nar, soċji u partitarji.

## FIL-JIEM TAL-FESTA

### NERSQU AKTAR LEJN IL-KNISJA BIEX:

1. Nieħdu sehem attiv fil-funzjonijiet Liturġiċi kollha;
2. Napprezzaw il-ġawhra ta' tempju li jkollna armat fil-Festa Titulari.





# MALLIA PETROL STATION

## PJAZZA SAN NIKOLA, SIĠĠIEWI - TELEPHONE: 467764

Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand MALLIA PETROL STATION fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karrozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karrozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm 18.50.

Kif ukoll:

* Silencers għall- karozzi kollha
* Crash Helmets kbar u żgħar
* Kull kwalita' ta' żjut
* Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
* Għodod
* Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
* Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalita' tajba
* Għandek issib ukoll muturi u karozzi għall- bejgħ.

# L-AQWA BRIJU BL-AQWA MARĊI........

## SETTIJIET TA' MARĊI LI L-BANDA RE ĠORĠ V SER IDDOQQ MATUL IL-FESTA 1995

### MARĊI 1994-1995

| ISEM IL-MARĊ | KOMPOŻITUR | IRREGALAT MINN |
|---|---|---|
| Elaine* | Mro.A.Camilleri | A.Camilleri |
| Tal-Ħbieb* | Mro.G.Martin | Familja Martin |
| Ta' l-Għoli* | Mro.E.Buġeja | M.Żammit |
| The Best* | Mro.A.Camilleri | Dilettanti tan-Nar |
| Ċelebrita' | Mro.A.Mizzi | C.Briffa |
| Ċensu l-Bully* | Mro.A.Coleiro | J.Camilleri |
| Champion Reds* | Mro.A.Camilleri | Grupp ta' l-Armar |
| Lucky Star* | Mro.A.Farruġia | A.Farruġia |
| Queen of Heaven* | Mro.A.Camilleri | Fergħa tan-Nisa |
| Red Arrows | Mro.R.Sciberras | M.Ghigo |
| Always Right | Mro.R.Fenech | M.Żammit |
| Pablito* | Mro.A.Mizzi | C.Żahra |
| L-Akbar Titular | Mro.E.Buġeja | A.Żahra |
| Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija* | Mro.A.Camilleri | Sezzjoni Żgħażagħ |

***Dawn l-erbatax il-marc, flimkien ma l-Innu tal-Banda Re Ġorġ V, ġew irrekordjati fuq cassette għand Boffa Ltd.***

| | | |
|---|---|---|
| Serjeta' | Mro.R.Fenech | A.Żammit |
| Emperor | Mro.A.Mizzi | M.Farruġia |
| Kemm aħna Kbar | Mro.R.Fenech | P.Gauċi |
| King of Kings | Mro.A.Mizzi | J.Galea |
| Jes-Don-Mark | Mro.R.Fenech | M.Żammit |
| Lill-Fundatur Ġużeppi Galea | J. Farruġia | J.Farruġia |

### MARĊI POPOLARI LI SER JINDAQQU MATUL IL-MARĊ TA' FIL-GĦODU

| | | |
|---|---|---|
| Omm l-Ommijiet | Mro.A.Camilleri | A.Camilleri |
| Ta' Gerrew | Maj.A.Aquilina | V.Galea |
| Felix | Mro.A.Coleiro | V.Galea |
| Adriana | Mro.E.Buġeja | M.Ghigo |
| Come on Baldass | Maj.A.Aquilina | G.Psaila |
| Prima Classe | Mro.A.Camilleri | A.Camilleri |
| La Vincitrice | Mro.A.Coleiro | A.Coleiro |
| Ferħanin | Mro.E.Buġeja | P.Żerafa |
| Ta' Gori | Mro.A.Mizzi | J.Galea |
| Agrigento | Mro.A.Coleiro | I.Camilleri |
| Superstars | Arr.Mro.A.Camilleri | A.Camilleri |
| Marija Assunta | Mro.L.Farruġia | L.Farruġia |


TEACHERS......
THE TIMELESS TASTE
TEACHER'S
SCOTCH WHISKY
BOTTLED IN
SCOTLAND
TEACHER'S
HIGHLAND CREAM
WM TEACHER & SONS
GLASGOW
TRADE
MARK
ESTABLISHED 1830
Perfection of Old
SCOTCH WHISKY
Wm Teacher & Sons Ltd
GLASGOW SCOTLAND
Blended & Bottled in

# MESSAĠĠ MIL-GĦAQDA DILETTANTI TAN-NAR
# 'SANTA MARIJA'



**Awissu 1994 - Parti mil-logħob tan-Nar ta' l-Ajru li nħaraq fil-Festa Titulari ta' Santa Marija is-sena li għaddiet.**

Awissu reġa' magħna u kif jaf kulħadd, f' nofsu jilqa' Festa li hija maħbuba ħafna mal-Maltin u l-Għawdxin u saħansitra anke f' ħafna pajjiżi madwar id-dinja kollha. Din il-Festa ta' l-Assunta, Titular tal-Parroċċa, minn dejjem tiġi ċċelebrata bil-kbir ġor-raħal tagħna u aħna l-grupp tan-nar kburin b' dan għaliex is-sehem tagħna qatt ma naqas biex inkomplu ngħollu din il-Festa. Aħna wkoll inħossuna kburin għaliex, minkejja li l-Festa ta' Santa Marija taħbat ma ħafna festi oħrajn, il-kwantita' ta' nies, minn kull rokna ta' Malta u Għawdex kif ukoll turisti, li jirnexxielna niġbdu sena aktar minn oħra, lejn raħalna permezz ta' l-ispettaklu piroteknikù li jkollna huwa xi ħaġa li tissorprendina u bla tlaqlieq ngħidu li timlina bil-kuraġġ ħalli nkomplu mexjin il-quddiem.

Naħseb li wieħed mill-ewlenin fatturi għaliex ikollna tant konkorrenza huwa minħabba li, minn żmien għal żmien, id-dilettanti tan-Nar tagħna dejjem raw kif għamlu u ntroduċew xi ħaġa ġdida sew fin-nar ta' l-ajru kif ukoll dak ta' l-art, u llum il-ġurnata x' ħin inħarsu lura nsibu li hemm lista twila ta' xogħol piroteknikù li bdejnieh aħna, mhux biss fl-Imqabba iżda fil-Gżejjer Maltin.

Inħossni nonqos jekk ma ngħidx illi sabiex l-għaqda tagħna tkun tista' tibqa' toffri dawn it-tip ta' spettakli ta' livell għoli, jeħtieg li l-benefatturi, soċji u partitarji kollha jibqgħu jagħtu s-sehem finanzjarju tagħhom, hekk kif dejjem sar ħalli nkomplu nagħtu spinta 'l quddiem lil arti piroteknika Maltija u b' mod speċifiku lill-Festa ewlenija tar-rahal tagħna.

Nawgura, f' isem id-dilettanti tan-Nar Santa Marija, Festa sabiħa lil kulħadd.

P.S. Nixtieq insemmi r-rebbieħa ta' sparatura fuq il-plattini li saret aktar kmieni din is-sena. Dawn kienu: 1. Joseph Tonna, 2. Joe Galea, 3. John Galea. Filwaqt li nifirħu lir-rebbieħa, nirringrazjaw lill-*Isponsor* ta' din l-attivita' sportiva, jiġifieri **Jane ta' Ħaġar Qim** u lil kull min ħa sehem talli għenna niġbru iżjed fodi għan-nar.

**Ronald Zammit,**
**Delegat tan-Nar.**

IF IT HAS TO BE BUILT IN FIBREGLASS

**WE ARE THE SPECIALISTS**

- □ Water Tanks (360 lt. - 45,000 lt. capacity)
- □ Food/Wine Vats □ Chemical Resistant Storage Tanks
- □ Pressure Pipes (75 mm - 900 mm dia.) plus Flanges, Elbows, T's and Reducers □ Solar Heating Systems
- □ Garden Furniture □ Pleasure and Fishing Boats



*Consult us on any custom built F.R.P. Structure.*

**SILVERCRAFT PRODUCTS LTD.** TEL: 878046 /821975

GUDJA RD., GHAXAQ. TLX: 1575 SICRAF MW.

# *Aida Hall*

*Triq Ġużeppi Mattew Callus - Żurrieq,*

For Receptions, Parties and all occasions

Tel: 683112



## L-GĦAQDA DILETTANTI TAN-NAR
## *SANTA MARIJA*
## TIPPREŻENTA
## *PROGRAMM TAL-ĦRUQ TAN-NAR*
## *FESTA 1995*

**Il-Ħadd, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**
**7.15 p.m.** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, isir ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.

**L-Erbgħa, 9 ta' Awissu - Ħrug tal-Istatwa**
**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30 p.m.** Ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30 p.m.** Ħruq ta' blalen, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00 p.m.** Ħruq tal-logħob tan-Nar ta' l-Art.

**Il-Ħamis, 10 ta' Awissu - Jum it-Tifkira**
**8.00 p.m.** Ħruq ta' salut mal-wasla tal-President l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici u s-Sinjura tiegħu.
**10.00 p.m.** Waqt ir-riċeviment, ikun hemm ħruq ta' murtaletti, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Tridu**
**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15 p.m.** Ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30 p.m.** Ħruq ta' blalen, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30 p.m.** Ħruq ta' musketterija ma tmiem il-marċ.

**Is-Sibt, 12 ta' Awissu - It-Tieni Tridu**
Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħadd, 13 ta' Awissu - It-Tielet Tridu**
Kollox bħall-jum ta' qabel.
**11.30 p.m.** Ħruq tal-logħob tan-Nar ta' l-Art.

**It-Tnejn, 14 ta' Awissu - Lejlet il-Festa**
**9.00 a.m.** Mad-daqq tat- *Te Deum*, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u mutaletti bil-logħob.
**11.45 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30 p.m.** Toħrog it-Translazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa nfernali u diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45 p.m.** Spettaklu kbir ta' logħob tan-Nar ta' l-Ajru li jinkludi: ħruq ta' salut tal-lampjun, sfejjer bil-logħob, blalen, murtali tal-beraq pront/beraq tal-kulur bil-logħob murtali tal-kulur u l-famużi murtali bil-beraq ma jidhrux.
**11.30 p.m.** Wirja kbira ta' logħob tan-Nar ta' l-Art, oriġinali u mekkanizzat.

**It-Tlieta, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**
**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**9.30 a.m.** Mad-daqq tal-Glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45 a.m.** Il-ħarqa tradizzjonali ta' murtali tal-bomba, akkumpanjata mid-daqq tas-serena, biex tfakkar it-53 sena mill-ġrajja storika tal-Konvoj ta' Santa Marija, segwita mill-ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**6.00 p.m.** Waqt li waħda mill-Baned mistiedna tkun qed tagħmel il-marċ tagħha, jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**7.15 p.m.** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, jiġi sparat salut. Hekk kif l-Istatwa artistika u devota tal-patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-*Ave Maria*, tinħaraq il-musketterija u l-kaxxa nfernali. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob, li jakkumpanjaw il-Purċissjoni.
**9.30 p.m.** Hekk kif jiġi esegwit l-Innu lil Santa Marija Mtella' s-Sema, jkun hemm ħruq ta' blalen, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15 p.m.** Ħruq ta' kaxxa nfernali tal-kulur ma tmiem il-Purċissjoni.

**It-Tlieta, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**
**6.00 p.m.** Mal-ħrug tal-purċissjoni, tinħaraq il-musketterija. L-istess purċissjoni tkun akkumpanjata bil-ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

***Nota tal-Editur:***
B' ħas-snin l-imgħoddija, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tad-Dilettanti tan-Nar Santa Marija. Jiena, f'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħu din l-opportunita' biex, f' isem is-Soċji u l-Partitarji kollha, nirringrazzja u nuri l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda - sew ta' l-Ajru kif ukoll ta' l-Art - u 'l kull min għenhom sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J' Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tibqa' tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-Nar u waqt il-ħruq.

# Atlas Copco

## Portable Hand-held Petrol-driven Breaker & Driller



Cutting



Drilling

Portable & light weight





Compacting



Breaking

**Pionjär 140**

Powerful and easy to use

now available at

# S Guillaumier

**+ Co Ltd**

Cannon House, Cannon Road, Hamrun HMR 07 - Malta.
Tel. No: 495731, 486756, 443887, 237471 - Fax: 486011

# SANTWARJI MARJANI

IT-TIENI PARTI

**Tagħrif miġbur mis-sur Tommy Agius**



## SANTWARJU TA' PINU GĦAWDEX

Erġajna 'ltqajna, għaddiet sena u reġgħet waslet il-festa ta' Santa Marija. Il-ferħ li ġġib magħha din il-festa hu xhieda biżżejjed tad-devezzjoni kbira li hawn lejn il-Madonna fil-Gżejjer ta' Malta u Għawdex. Irridu nsostnu li din id-devozzjoni m'għandiex tkun biss fil-briju tal-marċijiet u l-isparar tal-murtali, iżda fil-ġabra tagħna nfusna u l-imħaba lejn il-proxxmu, mhux għax il-marċijiet u l-isparar m'għandhomx ikunu iżda fuq nota moderata u għandna nfittxu dejjem l-ispirtu religjuż tal-festa. Illum sejrin nitkellmu dwar Santwarju tal-Madonna li jgawdi devozzjoni kbira tal-Maltin u Għawdxin kif ukoll tal-barranin li jżuru Għawdex apposta biex immorru jinvistaw il-Madonna fis-Santwarju ta' Pinu.

Tabilħaqq li l-bidu ta' dan is-Santwarju huwa mistur fiċ-ċpar tal-qedem u ebda dokument ma hemm imniżżel meta ġiet mibnija l-kappella oriġinali. Barra minn hekk, id-dokumneti li jeżistu sas-seklu tmintax huma ftit ħafna. Mill-Vista Pastorali ta' l-E.T. Domenico Cubelles nafu biss li fl-1545 kien għadha kif inbniet mill-ġdid.

Qegħdin nitkellmu dwar il-kappella ddedikata lill-Verġni Marija mtellgħa fis-sema u li kienet tissejjaħ 'Tal-Gentili'. Hija kienet waħda mill-kappelli mxerda 'l hawn u 'l hemm fil-kampanja Għawdxija. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, dawn kienu nbnew minn diversi sidien tal-art, li waqqfu benefiċċji sabiex jagħti manteniment lil xi saċerdoti u jissodisfaw ukoll id-devozzjonijiet partikolari tagħhom billi fi ġranet determinati tas-sena, ikun hemm min iqaddes u jagħmel xi funzjonijiet oħra. Matul il-medda taż-żmien, ħafna minn dawn il-kappelli ġġarrfu.

Nistgħu ngħidu li mit-twaqqif ta' din il-kappella sa l-aħħar perjodu tas-seklu XIX, ix-xorti tagħha kienet tvarja minn żmien għall-ieħor għaliex aktar minn darba wara medda ta' żmien, li fih kienet miżmuma tajjeb għaddiet għal żmien ieħor li fih kienet abbandunata u fi stat ħażin ħafna.

Il-atti taż-żjara appostolika magħmula fis-sena 1575 mir-Rev. Monsinjur Pietru Duzina viżitatur Appostoliku mibgħut mill-Papa Girgor XIII naqraw : "Il-Knisja msejħa 'tal-Gentili' qegħda fil-ħâra ta' Għammar kienet imwaqqfa mill-familja Gentili, u għandha bħala legat tomna raba' bl-obbligu li tiġi ċċelebrata quddiesa waħda fil-festa ta' Santa Marija f nofs Awissu, li jisiru tiswijiet meħtiega fil-knisja u għal dan l-obbligu ma ħax ħsieb Mattew de Emmanuel, li bħala prokuratur tal-knisja msemmija jippossiedi r-raba' li għidna. Is-Sinjur (Viżitatur) ordna li l-knisja msemmija tiġi profonata skond il-proċedura tal-konċilju ta' Trentu, li jiġu trasferiti għall-knisja parrokkjali l-obbligi tagħha.

Bħal ħafna kappelli oħra fil-kampanja, li ġew ipprofanati u mġarrfa, din il-knisja wkoll wara d-digriet tal-Viżitatur Appostoliku suppost li kellha tispiċċa darba għal dejjem. Iżda għal xi raġuni jew oħra, din il-qerda ma seħħitx. Kif jgħidilna Mons. Farrugia, hija tradizzjoni fost in-nies

MP
Mobilia Penza Ltd.

The Specialists in Antique Furniture.

*Manufacturers & Exporters of Antique & Reproduction Furniture.*





**Factory & Showroom:**
204A, Industrial Estate, Luqa, Malta.
**Telephone: 222094**

# PRIME LTD.

PRIME

**HAM, BACON, MORTADELLA, SAUSAGES, BURGERS, GROUNDBEEF, PIES**

Produced by **PRIME LTD.** Mgieret Road, Marsa. Malta. Tel: 222291/2

tal-Għarb li jirrokkontaw kif meta l-ħaddiema meddew idejhom biex iġarrfu din il-kappella, ma l-ewwel daqqa ta' baqqun, l-imgħallem kiser driegħu. Il-ħaddiema dehrilhom li dan kien sinjal li dak il-post ma kellux jiġi meqrud u għalhekk ħadd iktar ma ssogra jwaqqa' l-kappella.

Fis-sena 1587, il-propjeta' li kellha l-knisja għaddiet mingħand Mattew de Emmanuel għand Pinu Gauci. Dan kien jieħu ħsieb il-knisja fis-sena 1615 meta saret il-vista pastorali ta Mons. Baldassare Caglieres. Pinu Gauci offra minn jeddu li joħroġ għoxrin skud biex jissewew xi ħsarat li kien fiha l-kappella. Fi żmien sitt snin il-kappella ġiet mibnija mill-ġdid, ġie mtellgħa artal tal-ġebel, inxtraw xi ħwejjeġ meħtiega għall-użu liturġiku u qiegħed ukoll il-kwadru tal-artal. Dan jirrappreżenta lil-Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema u għadu vvenerat b' qima kbira sal-lum. Ħareġ il-flus għal din il-pittura Pinu Gauċi, u x-xogħol għamlu fl-1619, il-pittur Amadeo Perugino li kif jgħidilna Mons. Farrugia, kien ġie Malta fl-1605 flimkien mal-Inkwiżitur Mons. Ettore Distallieri.

Pinu Gauci kien devot kbir tal-Madonna u ta' dan ġie mfaħħar mill-Isqof Cagliares fl-atti tal-vista tiegħu tal-1621. Wara mewtu martu Clara kompliet tieħu ħsieb il-kapella. L-Isqof Cagliares ħa nteress speċjali f'din il-kappella u fil-vista tiegħu tas-16 ta' Jannar 1630 reġa nsista biex issir serratura u fil-bibien jintgħamlu bħal twieqi żgħar bi grada tal-ħadid, kif ukoll biex isir zuntier quddiem il-knisja. Dan ix-xogħol sabu lest l-Isqof Michele Giovanni Belaguer Camarosa meta għamel iż-żjara pastorali ħames snin wara jiġifieri fis-1635. Insibu wkoll li z-zuntier kien inbeda u tlesta sal- 1654.

Skond Mons. Farrugia fl-1654 ġiet ipprofonat mill-ġdid, din id-darba mill-Isqof Mons. Michele Giovanni Belaguer, għaliex kienet fi stat ħażin, u għalkemm ma kienitx imġarrfa ġiet magħluqa għall-kult.

Fis-sena 1676, in-nobli Capitano di Verga Giovanni Gourgion, flimkien ma martu Elena Muscati, li bit-titolu tad-dota taż-żwieg kienu saru possessuri tal-art li fiha kienet tinsab il-knisja żgħira ta' Pinu, meta rawha fil-perikulu li tiġġarraf, reġgħu bnewha mill-ġdid, spejjeż tagħhom, u tawha xi oġġetti meħtieġa għall-kult imbagħad fit-22 ta' Settembru 1676, għamlu rikors lill-Isqof li fih fissrulu x' passi kienu ħadu u talbuh sabiex il-knisja terġa' tinfetaħ għall-qima ta' l-insara. Il-koppja Gourgion fl-istess rikors, obbligat ruħha li tagħti lill-Knisja dak kollu li jkun hemm bżonn, li ssewwi l-ħsarat li jsiru fil-bini, kif ukoll li tagħti s-somma ta' tliet skudi fis-sena sabiex tkun tista tiġi ċċelebrat l-festa ta' kull sena.

L-Isqof ta' Malta, Fra Lorenzo Astiria, b'digriet li jġib id-data tat-2 ta' Ottubru 1676 laqa' t-talba tal-familja Gourgion wara li kien kiteb relazzjoni favur tagħha il-Pro-Vigarju Dun Giovanni Marija Vella. B'dan id-digriet reġa' ppermetta l-kult fil-Knisja pero bil-kundizzjoni li l-familja Gourgion iħallsu l-ispejjeż li jkun hemm.

Il-familja Gourgion wettqu l-wegħda tagħhom billi fl-atti tan-Nutar Pietru Attard tat-8 ta' Ottubru, 1676 ħallew pensjoni perpetwa ta' tliet skudi favur il-knisja ta' Pinu, u bħala garanzija biex titħallas din il-pensjoni , ipotekaw il-ġid kollu tagħhom. Il-knisja ġiet mibnija mill-ġdid mill-istess familja kif jidher fil-atti tal-Vista Pastorali ta' Mons. Michele Girolamo Molino fil-1678. Biex ikomplu l-wegħda tagħhom , il-familja Gourgion meta ġew biex iżewġu waħda minn uliedhom Donna Anna Antonia Gourgion lin-Nobbli Don Giov. Pio de Piro tawha bħala dota fost ħwejjeġ oħra, ir-raba' ta' Għammar, bil-knisja li tinsab fih, bl-obbligu pero' li jħallsu tliet skudi fis-sena lill-Kappillan tal-Knisja parrokkjali tal-Għarb biex jiċċelebra l-festa f'dik il-knisja. Dan jidher fl-atti tan-Nutar Aloisio Dello Pie tas-27 ta' Settembru, 1693.

Mill-viżti Patorali ta' Mons. Davide Cocco Palmieri u Mons. Fr. Bartolomeo Rull fis-1699 u fis-1760 rispettivament jidher li l-insara ta' dawk l-inħawi kienu jagħtu offerti sabiex iżommu l-lampier jixgħel quddiem ix-xbieha tal-Madonna u ċċelebrata l-festa. Il-benefatturi qatt ma naqsu għax għalkemm iż-żmien imermer u jeqred kollox, dejjem inqalgħa xi ħadd li ndaħal biex isalva il-kappella mill-ħerba li kienet theddidha. Fl-1834, Tumas Cassar, bi flusu u flus oħrajn li ġabru għamel xi tiswijiet fil-kappella. Xogħol ta' siewi kien meta tella' qoxra tal-ġebel mas-sies li fuqu



CAR TECH LTD.

**CAR TECH** Loreto Cutajar Str.,
Żebbuġ ŻBĠ 06
Tel: 467052, Mobile: 099 6865

GENERAL CAR SERVICE

**Tuning of Fuel Injection & Electronic Ignition Engines, Vehicles Safety Test & Wheel Alignment.**

# SAVIOUR MAGRO

*IRONMONGERY & CEMENT STORE*

**Żurrieq Road**
**Luqa**
**Tel: 677133**
**Accounts: 801213**
**Fax: 809147**

***Għal żebgħa ta' kwalunkwe kwalita'**
***Għodda ta' l-idejn u tad-dawl**
***Qtugħ ta' ċwievet u kiri ta' Mixers, Jiggers u Generators**

# SUNSHINE BAR AND RESTAURANT

**TAKE AWAY**

**************

**387 MDINA ROAD**

**QORMI**

**PHONE 484931**

kien mibmi l-ġenb tat-tramuntana u b'hekk evita l-periklu li jċedi l-ħajt ta' fuqu.

Insibu li fl-1840 Dun Ġużepp Cassar kien jieħu ħsieb il-kappella. Dan bena sagristija żgħira u b'hekk saħħaħ il-ħajt tal-knisja. L-ispejjes ħariġhom hu u d-devoti tal-kappella. Fl-1862 Dun Ġużepp talab lill-Isqof Mons. Fra Gaetano Pace Forno OSA sabiex jingħata l-permess ħalli jbiegħ ċerti oġġetti tad-deheb, li kienu daħlu bħala wegħdi u li juża l-erba' u għoxrin skud li jdaħħal minnhom għat-tiswija tal-kappella. L-Isqof qabel ma laqa' t-talba ta' Dun Ġużepp talab lill-Arċipriet tal-Għarb għall-fehma tiegħu. Il-fatt li kien hemm xi oġġetti mogħtija bħala wegħda, juri li anke f'dan iż-żmien kien hemm ċerta devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu.

Fil-vista pastorali li Mons. Pietru Pace għamel fis-snin 1883-84, insibu li l-artal u l-oġġetti sagri kienu fi stat ħażin ħafna u la kien hemm kalċi u l-anqas ilbies tal-quddiesa. Iżda peress li l-fondi kienu limitati l-Isqof viżitatur ma seta' jieħu ebda passi biex il-kappella tiġi restawrata.

Irridu ngħidu li wara medda ta' aktar minn tliet sekli fejn il-kappella għaddiet minn ġrajjiet ta' dawl u ta' dlam, issa kien imiss li għall-kappella ta' Pinu, jibda perjodu ta' dawl qawwi li jibqa' għal dejjem bla qatt ma jintefa. Għal min jemmen jintebaħ bla tbatija, li skond il-providenza ta' Alla, din il-kappella kienet iddestinat biex fiha jitwettqu ġrajjiet l-aktar glorjużi.

Minn kienet Karmni Grima? Kienet l-iżgħar fost ħamest aħwa mwielda lil Tumas Grima u martu Antonja, xebba Apap, mill-Għarb, Għawdex. L-aħwa Grima kienu Anġelika, Ġużepp, Pawlu, Ġanna u Karmni. Karmni twieldet fit-2 ta' Frar 1838. Il-ħajja tal-familja kienet mimlija xogħol iebes minn fil-għodu kmieni sa tard fil-għaxija. Il-familja kienet fqira iżda ħienja u mrobbija fil-għożża u l-ħarsien tal-liġi Mqaddsa t'Alla.

Kienu jgħixu f'dar f'tarf ir-raħal mibnija l-antika bi mqawel u bitħa għall-bhejjem, u fis-sular ta' fuq kienet tgħix il-familja. Mit-twieqi kienu jaraw l-għoljiet ta' Għammar u ta' Gordan, fejn fil-bogħod kien hemm is-santwarju qadim ta' Pinu. Din id-dar illum hija mużew u ħafna li jżuru s-Santwarju ta' Pinu jmorru jżuruha.

Missierha mill-ewwel ħa ħsieb biex jgħammed lil Karmni. Hi ġiet mgħammda f'jum il-kandlora, festa tal-Madonna, meta nfakkru l-ġrajja ta' meta hija ppreżentat lil binha fit-Tempju. Ġiet mgħammda fil-knisja ta' l-Għarb mill-Arċipriet, il-Kanonku Dun Publiju Refalo, tawha l-ismijiet ta' Karmela, Grazzja u Ġużeppa. Bħala parrinijiet kellha lil Dun Ġużepp Saliba u lil Marija Apap bint Nikola. Ftit nafu fuq it-tfulija ta' Karmni, biss nistgħu ngħidu li l-quddiesa ta' kull fil-għodu kważi ma tonqos qatt u l-jum kien jispiċċa bir-Rużarju. Sakemm laħqet l-eta' ta' ħamsa u erbgħin sena Karmni għaddiet ħajja umli u mżewqa bix-xogħol u devozzjonijiet religjużi. Hija mietet fl-eta' ta' l-fuq minn tmenin sena fil-25 ta' Mejju, 1922 u ġiet midfuna fil-Knisja Arċipretali ta' l-Għarb. Fit-23 ta' Novembru, 1932 il-fdalijiet tagħha ġew trasportati mill-Knisja ta' l-Għarb għas-Santwarju ta' Pinu.

Franġisk Portelli twieled fis-6 ta' Ottubru 1850, l-għada ġie mgħammed fil-Knisja ta' l-Għarb mill-Arċipriet Dun Salv Mizzi, l-parrinijiet kienu Mikiel Anġlu Apap u Marija Portelli. Minn ċkunitu kellu qima mħeġġa lejn il-Verġni Marija, qima li tnisslet fih mill-familja, mhux biss kien jingħad ir-Rużarju kuljum iżda wkoll kull kwarta, jiġifieri kull x'ħin idoqq l-arloġġ, anke jekk ikunu fuq ix-xogħol jew fil-faċendi, kienu jieqfu mill-konversazzjoni tagħhom u jirreċitaw Sliema u Qaddisa bil-ġakulatorja: " O Marija li dħalt fid-dinja mingħajr tebgħa, aqlagħna l-grazzja li noħorġu minnha mingħajr ħtija". Din id-drawwa Franġisk baqa' jwettaqha sa l-aħħar ta' ħajtu.

Nistgħu ngħidu li Frangisk Portelli kien xhieda ta' l-ewwel fejqan reġistrat fil-kronaka tas-Santwarju, fejqan li kien il-bidu ta' sensiela twila ta' grazzji li ġew maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna ta' Pinu. Dan il-fejqan straordinarju ta' ommu Ċensa Portelli ġara f' Ottubru tal-1886. Peress li din ix-xwejħa, minħabba mard tal-qalb kienet waslet f'xifer il-qabar, uliedha Franġisk, Nikola u Nardu marru jżuru l-Kappella ta' Pinu u wara li qalu r-Rużarju għall-fejqan ta' ommhom, għamlu wegħda li jekk tfieq, huma jdendlu lampier

# MODERN BAZAAR

TRIQ IL-MURSELLI - MQABBA

TEL: 683376

SOFT TOYS - TOYS - FOOTWEAR -
FASHION CLOTHES - UNDERWEAR -
SOUVENIRS - STATIONERY -
HABERDASHERY - TOILETRIES

***PREZZIJIET RAĠONEVOLI.***




**BUY OR SELL YOUR CAR AT**

## FRANK AUTO DEALER

**MDINA ROAD, QORMI**

**(In front of the Coca Cola Factory)**

**Tel: 445567 Fax: 465706 Mobile: 099 2320**

quddiem ix-xbieha tal-Madonna u li kull meta jkunu jistgħu joffru ż-żejt biex iżommuh mixgħul. L-għada ommhom bdiet ġejja għat-tajjeb u wara ftit taż-żmien qamet mis-sodda u rnexxielha tgħix għal sentejn u nofs oħra.

Franġisk tul ħajtu kollha kien iħabrek f'kull okkażjoni biex iqanqal id-devozzjoni tal-oħrajn lejn il-Madonna u f'din il-ħidma kellu l-għajnuna sħiħa ta' Karmni Grima. Fil-festi principali tal-Madonna kienu jorganiżżaw bħal funzjoni żgħira, daqqa għand wieħed u daqqa għand l-oħra li għaliha kienu jattendu nies devoti ta' Sidtna Marija u xi drabi wkoll xi saċerdoti. Hu miet fl-4 ta' Frar 1926 fis-sitta ta' fil-għodu. Kellu jassistih fost oħrajn in-neputijiet tiegħu Dun Vinċenz Portelli u Dun Ġużepp Cassar kif ukoll Dun Salv Portelli, Kapillan ta' San Lawrenz u Dun Grezzju Portelli li amministralu l-Griżma tal-morda. Ġie midfun fil-knisja ta' l-Għarb, taħt il-paviment fil-qabar numru 29. Fid-19 ta' Marzu 1976 il-fdalijiet tiegħu ġew maqlugħa u meħudin fis-Santwarju ta' Pinu u midfunin fil-Kappella tal-Kunċizzjoni maġenb Karmni Grima.

Mons. Ġużeppi Farrugia li kien jgħix fl-istess żmien ta' dawn l-avvenimenti, ftit kellu l-istess vantaġġi li jindaga u jitkixxef biex isib id-dettalji kollha. Ħadd ma jiskanta mela li kull min kiteb fuq din il-ġrajja ewlenija tas-Santwarju ta' Pinu ġabu dak li qal hu stess jew siltiet mill-ktieb tiegħu "La Beata Vergine ta' Pinu in Gozo".

L-istorja kif jirrakontaha Mons. Farrugia, hija din: jum fix-xahar ta' Ġunju, 1883, Karmela Grima bint il-mejjet Tummas u, xebba bidwija mill-Għarb, li kellha 45 sena magħluqa, kienet ġejja lura lejn darha, mill-għalqa fin-naħa tal-Gordan, fil-waqt li kienet tirreċita xi talba. Kien għall-ħabta ta' l-għaxra ta' fil-għodu, x'ħin waslet qrib il-Knisja ta' Pinu semgħet għal darbtejn jew tlieta leħen isejħilha: "Ejja, Ejja." Il-mara kkonfondiet ħafna, għaliex ma kien hemm ħadd f'dan il-ħin fl-għelieqi li dan il-leħen seta' kien tiegħu. Wara li damet ftit ma tafx x'ser tagħmel, iċċaqalqet u bdiet miexja mill-ġdid. Imma l-leħen ta' qabel reġa' tenna : "Ejja llum, għaliex qabel sena ma tkunx tista' tiġi." Għalhekk, hija reġgħet xi passi lura sabiex taqbad il-passaġġ u bdiet miexja bil-mod u beżgħana, għax ħasbet li ser issib lil Verġni Mbierka nnifisha, mhux impittra fuq it-tila, imma x'ħin waslet ħdejn il-bieb tal-kappella li kienet magħluqa u ttawlet mit-tieqa żgħira miftuħa fl-istess bieb, x'ħin rat li ma kien hemm ħadd għamlet ftit kuraġġ lilha nnifisa, u għad li kien għad fadlilha l-biża, daħlet fil-knisja. Talbet għal ħin wieħed u ġarrbet hena mhux tas-soltu; u x'ħin spiċċat qagħdet ittella' u tniżżel taħseb x'sejra tirreċita iżjed. F'dak il-ħin, l-istess leħen reġa' qalilha: "Irreċita tliet *Ave* b'tifkira tat-tliet ijiem li ġismi dam fil-qabar." Qalet it-tliet Slimiet b'ħeġġa ta' devozzjoni ikbar u reġgħet lura lejn darha u matul sena sħiħa ma kellhiex okkażjoni tmur lejn dawk l-inħawi tas-santwarju.

Dan kollu Karmni żammitu bħala sigriet, irrakontat biss wara sentejn lil Franġisk Portelli, li kienet tafu bħal żagħżugħ mogħti għall-ħajja ta' pjeta. Franġisku ħa pjaċir iżda ma qal xejn. Iżda darba oħra meta Karmni staqsietu jekk kienx sema xi ħaġa wieġeb iva. Qalilha li għal madwar sitt darbiet huwa kien sema' l-leħen tal-Madonna li rikkmandatlu d-devozzjoni lejn il-pjaga tal-ispalla tal-Iben Divin tagħha, li kenet saritlu bit-toqol tas-salib, fil-ħin li kien iġorru għall-Kalvarju.

Wara ftit taż-żmien minn dawn il-ġrajjiet bdiet tiġri ix-xniegħa li l-Madonna ta' Pinu kienet kellmet lil tnejn min-nies mill-Għarb. Iż-żjajjar lis-Santwarju bdew jiżdiedu. Naturalment li l-Arċipriet tar-raħal, il-Kanonku Dun Franġisk Saverju Debrincat, sar jaf b'dawn ix-xnigħat. Dan mar għand l-Isqof t'Għawdex, Mons Pietru Pace u wara li qallu x'kien sema' talab il-parir tiegħu. L-Isqof deherlu li wieħed għandu jistenna, għaliex jekk din il-ġrajja kienet ġejja mis-sema, Alla nnifsu jsib mezz sabiex kulħadd isir jaf il-verita'.

Iżjed tard, Mons. Pace għamar li jiġu msejħa Karmni Grima u Franġisk Portelli sabiex jistqarru huma stess dak li ġara fis-Santwarju ta' Pinu u qabbad lill-Arċipriet biex jagħmel dan l-istħarriġ.

Fit-23 ta' Marzu 1887, l-Arċipriet Dun Franġisk Saver Debrincat sejjaħ lil Franġisk. Dan irrakontalu l-istorja tal-fejqan ta' ommu Ċensa Portelli. Irrakontalu wkoll dak kollu li ġara

# BLOKRETE LTD.

MOSTA ROAD, LIJA, MALTA.




TEL: 433953 - 433957 - 484735
FAX: 433957

# LINDA STORES

## 46, REPUBLIC SQUARE, ŻURRIEQ.

TELEPHONE: 827215
Prop. P. Cardona

Għal dak li tiġi bżonn biex tarma darek,
l-ewwel asal wasla sa LINDA STORES - ŻURRIEQ

## hemm issibu:

Varjeta' ta' Linef tal-Kristall u tal-Bronze
Stock varjat ta' Fridges - Cookers - Washing Machines
Mixers - Videos & Colour Televisions.
Minbarra ħafna rigali sbieħ u oġġetti oħra.
Kollox bi prezzijiet imraħħsa
Ħlas bin-nifs aċċettat.

fil-kappela ta' Pinu meta aktar minn ħames jew sitt darbiet sema' leħen jgħidlu : "Ħabrek biex tkun devot lejn il-pjaga ta' l-ispalla ta' Ibni li kienet magħmula mis-salib, waqt li kien tiela għall-Kalvarju, u ħabrek ħalli anke l-oħrajn ikollhom l-istess devozzjoni."

Fis-26 ta' Marzu,1887 Karmni ġiet imsejħa quddiem l-istess Arċipriet u din irrakontatlu l-ġrajja tagħha, meta x'ħin daħlet fil-kappella il-vuċi misterjuża qaltilha : "Għid tliet *Ave Maria* b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġismi dam midfun ġewwa l-qabar, qabel l-Assunzjoni." Jidher pero, li Karmni, ma kienx għadha tiftakar eżatt is-sena u ż-żmien li fih twettqet din il-ġrajja.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu, li għaddiet ħafna il-quddiem fis-snin li fihom xterdet l-aħbar tad-dehriet, mhux biss bdiet trabbi għeruq fil-fond ta' qalb il-poplu Għawdxi iżda kellha wkoll l-approvazzjoni tal-Knisja. Fil-11 ta' Frar 1889 il-Papa Ljun XIII ħatar bħala Isqof ta' Għawdex lil-Mons. Giovanni Marija Camilleri, Agostinjan, wara li Mons. Pietru Pace sar Isqof ta' Malta. L-Isqof Camilleri jagħti xhieda ta' dan fl-ewwel Vista Pastorali tiegħu.

Ix-xewqa tal-poplu kienet li tinbena knisja ġdida u ikbar. Fit-30 ta' Mejju 1920 l-Isqof Camilleri waqt li poġġa l-ewwel ġebla qal: "Malli ġejt hawn fostkom, wieħed mill-ewwel ħsibijiet tiegħi kienu li nfittex intellgħu din id-dar t'Alla għal-glorja tiegħu u tal-Imqaddsa Ommu Marija". Il-perit kien Andre' Vassallo, li fl-1887 kien sar *Clerk of Works* fid-Dipartiment tax-xogħolijiet Pubbliċi, mexxa l-bini ta' l-iskejjel tal-Gvern tal-Ħamrun u tas-Sliema. Xogħolijiet oħra magħrufa tal-Perit Vassallo kienu t-teatru "Principessa Melita" f' tas-Sliema u d-dar tal-"Little Sisters of the Poor" tal-Ħamrun. Il-bennej kien Vitor Vella miż-Żebbuġ, Għawdex. Vitor lesta x-xogħol kollu bil-kampnar b'kollox fis-sena 1936. Għamel xi xogħolijiet oħra fil-knejjes ta' Kerċem u tal-Għasri, fil-koppla taż-Żebbuġ u fil-kampnar tal-Katidral. Vitor Vella miet fis-26 ta' Frar, 1956. L-Isqof Mikiel Gonzi għamel il-konsagrazzjoni ta' dan it-tempju fit-13 ta' Diċembru, 1931, għalkemm kien għad fadal ħafna xogħol xi jsir. Tlestiet min kollox fit-8 ta' Mejju 1936.

Il-ġrajja ta' l-inkurunazzjoni tax-Xbieha tal-Maddonna ta' Pinu tibda fis-6 ta' Frar 1933 meta l-Isqof Gonzi li kellu xewqa kbira li jara x-xbieha tal-Madonna mżejjna b'kuruna tad-deheb kiteb lill-Kardinal Eugenio Pacelli, Arċipriet tal-Bażilika Vatikana, fiha ressaq talba lill-Kapitlu ta' dik il-Bażilika sabiex tingħatalu l-fakulta li jinkuruna x-xbieha tal-Madonna ta' Pinu. Ġara iżda li kienu qegħdin isiru t-tħejjijiet għall-Konċilju Reġjonali Malti u kien hemm il-probabilita li jiġi kardinal biex jippresiedi l-laqgħat ta' l-setss Konċilju bħala Delegat Pontifiċju; għalekk Mons. Gonzi deherlu li jkun aħjar li jibdel il-pjan tiegħu. Fl-24 ta' Mejju 1933 kiteb lil Mons Giovanni Bressan fejn ippropponielu li l-inkoronazzjoni ssir minn Kardinal bħala Delegat tal-Papa nnifsu. Meta din il-proposta waslet għand il-Papa Piju XI aċċettaha bil-qalb u bid-digriet ta' l-24 ta' Mejju 1935 iffirmat mill-Kardinal Eugenio Pacelli, Segretarju ta' l-Istat, għażel lill-Kardinal Alessio Enrico Maria Lepicier tal-Ordni tas-Seviti.

Il-Kardinal Lepicier wasal Għawdex fit-18 ta' Ġunju 1935 fejn ġie milqugħ b'entużjazmu kbir mill-Għawdxin. Il-funzjoni tal-inkurunazzjoni twettqet nhar il-Ħamis, 20 ta' Ġunju 1935, festa ta' *Corpus Domini,* fil-għaxija. Il-funzjoni saret barra fil-Misraħ ta' Pinu. Il-kwadru ġie espost fuq palk quddiem il-bieb tal-Knisja. Fil-5.00p.m. wasal il-Kardinal Legat, akkumpanjat miż-żewg Isqfijiet, il-folla miġbura leqgħetu biċ-ċapcip u bl-għajta "Viva l-Papa". Wara l-kant tal-Vespri ħarġet purċissjoni qasira mill-Knisja li fiha ħadu sehem barra l-Kardinal u l-Isqfijiet, il-Monsinjuri tal-Katidral, il-Kanonċi tal-Kolleġati, għadd kbir ta' Saċerdoti u reliġjużi. Ġie moqri d-dokument li bih il-Papa Piju XI ikkonċieda l-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna ta' Pinu. Sir Arturo Mercieca, Prim Imħallef ta' Malta, f'isem il-poplu, tella' l-kuruna tad-deheb u l-ġawhar fuq imħadda tal-bellus. Inqara l-Att Notarili li bih ir-Rettur tal-Knisja obbliga ruħu li jżomm dejjem il-kuruna mwaħħla fuq il-kwadru. Fl-aħħar il-Kardinal akkompanjat miż-żewġ Isqfijiet b'qima kbira qiegħed il-kuruna fuq ras il-Madonna, fost entużjażmu kbir. L'Isqof ta' Għawdex f'diskors li għamel spjega fil-qosor it-tifsira ta dina ċ-ċeremonja. Il-Kardinal, imqanqal

# PET CARE

Kull ma trid għall-ġnien u għar-Raba,sustanzi etc.
Għall-Pets Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwies u affartijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u
kaxxa tal-plastic tas-sajd etc.
Lanza, spag tan-nar, nasses u dqiq tal-ful etc.

QRENDI ROAD,
ŻURRIEQ.

TEL: 828727

# Konica

*Copy Party*

☑ STATIONERY ☑ GREETING CARDS ☑ MAGAZINES
☑ PHOTOCOPY SERVICE ☑ COLOUR COPYING ☑ BOOK BINDING
☑ FILM DEVELOPING (SAME DAY SERVICE)
☑ LAMINATING

**West Street, Msida MSD 06**
**Tel: 340982 Fax: 491795**




# JERRY'S

## SILENCER REPAIRS

## TEDDY'S GARAGE,

SIĠĠIEWI RD., MQABBA.

TELECELL: (099) 8066



Is-Santwarju Ta' Pinu llum.

mill-entużjażmu tal-poplu u b'ferħ kbir f'qalbu tkellem ukoll u fost ħwejjeġ oħra qal : "Din il-kuruna tkun garanzija solenni tal-patt li issa għandkom kif iffirmajtu ma Marija. Intom intrabattu li tħobbuha, tqimuha u tobduha. Hi twegħdkom li tibqa' dejjem tieħu ħsiebkom fil-ħajja u fil-mewt". Spiċċa id-diskors tiegħu billi esklama "Viva Kristu Re, Viva il-Madonna, Viva il-Papa." L-għada, il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju, fil-għodu, il-Kardinal Lepicier ħalla Għawdex fost entużjażmu kbir mill-Għawdxin.

Dan l-entużjażmu irrepeta ruħu mhux biss fil-Festi Ċentinarji li fakkru s-Sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima, meta għal din l-okkażjoni nżamm fil-Gżejjer Maltin il-Kungress Marjoloġiku Marjan Internazzjonali li ngħalaq fis-Santwarju Ta' Pinu mid-delegat tal-Papa l-Kardinal Salvatore Pappalardo, imma akta w aktar f'Mejju 1990 meta l-Papa Ġwanni Pawlu II żar Għawdex u qaddes Quddiesa fil-Misraħ u poġġa Stellarju tad-deheb u ħaġar prezzjuż fuq ix-Xbieha Mirakuluża tal-Madonna. Żgur li kollha kemm aħna għadna niftakru b'liema entużjażmu u ferħ l-Għawdxin laqgħu lid-Delegat ta' Kristu Sultan ġewwa l-gżira tagħhom.

**Nixtieq nirringrazzja pubblikament lill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex, li mhux talli ġentilment għoġbu jagħtini l-permess nikkwota bis-sħiħ mill-ktieb tiegħu "Is-Santwarju ta' Pinu Ċentru ta' Pellegrinaġġi," anzi għogbu jara l-artiklu li ppreparajt għal dan il-programm. L-għan ewlieni tiegħi hu li nkabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna billi nagħti tagħrif siewi dwar id-dehriet ta' Pinu u nirrikkmanda lill-qarrejja li jaqraw dan il-ktieb ħalli jsiru jħobbu iżjed lill-Madonna, Omm Sidna Ġesu'.**

# KELMTEJN MILL-KUMITAT TAN-NISA

Ninsabu għaddejjin bl-aħħar preparamenti għall-Festa Titulari tal-Parroċċa ta' l-Imqabba - Santa Marija - Festa li hi għal qalb mhux biss għalina l-Imqabbin iżda għall-Maltin u l-Għawdxin kollha.

B' koordinazzjoni sħiħa mal-Kumitat Eżekuttiv u mas-Sezzjoni Żgħażagħ, aħna nagħtu s-sehem tagħna wkoll biex inkomplu nkabbru din il-Festa kif ukoll isem is-Soċjeta' tagħna. Saru diversi attivitajiet matul dawn l-aħħar xhur, bħala *fund raising* kif ukoll bħala *socials*, iżda minħabba ħafna raġunijiet li ma tantx ikollok kontroll fuqhom, kellna nipposponu oħrajn u li kienu pprogrammati li jsiru. Dan ma jaqtalniex qalbna għaliex persważi mill-konkorrenza taghkom nisa soċji u partitarji, li dejjem tajtuna l-appoġġ tagħkom f' kull attivita' li norganiżżaw.

Il-membri tal-Fergħa tagħna jieħdu ħsieb ukoll il-ħjata tal-pavaljuni, l-uniformi tal-bandisti, tindif ġenerali tal-Każin u mitt ħaġa oħra li Soċjeta' u Festa hekk kbar jirrekjedu minn żmien għal żmien. Biss nixtiequ li naraw aktar uċuħ ġodda biex jagħtu daqqa t' id lil dawk li ilhom jieħdu ħsieb għal żmien twil; ix-xogħol u l-impenn qed jiżdied is-sena kollha aktar milli żdiedet l-għajnuna! Ftakru wkoll li kull suġġeriment u kritika kostruttiva huma mixtieqin u milqugħin, ħalli nkomplu nimxu l-quddiem għas-sodisfazzjon ta' kull min għandu għal qalbu l-Festa u s-Soċjeta' li ġġib isimha.

Nagħlqu dan l-intervent tagħna billi nirringrazzjaw lil kull min ta jew qed jagħti l-għajnuna tiegħu sew fiżika kif ukoll finanzjarja sabiex il-Fergħa tan-Nisa fis-Soċjeta' tkompli tkun pilastru w indispensabli fil-ħajja ta' l-istess Soċjeta'. Nappellaw ukoll biex inkunu ġenerużi fil-ġbir; mhux biss, iżda ġenerużi wkoll fl-impenn tagħna matul il-Festa kollha billi nieħdu sehem attiv l-ewwel fil-funzjonijiet tal-Knisja imbagħad f' dawk organiżżati mis-Soċjeta'. L-eżempju jkaxkar: uliedna rridu nkomplu nrawmuhom fuq dawn il-konvinzjonijiet li għaddewlna missirijietna u li bħal vanġelu, jibqgħu japplikaw għal dejjem!

Filwaqt li nerġgħu nirringrazzjaw lil kulħadd, nixtiequ minn qalbna l-Festa t-tajba lill-membri u partitarji tagħna u lil Imqabbin kollha.

**VIVA SANTA MARIJA**

**Il-Kumitat.**

IL-FERGĦA TAN-NISA TIEĦU DIN L-OPPORTUNITA' BIEX TFAKKAR LI

## IL-FESTA TA' SANTA MARIJA

HI WKOLL IL-FESTA TAL-

## *MOTHERS' DAY* TAGĦNA LKOLL

GĦALIEX SANTA MARIJA HI OMMNA TAS-SEMA.

# MILL-PINNA TAD-DISINJATUR TAL-PLANĊIER



Inselmilkom ħbieb tiegħi, f' ismi u f' isem il-kummissjoni li tant qegħdin naħdmu flimkien u f' solidarjeta' waħda mal-voluntiera li qegħdin jaħdmu b' attenzjoni w sagrifiċċji kbar kif tirrekjedi l-Arti. Fl-istess ħin irrid nagħmlilkom kuraġġ u nirrakomandalkom biex ħadd ma jaqta' qalbu għaliex bis-sabar u bil-paċenzja kollox isir, u jsir mill-ewwel sew; kull ma jieħu ftit taż-żmien aktar. Dan jien persważ li tifhmuh għaliex mill-esperjenza tiegħi ta' kemm ielni nagħmilha magħkom tul dawn l-aħħar snin, sirt naf kemm intom nies li tobdu u tirrispettaw; ta' dan il-ġest irrid ngħidilkom grazzi.

Mil-banda l-oħra, irrid inkun ġenwin ma kulħadd, speċjalment ma dawk li qed jistennew bil-ħerqa din l-opra, u nitlobhom biex ikomplu jieħdu ftit tal-paċenzja ħalli, jekk Alla jrid, inkun nista' niżviluppa din l-opra b' aktar kuraġġ u napplika l-menti tiegħi fil-fond aktar f' dak li tant qed tistennew minna.

Jien bniedem li nħobb naħdem fil-kwiet u s-silenzju; jekk jista' jkun nixtieqkom tibqgħu tifhmuni meta ngħid li "......qiegħed isir kollox u fl-istess ħin ma qiegħed isir xejn!" Dan qiegħed ngħidu għall-ġid tas-Soċjeta' ħalli wieħed, jaf x' jaf, iżomm fommu sieket; staqsu lill-Kummissjoni kif dejjem tħadditna.

Għaldaqstant, ikun ta' rispett kbir għaliha w unur għas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jekk inkomplu nsegwu din id-direttiva li l-Kummissjoni ħarġet sa mill-bidu tal-ħidma tagħna f' dan il-proġett. Hi ħaġa mill-lewn id-dinja li d-diskors fil-każin jaqa' fuq opra bħal din, iżda wieħed li jaf ħafna għandu jigdem ilsienu ħalli meta jekk Alla jrid nuruha għall-ewwel darba tkun verament opra unika, ġdida u sabieħa. Nerġa' ngħid sabiex wieħed joqgħod attent kif jitkellem fuq il-planċier li qed nagħmlu, ħalli ma nagħtu l-ebda informazzjoni, forsi mingħajr anqas biss inkunu qed nindunaw, b' detriment għas-Soċjeta', lili bħala persuna responsabbli mix-xogħol u fl-aħħar mill-aħħar lielkom għeżież soċji, partitarji, benefatturi u voluntiera, li minn qalbi mill-ġdid nerġa' nirringrazzja.

**Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.**

**Carmelo Caruana.**

**Il-Kumitat Eżekuttiv jieħu din l-okkażjoni biex mill-ġdid jirringrazzja lis-sur Caruana għat-tmexxija tiegħu ta' dan il-proġett.**

**Nirringrazzjaw ukoll lill-voluntiera, lill-benefatturi u l-kull min qed jikkontribwixxi b' xi mod jew ieħor ħalli, jekk Alla jrid, ikollna Planċier xieraq għall-Banda tagħna.**

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI ARMAR

Wasal ix-xahar maħbub t' Awissu, li bla dubju ta' xejn iġib ferħ u entużjażmu kbir fir-raħal tagħna għax propju f' nofsu niċċelebraw bil-kbir u kif jixraq il-Festa Titulari u kbira ta' Santa Marija. Fejn jidħol l-armar, ma ħarisniex lura iżda komplejna fejn ħallejna s-sena l-oħra, bil-għan ewlieni li nkomplu nsebbħu il-pjazza u t-toroq tar-raħal matul il-jiem li fihom tiġi ċċelebrata l-akbar Festa Mqabbija.

Wara li s-sena l-oħra komplejna u lestejna l-parti l-kbira tal-pavaljuni għal Triq Santa Katarina, fuq disinn tas-sur Renzo Gauċi, għal din is-sena lestejna tlieta oħra biex b' hekk nistgħu ngħidu li issa lesta. Is-sur Andrew Buġeja, wara li s-sena l-oħra lestielna żewġ pitturi għal dawn il-pavaljuni majestużi, jekk Alla jrid għandu jlestielna erba' oħra li jirrapreżentaw lis-Sultana tal-Patrijarki, Sultana ta' l-Appostli, Sultana tal-Martri u Sultana mnissla mingħajr l-ewwel ħtija, kollha titli meħudin mil-Litanija tal-Madonna.

Triq id-Duluri wkoll ser inkunu nistgħu ngħidu li lestejniha kollha bis-sett ta' erba' pavaljuni, li ser ikomplu jgħaqdu l-armar tat-toroq kollha li jieħdu għall-pjazza f' armonija artistika waħda. Meta s-sena l-oħra żanżanna l-ewwel wieħed minn dan is-sett, ħadd ma ried jemmen li rnexxielna nużaw l-armi ferm antiki li kienu jintużaw għall-pavaljuni tat-Triq tan-Nofs - l-ewwel pavaljuni tax-xorta tagħhom li qatt intramaw ġo Malta! Kellna kliem ta' tifħir mid-dilettanti kollha ta' l-armar għad-disinn oriġinali tas-sur Renzo Gauċi u għal l-esekuzzjoni ta' dan id-disinn li żgur ma kienx nieqes minn diffikultajiet sabiex sar; min jifhem tassew f' dan ix-xogħol jaf x' qed ngħid!

Il-fiduċja kbira li għandna fl-artist Renzo Gauċi waslitna sabiex ikkommisjonajnielu disinn għal sitt bandalori kbar, tnejn għat- Triq Santa Katarina u erba' għal ħdejn il-Kappella tad-Duluri. Billi fihom hemm ukoll il-ħsieb li ssir pittura, ninsabu naqra magħfusin biż-żmien iżda xorta waħda nispera li nilħqu nlestuhom. Hawnhekk ta' min wieħed isemmi li dan ix-xogħol tad-drapp kollu li sar matul dawn l-aħħar xhur ma kienx ikun possibli li kieku ma kienetx għal l-għajnuna ta' ħafna żgħażagħ li b' tant sagrifiċċji personali tagħhom u ta' l-għarajjes jew familjari tagħhom sibthom ta' għajnuna kostanti w inkoraġġanti. Infatti nsibu li wara t-tfassil u t-tqegħid tad-drapp minni u mis-sur Antwan Abdilla, ix-xogħol jgħaddi għand is-sur Mario Camilleri li, b' paċenzja kbira, jxellel id-drapp kollu sabiex jinħiet minn nisa partitarji li reġgħu tawna l-għajnuna tagħhom ukoll. L-isfumar rega' daħal għalih is-sur Patrick Ghigo u b' hekk nistgħu ngħidu li d-drapp li ser inżanżnu għal darb' oħra din is-sena huwa xogħol kollu ta' l-Għaqda Armar Santa Marija, l-ewwel Għaqda tax-xorta tagħha fir-raħal tagħna.

Mhux biżżejjed li żżanżan l-armar ġdid; trid tieħu ħsieb ukoll dak eżistenti! Hekk komplejna nagħmlu billi, wara li sas-sena l-oħra, is-sur Renzo Gauċi kien laħaq irrestawralna tmienja minn dan is-sett uniku ta' erbatax-il personaġġ, din is-sena nisperaw li jlestielna s-sitta l-oħra jiġifieri: San Xmun, San Ġuda Taddew, San Tumas, San Bartilmew, San Filippu u San Ġwann, u b' hekk nerġgħu nagħtu dik id-dehera oriġinali lil dan is-sett ġawhra artistika tal-Gżejjer Maltin.

Nagħlaq dan il-messaġġ anwali tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi kollha, lin-nisa li tawna daqqa t' id kif ukoll lill-benefatturi, soċji u partitarji kollha li dejjem sibnihom kull meta tlabnihom il-kontribut finanzjarju tagħhom. Irridu nibqgħu naħdmu f' għaqda waħda għaliex il-kbir għadu ġej! Ix-xogħol li s' issa wettaqna huwa garanzija ta' serjeta', dixxiplina u maturita' artistika għall-futur qarib meta ser niġu mitlubin naħdmu fuq l-aħħar fażi tal-Planċier tal-Banda, li b' sodisfazzjon għal kull min qed jaħdem bħal' issa fuqu miexi b' ritmu mgħaġġel sew. Il-fiduċja u l-għajnuna li dejjem sibna mill-Kumitat Eżekuttiv irridu nirreċiprokawhom b' xogħolna u ħidmietna ħalli nkomplu nuru li mhux biss aħna **l-Ewwel Għaqda ta' l-Armar fl-Imqabba** iżda **l-Aqwa**, hekk kif bl-umilta' kollha ta' xogħolna nippruvaw inkunu f' kollox.



L-ewwel pavaljun mis-sett ta' erba' ta' Triq id-Duluri.




Il-Pavaljuni Majestużi ta' Triq Santa Katarina.

KINGFISHER

Bar &
Restaurant



Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq – Malta

Tel. 827908

# BESTMARK - SUB POST OFFICE

Rokku Buħaġiar Street, Qrendi.
Telephone: 685872

**Ħanut Modern fiċ-Ċentru fejn issibu Rigali għal kull okkażjoni.**

LINEF - ELECTRICAL APPLIANCES - GĦAMARA
ĦWEJJEĠ - TOYS - HABERDASHERY - STATIONERY
PHOTOCOPY SERVICE - SOUVENIERS TAT-TIEĠ
FILM DEVELOPING SAME DAY SERVICE
Naċċettaw Wedding u Engagement Lists

**BESTMARK - Għal kull ħaġa li tixtieq fid-dar.**

# L-Isqof Alpheran de Bussan iżur il-Parroċċa ta' l-Imqabba fl-1745

## (Ir-Raba Parti)



Din is-sena se nkomplu naraw parti oħra tal-vista pastorali ta' l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan lill-Parroċċa ta' l-Imqabba fl-1745. Fil-parti tas-sena l-oħra konna bdejna naraw il-kummenti ta' dan l-Isqof dwar il-knejjes żgħar ta' dan ir-raħal. Din is-sena se naraw il-kummenti ta' dan l-Isqof dwar żewġ knejjes żgħar oħra li għadhom wieqfa sa' llum.

Wara li temm iż-żjara tiegħu fil-knisja ta' Santa Katarina l-Isqof daħal fil-knisja ta' San Mikiel u jgħid li din il-knisja kienet kompluta b'kollox u għandha dak kollu li kien meħtieġ bħal m'huma sitt gandlieri u s-salib ta' fuq l-artal li dawn kienu indurati. Fuq il-mensa kien hemm sett kartelli tal-Glorja. L-Isqof osserva li fuq l-artal kien hemm kwadru pittura ta' San Mikiel u fuqu, iżgħar, kien hemm il-kwadru ta' San Ġirolmu.

Osservazzjoni oħra ta' l-Isqof Paolo Alpheran kienet dwar il-lampier mixgħul ta' quddiem din ix-xbieha u jgħid li dan kien jinxtegħel kull nhar ta' Sibt u fil-festi tal-Preċett.

Dwar il-festa ta' San Mikiel, l-Isqof jgħid li din kienet tiġi ċċelebrata kull sena nhar id-29 ta' Settembru bil-kant ta' l-għasar u biċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa letta.

Kienet id-drawwa li għal din il-festa kien jitqassam il-ħobz lill-foqra u din kienet drawwa qadima tant li l-Isqof Gargollo semmieha fil-vista ta' l-1600. Barra l-festa ta' Settembru, kienet tiġi ċċelebrata festa oħra f'ġieħ San Mikiel. Din kienet ssir fit-8 ta' Mejju b'tifkira tad-dehra tiegħu. Għal din l-okkażjoni kienet tiġi ċċelebrata quddiesa oħra kif kien isir wkoll fil-festa ta' San Ġirolmu. Barra li kienet kompiuta b'dawn il-ħwejjeġ kollha, l-knisja kellha wkoll ir-rettur tagħha li kien il-kjeriku Paskal Zammit.

Wara l-Isqof għadda biex żar il-knisja ta' San Bażilju. Jibda biex jgħid li din il-knisja kienet minn dejjem popolari u devota min-nies saħansitra qabel l-Imqabba saret Parroċċa għaliha. Għal din ir-raġuni kienet miżmuma fi stat tajjeb ħafna, kellha l-bieb ta' l-injam, kienet iċċangata u kellha wkoll il-kampnar.

Dwar l-artal jgħid li dan kien tal-ġebel u fuqu kien hemm pittura li din kienet tirrappreżenta lis-Santissima Trinita, lil Madonna, lil San Ġużepp, lil San Bażilju u lil Santu Rokku filwaqt li taħt kienu jidhru numru ta' erwieħ fil-purgatorju.

Quddiem din il-pittura kien jinxtegħel il-lampier kull nhar ta' Sibt. Fuq dan l-artal maġġur kienet ukoll tiġi ċċelebrata kull sena l-festa taċ-Ċirkunċiżżjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu. Din kienet tiġi ċċelebrata fl-1 ta' Jannar bil-kant ta' l-Għasar u b'quddiesa kantata. F'din l-okkażżjoni kienet ukoll issir purċissjoni votiva li fiha kienu jieħdu sehem il-qassisin u l-kjeriċi tal-Parroċċa. F'din l-okkażjoni kienu wkoll jitbierku l-oqbra li kienu madwar il-knisja u li fihom kienu midfuna bosta vittmi tal-pesta tal-1676. Funzjoni oħra simili kienet ssir fit-2 ta' Novembru jum it-tifkira tal-mejtin kollha. Hawnhekk l-Isqof osserva wkoll li kull ġimgħa f'din il-knisja kienet tiġi ċċelebrata quddiesa bi spejjes Pawlu Hagius skond kif jidher fil-atti tan-nutar Marju Briffa tad-9 ta' Marzu 1641.

Għal dan il-għan Hagius kenn ħalla biċċa propjeta' li kienet tinsab f'Wied ix-Xewk li dan jinsab fl-inħawi ta' San Mattew tal-Maqluba.

Darb' oħra naraw parti oħra ta' din il-vista li ttina dan it-tagħrif interessanti dwar il-qagħda ta' l-Imqabba f'nofs is-snin tas-seklu tmintax.

**Tony Terribile,**
**Tas-Sliema,**
**31 ta' Mejju 1995.**

# Euroel Ltd.

wish to announce the opening of

# Cut Of Class

Hairdressing Salon and Cosmetic Centre
At the Mulino Shopping Arcades
Matteolo Saliba Street
Zurrieq ZRQ 04

Opening Hours: Tuesday to Friday from 9.00 a.m. to 12.00 noon.
Saturday from 9.00 a.m. to 3.00 p.m.
Tel: 680146

## Euroel Ltd.

wish to announce the launching of:

**istriLène**

a new assortment of Hair and Make up preparations, Body Care and Perfumes
istriLène specializes for your sensitive skin

*istriLène Let's Talk Beauty*

and of
Edith Clee and Anthony Clee
a new assortment of Hair and Make up preparations, Body Care and Perfumes

*Edith Clee for the Modern Woman To Be*
*Anthony Clee A Part of A Man*

and also of
OMEGA
**Calvitien®**
Delbôve
Hair Treatment Cure

OMEGA The Cure For Every Type of Hair Problem

Note: Euroel Ltd. is the Sole Agent for all the products referred to above.
Trade Enquiries: Reine du Ciel, Bronja Street, Zurrieq ZRQ 04. Tel: 680146

# L-ORKESTRA 'SANTA MARIJA'

### TAGĦRIF STORIKU MIĠBUR MIS-SUR JOSEPH FARRUGIA

Nhar it-12 t' Awissu 1945, inkitbet paġna storika għas-Soċjeta wisq għażiża tagħna meta, għall-ewwel darba ġo raħalna, grupp ta' mużiċisti Imqabbin ingħaqdu flimkien u daqqew f' dak li kellu jkun id-debutt uffiċjali ta' l-Orkestra 'Santa Marija'. Illum, ħamsin sena wara, meta nħares lura, anqas biss inkun irrid nemmen li qiegħed nikteb l-istorja li kelli sehem fiha jien (billi kont indoqq il-vjolin) u aktar w' aktar li kont nifforma parti mill-ewwel formazzjoni mużikali f' raħalna ta' dan is-seklu, dik li fl-istorja ta' l-Imqabba trid tibqa' mfakkra bħala l-Ewwel Soċjeta' Mużikali.

**Il-Fundatur Ġużeppi Galea**

Li l-mibki iżda qatt minsi Ġużeppi Galea kien mużiċist prima klassi huwa fatt magħruf iżda forsi mhux daqstant ieħor magħruf li hu kien il-fundatur ta' l-orkestra 'Santa Marija'. Kien għal ħabta ta' l-1939 meta Ġużeppi beda jgħallem l-ewwel alljievi fis-sede tas-Soċjeta' tagħna, iżda kellu jieqaf ħesrem minn din il-ħidma sfieqa tiegħu, minħabba t-tiġrib tat-Tieni Gwerra Dinjija. Tant kien hawn twegħir f' dawk iż-żminijiet illi saħansitra l-Festa wisq għażiża għalina ta' Santa Marija kellha tieqaf milli tiġi ċċelebrata. Il-każin kien issa sar uffiċċju tal-Gvern u l-ħajja soċjali fl-Imqabba, bħal fl-irħula u l-ibliet l-oħra tal-Gżejjer Maltin għosfrot u spiċċat fix-xejn. Kien żmien li għadni sal-lum nibża' biss insemmih, hekk kif kull min hu ta' tampari ċert li jagħmel hu ukoll bħali. Meta l-qilla tal-gwerra bdiet tbatti, ħsieb il-poplu Mqabbi dar mill-ewwel biex jerġa' jibda jiċċelebra mill-ġdid il-Festa Titulari ta' Santa Marija; fatt li seħħ appena fl-1943. Malli feġġ dan ix-xaqq ta' tama u reġa' beda jisbaħ, l-istess Ġużeppi Galea, b' aktar determinazzjoni minn qatt qabel, fl-1944 reġa' qabad jagħlem il-mużika fil-każin tagħna, mgħejjun mis-surmastrijiet Carmelo Schembri, Antonio Mamo, Paolo Carabott , Espedito Deguara u Francesco Azzopardi.

**L-ewwel żminijiet**

Konna qegħdin aktar ma jgħaddi ż-żmien nitgħallmu u nimxu l-quddiem, grazzi għat- tħabrik ta' l-għalliema tagħna. L-akbar problema li kellna u li kkaġunat ħafna sofferenzi lil dawn is-Surmastrijiet kienet dik tat-trasport. Fil-bidu wkoll ta' min isemmi li l-istudenti tal-korda (jien inkluż) konna nħallsu lis-Surmast tal-lezzjonijiet minn butna. Fuq l-istrumenti l-oħra tista' tgħid li ma kien hemm l-ebda problema; Joseph Galea (klarinett) u Joseph Zammit (baxx) ma kellhomx bżonn ta' lezzjonijiet għaliex kienu struwiti sew fuq l-istrumenti rispettivi tagħhom. Niftakar ukoll li din is-sistema baqgħet sakemm l-orkestra ħada f' idejh Mro. Mamo, meta allura s-Soċjeta' ħadet l-inkarigu ta' l-ispejjeż.

**Id-debutt ta' l-orkestra**

Fil-ġurnal ta' dak iż-żmien 'Il-Berqa' għadni niftakar li kien ippublika ritratt ta' l-orkestra kmieni fl-1945. Meta s-Surmast Espedito Deguara ħa d-direzzjoni ta' l-Orkestra f' idejh, ġie mgħoti l-inkarigu mill-Kumitat tas-Soċjeta' Re Ġorġ V biex jipprepara programm orkestrali għall-Festa titulari ta' Santa Marija. Ġie deċiż ukoll mill-istess kumitat li l-Orkestra 'Santa Marija' kellha tagħmel il-programm inawgurali tagħha fit-tieni Tridu tal-Festa, nhar il-ħadd 12 t' Awissu 1945. Din il-gurnata tant mistennija minnha lkoll fl-aħħar waslet. Il-programm sinfoniku sar fil-għaxija, wara l-funzjonijiet fil-knisja, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Espedito Deguara, u nżamm fuq palk imħejji apposta f' Misraħ il-Knisja, biswit il-Każin tas-Soċjeta' Re Ġorġ V. Niftakar ukoll li daqqejna mużika ta' kompożituri varji fosthom Von Suppe' u Ketelby. Min jiftakar din il-ġrajja jaf x' sodisfazzjon kbir irrenja f' dik il-lejla memorabli; dak in-nhar l-Imqabba ma semgħetx aktar it-twerdin tal-*fighters* u l-*bombers* jew is-sereni



L-Orkestra 'Santa Marija' flimkien mas-Surmast/Direttur Profs. Antonio Mamo.

tal-għajb tal-gwerra iżda mużika ħelwa ħierga mill-abilta' mużikali ta' wliedha stess. Sa fejn naf jien ukoll, din kienet l-ewwel darba li f' raħalna ndaqqet il-mużika wara l-gwerra.

**Aktar servizzi**

F' dan l-istess perjodu, il-prokuratur tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju kien is-Sur Lawrenz Zammit, iben Mikiel magħruf aħjar bħala l-benefattur tal-qanpiena l-kbira. Is-Sur Zammit inkariga l-Orkestra 'Santa Marija' biex tagħmel mutett fil-knisja parrokkjali fil-Festa tal-Madonna tar-Rużarju. Is-servizz niftakarni nagħmluh u niftakar ukoll li kien jikkonsisti f' *Salve Regina*, Litanija tal-Madonna, Antifona u *Tantum Ergo*. Tiskanta kemm, f' perjodu relattivament qasir, aħna l-mużiċisti konna ħadna esperjenza mużikali tant soda li saħansitra konna nieħdu sehem flimkien ma orkestri oħra; eżempju tipiku kien meta billi Mro. Deguara kellu l-orkestri Santa Katarina taż-Żejtun u taż-Żurrieq, f' kull programm kien idaħħal element mill-Orkestra 'Santa Marija'. Hekk sar meta daqqejna fir-riċeviment mgħoti minn Dun Salv Gauċi, fil-pussess tiegħu bħala arċipriet taż-Żurrieq kif ukoll meta ġiet inawgurata l-pittura tal-koppla tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun. Għadni niftakar ukoll nhar iż-żwieg tas-Sur Gużeppi Galea (il-fundatur ta' l-orkestra 'Santa Marija') ma Giovanna nhar il-Ħadd 28 t' April 1946 meta waqt ir-riċeviment li kien sar f' *Palazzo Armeria* ġewwa ż-Żurrieq, sezzjoni mill-orkestra (bil-*leader* kont jien bħala prim vjolin) daqqejna mużika ballabli b' gost kbir tal-mistednin kollha. Kien ir-rigal xieraq u li stajna ngħatu lil-għalliem wisq għażiż tagħna. Okkażjoni simili oħra kienet meta nhar il- Ħadd 7 ta' Lulju 1946, konna daqqejna fit-tieġ ta' Carmen Parnis (imwielda l-Imqabba nhar l-4 ta' Lulju 1925) ma Nicholas Frendo. Dan l-istess element orkestrali daqq mużika ballabli tul ir-riċeviment.

**Il-bidla għall-Banda**

F' dawk iż-żminijiet, reġgħu bdew jitwaqqfu l-baned tar-raħal u l-Imqabba ma kienetx eċċezzjoni. Bdiet tintgħoġob aktar l-ideja li ddoqq u timxi milli tibqa' f' post wieħed kif tagħmel orkestra. Kellna wkoll influwenza qawwija mill-baned militari Ingliżi u dan kollu wassal biex anki l-orkestra tagħna ġiet trasformata f' banda minn Mro. J.M. Barbara. Billi konna nafu l-mużika sew, din il-qalba ma ħassejnijiex ħafna tant li bejn Ottubru ta' l-1946 sa Marzu ta' l-1947, konna ppreparati biżżejjed biex noħorgu bl-ewwel programm tal-banda, li sar nhar Ħadd il-Palm tal-1947. Dak in-nhar jien kont daqqejt l-*althorn*, flimkien ma numru sabiħ ta' bandisti tal-post oħra.

**Konklużjoni**

Ngħid illum li jien kont ixxurtjat li għaddejt minn din il-ġrajja hekk importanti fl-istorja glorjuża tas--Soċjeta' tagħna. Ngħid hekk għaliex b' wiċċi minn quddiem nista' nistqarr li konna l-pijunieri tat-tixrid tat-tagħlim mużikali ġo raħalna, fattur importanti biex illum il-Banda tagħna tinsab b' saħħitha u magħquda hekk kif dejjem xtaqna li tkun. Nieħu gost meta nisma' kliem ta' tifħir lejn is-Surmast u l-Bandisti tagħna għax niftakar f' dak is-sodisfazzjon kbir li kull min kellu x' jaqsam ħamsin sena ilu ma' l-orkestra għadda minnu dak in-nhar, sodisfazzjon li qatt u qatt ma ninsew.

L-appell tiegħi hu biex nibqgħu niftakru minn x' hiex għaddejna, mis-sagrifiċċji li saru u jibqgħu isiru dment li jkun hemm dik l-imħabba u l-ħegga lejn l-arti mużikali u lejn is-Soċjeta' Mużikali tagħna. Nitgħallmu mill-kuraġġ ta' l-antenati tagħna ħalli nibqgħu nirbħu kull diffikulta' li nistgħu niltaqgħu magħha issa u għal li ġej. Jekk il-passat huwa mera tal-futur, għandna għalfiex inkunu kburin li nagħmlu parti minn din is-Soċjeta', **l-Ewwel Soċjeta' Mużikali fl-Imqabba.**

B' referenza għar-ritratt li jidher fil-paġna biswit, il-membri ta' l-Orkestra 'Santa Marija' kienu dawn:

Mix-xellug, Joseph Farrugia (vjolin u l-awtur ta' dan l-artiklu), Joseph Zammit (vjolin), Innocent Farrugia (kuntrabaxx), Nicholas Galea (vjolin), John Camilleri (perkussjoni), Innocent Camilleri (vjolin), George Agius (akkordjan), Joseph Galea - Fundatur (vjolinċell), Philip Psaila (trumbun), John Camilleri (klarinett), Nażżareno Galea (flawt), Joseph Zammit (Baxx Mib), John Camilleri (klarinett), Joseph Borg (vjola), Michael Camilleri (vjolin), Emanuel Farrugia (kurunetta), Karmenu Zammit (akkordjan), Salvu Ellul (vjolin), Emanuel Psaila (vjolin), Anthony Mamo (Surmast/Direttur), Michael Zammit (iżomm l-Emblema).



Il-Fundatur Ġużeppi Galea (1918 - 1980)

# PROFILI

Ma dan l-artiklu, ħsibt ukoll li ninkludi profil tal-fundatur u ta' kull surmast li mexxa l-Orkestra 'Santa Marija'. Fil-każ tal-fundatur is-sur Ġużeppi Galea, ta' Mro. Espedito Deguara u tal-Professur Paolo Carabott, dan ma kienx problema u qed jidhru hawn taħt. Tal-Professur Antonio Mamo u ta' Mro. Francesco Azzopardi wasalt biss sa ritratt u xi informazzjoni żgħira oħra u qed jidhru wkoll f' dan l-artiklu. Kontra qalbi, iżda, sakemm għaddejt dan l-artiklu għand l-editur, ritratt u xi informazzjoni ta' Mro. Carmelo Schembri kien għad m' għandix. Nieħu din l-opportunita' biex nirringrazzja lil kulmin għaddieli r-ritratti u l-materjal li bih stajt intella' din l-analiżi storika.

**Is-Sur Ġużeppi Galea - Fundatur**

Naħseb li hu xieraq u opportun li nibda biex ngħati profil tas-sur Ġużeppi Galea. Jien tal-fehma li s-sur Galea għandu jibqa' l-ewwel nett imsemmi bħala wieħed mill-ewlenin mużiċisti Imqabbin u pijunier fil-qasam tat-tagħlim u t-tixrid tal-kultura mużikali ġo raħalna, u t-tieni għandu jibqa' mfakkar bħala l-fundatur ta' l-Orkestra 'Santa Marija' w aktar tard il-Banda Re Ġorġ V, sforz il-ħidma għaqlija u sfieqa tiegħu fil-każin tagħna.

Ġużeppi Galea hu iben Mikiel u Anna nee' Mallia. Twieled l-Imqabba nhar l-10 ta' Novembru 1918 fejn għex ħajtu kollha sakemm il-ħallieq għogbu jsejjaħlu nhar it-18 ta' Jannar 1980. L-ewwel tifkira li għandi ta' Ġużeppi hi li kien idoqq il-klarinett mal-Banda Sant' Andrija ta' Ħal Luqa. Wara beda jistudja l-pjanu; dan seħħ fis-snin tletin.

Ma għaddiex wisq żmien meta, ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, beda jgħallem il-qari tal-mużika fil-Każin Re Ġorġ V. Dak li kien qed jibni Ġużeppi kellu jieqaf ħesrem minħabba l-gwerra. F' dan iż-żmien insibuh idoqq l-orgni tal-Knisja Parrokkjali sa ma nqabad suldat mar-*Royal Army Medical Corps.*

Meta l-attivitajiet ta' l-għadu tbiegħdu minn Malta, Ġużeppi rega' beda jagħti t-tagħlim tal-mużika fil-Każin Re Ġorġ V, u dan avolja kien għadu suldat. Hekk ingħata l-pedament mużikali lill-alljievi għat-twaqqif ta' l-Orkestra 'Santa Marija'. Kien f' dan iż-żmien li taħt id-direzzjoni tiegħu jien bdejt it-taħrig fil-mużika. Niftakar sew li meta wasalt għall-għażla ta' l-istrument kont urejtu x-xewqa li jkolli kurunetta Sib imma hu kellu pjan ieħor għalija u b'dak il-mod patern tiegħu ikkonvinċieni li għandi nitħarreg fuq il-vjolin - illum ma jiddispjaċinix!

Fil-bidu, l-istudenti tal-korda konna nieħdu l-lezzjonijiet tal-prattika darba fil-gimgħa taħt is-Surmast Carmelo Schembri L.R.C.M. fid-dar ta' omm Ġużeppi f' *Valletta Road.* Hawn lil Ġużeppi nsibuh jistudja l-vjolinċell. Wara għad ta' servizzi mill-Orkestra 'Santa Marija', ġie deċiż li din tinbidel f' Banda taħt l-isem Re Ġorġ V.

Hawn lil Ġużeppi nsibuh nerġgħu attiv fit-tagħlim lil għadd sostanzjali ta' studenti ġodda. Is-Sur Galea ma kienx jgħallem biss il-qari u prattika ta' ħafna strumenti. Hu ħa nteress partikulari fil-kompożizzjoni sew ta' l-orkestra u anki tal-banda, sew is-sezzjonijiet primarji u sekondarji. F' nofs il-ħamsinijiet Ġużeppi reġa' beda l-prattika tal-vjolinċell u nsibuh f'ħafna servizzi reliġjużi speċjalment mas-Surmast Francesco Diacono.

Id-dedikazzjoni fil-professjoni tiegħu ta' *nurse* u l-imħabba altruwista għat-tixrid tal-kultura mużikali għamlu lil Ġużeppi Galea bniedem rispettat u maħbub ħafna.

(Ħajr lill-Familja Galea)

**Il-Professur Paolo Carabott L.R.S.M., L.L.C.M.**

Il-Professur Paolo Carabott kien vjolinċellista magħruf sew f' Malta kif ukoll fil-Kontinent. Huwa twieled il-belt Valletta nhar il-21 ta' Mejju 1906 u miet fid-19 ta' Lulju 1976, fl-għomor ta' sebgħin sena. Sa minn ċkunitu studja mużika u strument taħt missieru Mro. Paolo li kien skular tal-Professur Antonio Carri; studja l-armonija taħt it-tmexxija ta' Mrs. El. Pace Inglott u żied tħarreġ



**Il-Professur Paolo Carabott, L.R.S.M., L.L.C.M. (21/5/1906 - 19/7/1976).**

fl-armonija, kontrapont, strumentazzjoni, eċċ. taħt Mro. Carmelo Pace F.L.C.M. u Dr. T.R. Mayne. Ta' 16-il sena laħaq prim ċellista tat-Teatru Irjal u hu l-ewwel Malti Vjolinċellista li kiseb id-diploma *Associate (A.L.C.M.)* u *Licentiate (L.L.C.M.)*, tal-*London College of Music*, diploma ta' *Licentiate* tar-*Royal Schools of Music (L.R.S.M.)* u l-ewwel Malti li kiseb midalja tad-deheb tal-*A.L.C.M.* u oħra tal-*L.L.S.M.* fil-*United Kingdom.* F' kompetizzjoni tal-*London College of Music* ħareġ l-ewwel fost il-kompetituri ta' l-Ingilterra. Kiteb studji mużikali tal-vjolinċell: *Studio dell' Arco*, u *Left Hand Technique* apprezzati minn vjolinċellisti barranin u kompożizzjonijiet mużikali oħrajn. Kien surmast u direttur ta' diversi orkestri, fosthom dik 'Santa Marija'.

(Ħajr lis-Sur Edward Carabott, ħu Mro. Paolo Carabott)



**Mro. Espedito Deguara A.(Mus.) L.C.M.**

Espedito Deguara twieled iż-Żejtun fis-26 ta' Lulju 1904 minn Marija nee' Vella u Salvu li kien mużiċista. Huwa ġie mgħammed fil-Knisja Matriċi w Arċipretali ta' Santa Katarina taż-Żejtun mill-Viċi Parroku Dun Karm Vella fit-28 ta' Lulju 1904, u mogħti l-ismijiet ta' Espedito, Franġisku u Karmenu. Il-parrinijiet kienu Luigi u Giovanna Galea. Espedito kien it-tieni wieħed fost tmien aħwa.

Fi tfulitu huwa kien imur l-Iskola Primarja ta' raħal twelidu u kompla jistudja fil-Kulleġġ tal-*Freres* f' Bormla. Meta kien għadu żgħir Espedito wera mill-ewwel x' kienet sejra tkun il-karriera tiegħu. Fl-1919 huwa beda jitgħallem il-klarinett mingħand missieru. Studja wkoll il-kurunetta u kompla jitħarreg taħt is-Surmast Ġuże' Cassar, Direttur ta' l-Orkestra 'Santa Katarina' taż-Żejtun. Hu kien li nkoraggieh jagħmel kors ta' l-armonija, kompożizzjoni u kontrapont.

Bejn Lulju 1919 u Lulju 1925 Espedito għamel kors ta' apprendistat bħala *engine fitter* fid-*Dockyard.* Minn Novembru 1927 sa Novembru 1932 kien impjegat mar-*Royal Air Force.* Wara kompla fl-istess xogħol ma l-*Air Ministry* minn fejn irtira fis-sena 1964.

Fl-10 ta' Novembru 1931 hu żżewweġ lil Marija Speranza Palmier u kellhom tifel li semmewh Joseph.

Fis-sena 1933 miet is-Surmast Ġuże' Cassar, u Espedito ġie magħżul Direttur ta' l-Orkestra 'Santa Katarina' taż-Żejtun fejn baqa' għal ħmistax-il sena. Taħt id-Direzzjoni tiegħu, l-orkestra Santa Katarina kienet tesegwixxi programmi operistiċi u sinfoniċi fil-pjazez ta' xi rħula, u servizzi reliġjużi fil-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun, u fi knejjes oħra. Barra mill-kompożizzjoni, is-Surmast Deguara tgħallem il-pjanuforti għand is-Surmast Carmelo Pace F.L.C.M., u fl-1940 ħa d-diploma ta' *A.(Mus.) L.C.M.* minn taħt idejh.

Fis-6 ta' Marzu 1943 Espedito ġarrab il-mewt ta' martu Marija Speranza.

Fis-sena 1944 Mro.Deguara ġie maħtur Direttur ta' l-Orkestra 'Santa Katarina' taż-Żurrieq wara r-riżenja tas-Surmast Ferdinandu Falzon. Fl-1945 huwa ħa f' idejh l-Orkestra 'Santa Marija' fil-Każin tagħna, li sa dak iż-żmien kien għadu bl-isem ta' 'King George V'.

Fid-9 ta' Frar 1947, is-Surmast Deguara żżewweġ lil Fortunata Micallef u minn dan it-tieni żwieġ kellhom żewġt itfal li huma Salvinu u Doris.

Huwa kien awtur ta' bosta mużika sagra għall-vuċijiet u l-orgni, għall-vuċijiet u l-orkestra kif ukoll ta' bosta kompożizzjonijiet għall-banda. Dawn ta' l-aħħar l-aktar li jinsabu huwa fl-arkivju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina taż-Żurrieq, fejn qatta l-biċċa l-kbira tal-karriera mużikali tiegħu, u li bil-permess ġentili tagħhom il-Banda ser iddoqq *Salve Regina* li Mro. Deguara ikkompona fl-1984.

Fis-16 t' Ottubru 1978 mietet it-tieni mara tiegħu Fortunata.

Wara r-riżenja tiegħu minn Direttur tal-Banda Santa Katarina taż-Żurrieq fl-1986, wara karriera ta' erbgħin sena ma din il-Banda li waqqaf hu, bix-xieraq il-Kumitat ta' l-istess Soċjeta' flimkien mal-bandisti ħatru lil Mro. Deguara bħala Surmast Onorarju.

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar 1994, tħabbret il-mewt ta' Mro. Espedito Deguara li ġrat fid-dar tiegħu Ħal Luqa fl-eta' ta' 89 sena. Huwa għamel unur fil-qasam tal-mużika, speċjalment fost is-Soċjetajiet Mużikali fejn serva bħala Surmast Direttur, inkluż il-perjodu qasir li niftakru jmexxi l-Orkestra 'Santa Marija'.

(Ħajr lis-Sur Karmenu Zerafa taż-Żurrieq)



**Il-Professur Antonio Mamo L.R.C.M.**
Il-Professur Antonio Mamo twieled il-Belt Valletta nhar l-10 ta' Mejju 1903 u ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar id-19 ta' Mejju 1960, fl-għomor ta' 57 sena. Nafu li kien vjolinista tajjeb ferm u għalliem ta' ċertu kariżma. Ir-ritratt storiku li għad baqalna ta' l-Orkestra 'Santa Marija' kien meħud fi żmienu.

(Ħajr lis-Sinjura Eufresia Azzopardi)

# A Lifetime of Experience, for a Lifetime of Service.



*Mid-Med Bank has always believed in putting YOU, the customer, first, whatever your needs, whatever your stage of life. That's what we mean by 'Your Friend for Life' and every effort is made to provide YOU with a range of products and services that are second to none.*

**Call us - we are always ready to listen should you have any suggestions or wish to express your views.**

**FREEPHONE 0800 77 22 00**

Mid-Med BANK

Your Friend for Life

**Mro. Francesco Azzopardi U.S.S.M.**

Is-Surmast Francesco Azzopardi kien l-aħħar surmast li minn taħtu għaddiet l-Orkestra 'Santa Marija'. Huwa twieled Ħad Dingli nhar l-20 ta' Novembru 1915 u minn informazzjoni li għaddewli l-qraba tiegħu, nafu li miet nhar il-11 ta' Lulju 1987. Nafu wkoll li kien vjolinista tajjeb u li kien kiseb diploma mużikali mill-*United States School of Music* fl-1957.

(Ħajr lis-Sinjura Eufresia Azzopardi)



**Mro.Francesco Azzopardi, U.S.S.M., (20/11/1915 - 11/7/1987).**

**Joseph Farrugia.**

Nota ta' l-editur: Minn din il-paġna nixtieq inrodd ħajr lis-sur Farrugia ta' dak kollu li għamel magħna sabiex stajna nfakkru dan l-avveniment din is-sena. Kien hu li ġabrilna ħafna tagħrif jew uriena minn fejn għandna ngħaddu biex naslu għalih. Grazzi f' isem sħabi tal-Kumitat, Soċji u Partitarji u nawgurawlu ***ad multos annos.***

Nirringrazzja wkoll lis-Sinjorina Ġuża Psaila talli pprovditilna ir-ritratt storiku ta' l-Orkestra li qed jidher ma dan l-artiklu.


# ELLUL WOODWORK

MQABBA

GĦAL KULL XORTA TA' XOGĦOL TA'
APERTURI, GĦAMARA U KOLONNI TAT-TARAĠ BI PREZZIJIET MODERATI

ELLUL WOODWORK
Valletta Road, Mqabba.
Telephone: 683152 - 689470

EAGLE BEAMS LTD

*Eagle Beams Ltd. operates a manufacturing plant with the most technologically advanced equipment available, capable of producing 300 sq.m. per day of prestressed hollow core roofing slabs.*



**POLIDANO GROUP**

POLIDANO BROTHERS | CEMENT MIX | POL MIX | IAPSI QUARRY | MAIT

HAL FARRUG ROAD, L/O LUQA LQA 05. TEL: 244520, 244539, 244241 FAX: 244200

## *SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (1)*

# BANDA SAN ĠUŻEPP - KIRKOP

Din il-banda , bħal kważi kull banda oħra f' Malta, taf il-bidu tagħha lil fratellanza ta' l-istess patrun, li ġiet imwaqqfa solennement fl-10 ta' Ġunju, 1878 mill-kappillan tar-raħal Dun Ġużepp Barbara D.D.

Fl-1886 il-fratelli ħasbu għal statut ġdid , apparti dak tal-fratellanza u ftehmu biex jiftħu każin fil-pjazza ewlenija ta' Ħal-Kirkop, ħalli fih jiltaqgħu u barra li jirrekrejaw irwieħhom, jaħsbu minn jum għal ieħor għal festa ta' San Ġużepp. Huma kienu dejjem mgħedijin kif ser ikabbru l-festa fil-knisja bit-tiżjin u l-armar.

Għall-bidu ta' 1948, bdiet tinħass il-ħtieġa li titwaqqaf il-banda minn fost is-soċji stess. Ċertu Karmnu Debono magħruf bħala l-'Bott' ħa ħsieb iħajjar il-Ġużeppini żgħażagħ għat-tagħlim tal-mużika. Bħala l-ewwel surmast/direttur, ġie maħtur Jimmy Worley. Dan il-maħbub surmast ħadem bis-sħiħ u rawwem ħafna bandisti. Fil-fatt insibu li għall-ewwel programm mużikali li sar fil-5 ta' Frar, 1950, ħarġu mhux inqas minn għoxrin bandist tal-post.

Fl-ewwel programm insibu li l-banda esegwiet siltiet mill-opri ta' La Gioconda, il-Guaraney u l-Bambolina. Minn dak in-nhar, il-banda baqgħet tieħu sehem ta' kull sena. Fl-ewwel snin tas-sittinijiet, jiġifieri fl-infanzja tagħha, il-banda ħadet l-ewwel skossi. L-emigrazzjoni, li f' dawk iż-żminijiet kienet fl-aqwa tagħha, laqgħet parti qawwija li saħansitra l-banda sfrattat. Intant fl-1966, ċertu Mikiel Farruġia miż-Żurrieq daħal b'ruħu u ġismu biex jerġa' jqajjem il-banda. B' entużjażmu u b' interess personali, ta l-frott mixtieq għax sena wara, jiġifieri fl-1967, il-banda ħarġet bil-marċ brijuż ta' nofs in-nhar. Dan reġa' xegħel lill-partitarji b' ħeġġa kbira u mela l-vojt u l-apatija li taqa' minn żmien għal żmien f' kull soċjeta'.

Fl-1973, il-banda għaddiet taħt Mro.Gaetano Żammit, u għamlet l-ewwel servizz tagħha barra r-raħal, propju fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar. Illum, il-banda qed tagħmel erba' sevizzi barra r-raħal, wieħed minnhom propju dan li qed isir fl-ewwel Tridu ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba.

Fl-1979, is-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp għaddiet taħt it-tmexxija tal-ħabrieki surmast J.M.Bilocca, fil-waqt li fl-1993 il-banda għaddiet taht it-tmexxija ta' Mro.Alfred Farruġia, fil-waqt li Mro.Bilocca nħatar Surmast Onorarju.

Is-sett tal-marċi li din il-banda ser iddoqq nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu, 1995 jinkludi:

| | |
|---|---|
| Lucky Star | Mro.A.Farruġia |
| Merħba l-Festa tagħna | Mro.J.M.Bilocca |
| Sempre Victor | Mro.E.Buġeja |
| Serjeta' | Mro.R.Fenech |
| Sweru 1977 | Mro.H.H.Dalli |
| Lill-Partitarji | M.Azzopardi |
| Ix-Xiħ | Maj.A.Aquilina |
| Nikita | Mro.A.Coleiro |
| Lazer | Mro.P.Schembri |
| Aħna ta' Ġilda | Mro.R.Pisani |
| Christ | J.Boffa |
| Rotterdam '91 | Mro.A.Mizzi |
| Demm Gużeppin | Mro.A.Farruġia |

**Mro.Alfred Farrugia , L.Mus. L.C.M.,**
**Surmast/Direttur.**

JB STORES
TEXTILES

- FABRICS FOR ALL OCCASIONS
- FURNISHINGS
- CURTAINS
- TOWELS
- BED SHEETS
- RUGS
- FITTED CARPETS
- HABERDASHERY
- READY MADE GARMENTS

*The latest fashion at Fantastic Prices*

JB Stores, L' Iklin Road. Lija BZN 09.
Tel: 435537, 435491 Fax: 435475.

## *SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (2)*

# BANDA 12th. MAY - ŻEBBUĠ

Is-Soċjeta' *12th.May* ta' Ħaż-Żebbuġ twaqqfet fit-22 ta' Ottubru, 1961, mis-sur Filippu Grech, u sena wara ġiet iffurmata l-Banda li ġġib l-istess isem, bl-ewwel surmast fundatur tagħha jkun il-mibki iżda qatt minsi Mro.Amante Attard. Daqqet għall-ewwel darba fil-festa ta' San Filep ta' l-1962 u f'Diċembru ta' l-istess sena għamlet l-ewwel servizz tagħha barra Ħaż-Żebbuġ meta ħadet sehem fil-festi ċentinarji tal-Banda Pinto ta' Ħal-Qormi.

F'qasir żmien, din il-banda stabbilixiet ruħha bħalha waħda mill-aktar popolari ta' dawn il-gżejjer, b'numru sabiħ ta' bandisti tal-post u bi strumentatura mill-aħjar. Xhieda ta' dan huwa l-fatt li l-banda, barra s-servizz sħiħ fil-festa ta' San Filep, beda jkollha numru sabiħ ta' servizzi barra minn Ħaż-Żebbuġ bħal, fost l-oħrajn, fil-Belt Valletta f' San Duminku u l-marċ ferm popolari nhar Santa Marija filgħodu fir-Rabat Għawdex.

Il-Banda *12th.May* esegwiet programmi kbar f' serati Mużiko/Letterarji u f' anniversarji, kif ukoll ħadet sehem fil-festi Nazzjonali tal-1967, 1985 u 1987.

Fl-1981, ħa t-treġija tal-banda Mro.Henry Camilleri u li dam jokkupa din il-kariga sa l-1992, meta l-banda għaddiet għall-perjodu qasir f' idejn Mro.Raymond Fenech. Kmieni s-sena li għaddiet, il-banda giet fdata f' idejn is-Surmast Żebbuġi Mro. Charles Cachia, li aktar qabel fil-karriera mużikali tiegħu kien anke okkupa l-kariga ta' Assistent Surmast ma l-istess banda għal 'l fuq minn disa' snin.

Fil-preżent għandha numru sabiħ ta' bandisti tal-post kif ukoll impenn mużikali s-sena kollha:biżżejjed wieħed isemmi t-tlettax il-servizz li għandha matul l-1995, wieħed minnhom ikun propju dak tat-Tieni Tridu ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba. Il-lista tal-marċi li ġejjin ser jindaqqu matul il-marċ li din il-banda popolari ser tagħmel ġewwa l-Imqabba **nhar is-Sibt, 12 ta' Awissu, 1995:**

| | |
|---|---|
| Franco u Loranne | Mro. C. Cachia |
| Lil Missier Beltna | Mro. H. Farruġia |
| Ġranet Sbieħ | Mro.H. Camilleri |
| Tracey | Mro. Ph. Gatt |
| Roses | Ms. M.L.Bonnici |
| Joe Anth | J. Farrugia |
| Amy Christine | N. Chircop |
| F' Jum il-Festa | Mro. A. Attard |
| F' Misraħ San Filep | Mro.A.Gatt |
| The Dulli Lion | M. Azzopardi |
| David | Mro. A. Coleiro |
| Pasta Marie | Mro. A. Mizzi |
| Marija n-Naxxarija | Maj. A. Aquilina |
| Ta' Gerrew | Maj.A.Aquilina |
| La Vincitrice | Mro.A.Coleiro |

**Mro. Charles Cachia,**
**Surmast/Direttur.**




# FRIDA TRANSPORT SERVICE

By
Joseph Grech & Sons
Tel: 827860

**Għal kull xorta ta' transport**

Irrikkorru

"Frida House"
42, St. Basil Street,
Imqabba

# FRIZOLL

MANUFACTURERS OF COMMERCIAL REFRIGERATION
BAR COUNTERS & COLD ROOMS
REFRIGERATION EQUIPMENT
**PAOLA HILL**
**PAOLA**

**FOR ESTIMATES & MAINTENANCE PHONE: 806866/824388**

## ID-DROGA:
tgħerrilek moħħok u teqridlek ħajtek.

## IL-MUŻIKA:
tiftaħlek moħħok u tagħtik skop f'ħajtek.

## *SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (3)*

# BANDA KONTI RUĠĠIERU - RABAT

Is-Soċjeta' ta' San Pawl, Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat Malta, hi waħda mill-eqdem baned li hawn ġo pajjiżna. Kien propju nhar il-25 ta' Lulju 1869, meta sbatax -il Rabti Pawlin marru għand in-Nutar G.H.Buħaġiar biex jagħmlu kuntratt għall-ftuħ ta' skola mużikali, kif kienu jissejħu f' dak iż-żmien.

Il-Filarmonika Konti Ruggieru hi magħrufa bħala l-Banda prinċipali tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat minħabba s-sehem tagħha f' kull okkażjoni speċjali tal-Parroċċa waħdanija ġewwa r-Rabat. Fost dawn insibu l-Festa prinċipali ta' *Chorpus Christi* u l-Festa Titulari tal-Martirju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl.

Matul il-126 sena li ilha mwaqqfa, il-Filarmonika Konti Ruġġieru dejjem gawdiet isem tajjeb bħala waħda mill-aqwa baned f' pajjiżna. Dan hu mertu tal-benefatturi għeżież tas-Socjeta' kif ukoll tas-Surmastrijiet/Diretturi ta' kalibru u talent liema bħalu. Fost dawn insibu lill-ewwel surmast/direttur E.Aġius, F.Xuereb, A.E.Aġius, G.Vitaliti (minn Milan), G.Bellizi ( li kien ukoll imexxi l-Banda ta' l-Ammirall) u, għal aktar minn 50 sena sħaħ, lill-wisq mibki u magħruf Mro.Vincenzo Ċiappara.

Fost il-Presidenti li matul iż-żmien mexxew lil din is-Socjeta' nsibu lill-Imhallef Agostino Naudi u lill-Konti Dr.A.Caruana Gatto. Wieħed mill-personalitajiet distinti li kien ammiratur kbir ta' din is-Socjeta', kien il-Gen. Sir Henry Macleod Leslie Rundle, ex-Gvernatur ta' Malta li kien iħobb jirreferi għall-Filarmonika Konti Ruġġieru:"This is my band".

Din is-Socjeta' hija mgħonija b' wieħed mill-aqwa (jekk mhux l-aqwa) arkivju mużikali ta' pajjiżna. Dan għaliex il-mużika li tinsab fih ġiet traskritta kollha għall-*Grande Banda* minn Professuri Taljani magħrufa bħal Neri, Ascolese, Moisasi, Pennacchio, Mascagni, Manente, Peroni, Mazzocca, Collausi u Vesselle, fost l-oħrajn, kif ukoll mill-ex-Surmastrijiet Diretturi tal-Banda Mro.V.Ċiappara u Mro.G.Vitaliti.

Il-Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat għandha madwar tletin servizz fis-sena li fost l-oħrajn jinkludu l-Programm Anwali ta' mużika serja. Dan jikkommemora it-twaqqif tas-Soċjeta' u hu magħruf aħjar bħala l-Programm il-Kbir minħabba l-mużika diffiċli u impenjattiva li matulu tindaqq. Fil-preżent, il-Filarmonika Konti Ruġġieru hi mmexxija mill-Professur Joseph Vella, B.Mus., F.L.C.M., u li ilu jokkupa din il-kariga sa mill-1974.

Is-servizz ta' din il-banda popolari jikkonsisti l-ewwel fi programm mużikali li, fuq li rajna s-sena l-oħra, kien ta' l-għola livell u ġie mfaħħar mid-dilettanti kollha tal-Baned Maltin. Dan jibda' għall-ħabta tat-8.00 p.m., malli tintemm il-funzjoni fil-knisja.

Wara, l-Filarmonika Konti Ruġġieru tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b' dawn il-kompożizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Astra | Mro.J.Vella |
| Victory | Mro.V.Ċiappara |
| Lid-Dilettanti tan-Nar | Mro.J.Muscat |
| Saulo, Saulo | Mro.J.Azzopardi |
| Charlene | Mro.S.Giordimaina |
| Marie Isabelle | Mro.C.Borg |
| Karmena u Lieni | Mro.P.P.Ciantar |
| Il-125 Anniversarju | Mro.S.Żammit |
| Amitie | Mro.V.Ċiappara |
| Il-25 ta' Lulju, 1869 | Mro.A.Camilleri |
| Sahara Desert | Mro.J.Azzopardi |
| My 70th.Birthday | Mro.J.Muscat |
| Giov - Carm | Mro.C.Muscat |
| Lill-Kumitat | Mro.J.Muscat |

**Mro.Jos.Vella,B.Mus.,F.L.C.M.**
**Surmast/Direttur.**

# IT'S A WONDERFUL LIFE.











***... The Comprehensive Life Insurance Policy.***

**Middle Sea Valletta**

LIFE ASSURANCE CO. LTD.

*...Grow With Us*

Middle Sea House, Floriana VLT 16, P.O. Box 326 - Malta.
Telephone: New Business - 226411; Client Enquires - 226414;
Direct Dialling System - 226413/7; Telefax - 226429 or authorised intermediaries.

## *SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (4)*

# BANDA ANICI - QORMI

Din is-sena, l-Banda Anici ta' Ħal-Qormi qed tfakkar għeluq is-seba' sena sa mit-twaqqif tagħha.

Għalkemm l-ewwel dehra uffiċjali tagħha bħala banda kien f' Jum ir-Repubblika ta' l-1987, meta daqqet ġewwa l-belt Valletta, il-ftuħ uffiċjali tas-Socjeta' seħħ nhar it-23 ta' April ta' l-1988, bil-fundaturi tagħha jkunu s-sinjuri J.M. Spiteri, C.Spiteri (R.I.P.), Profs. A.Aġius u S.Debono, flimkien ma Mro.Frank Galea, F.L.C.M. Minbarra s-sehem fil-festa ta' San Ġorg Martri u l-festi u l-purċissjonijiet oħra li jsiru f' Ħal-Qormi (bħall-Ġimgħa l-Kbira, *Corpus Christi* u saħansitra, mis-sena l-oħra 'l hawn, l-Għid il-Kbir ukoll), il-Banda ta' l-Istilla, kif inhi magħrufa, tieħu sehem f' diversi festi Maltin u Għawdxin. Kienet ambaxxatriċċi għall-Malta anke barra minn xtutna, meta daqqet nhar il-Jum Nazzjonali tal-Libja, propju f' dan il-pajjiż Nord Afrikan.

Ta' min jammira lil din is-Socjeta' Mużikali li f'qasir żmien irnexxiela, mix-xejn, tibni każin ġdid u banda b' element żgħażugħ u numeruż.

Għar-raba' sena konsekuttiva, din il-banda Qormija ser tieħu sehem fil-festa ewlenija ta' l-Imqabba, permezz ta' marċ mad-dawra tal-purċissjoni, segwit mill-marc ta' l-aħħar, li tant intlaqa' tajjeb fl-aħħar żewġ Festi li għaddew.

Uħud mill-marċi li ser jindaqqu **nhar it-Tlieta, 15 ta' Awissu 1995,** nhar l-Għid ta' l-Assunta, jinkludu:

| | |
|---|---|
| Anici Supernova | Mro.F.Galea |
| Il-Faċċata fuq il-Fil | Maj.A.Aquilina |
| G.S.I.G. | Mro.V.Ċiappara |
| Queen of Queens | Mro.A.Coleiro |
| Tal-Bandiera | Rev.T.Frendo |
| Georgette | Mro.L.Bongailas |
| La Vincitrice | Mro.A.Coleiro |
| Il-Kanonku George | Mro.A.Calleja |
| Forza Dynamos | Mro.V.Bonniċi |
| L-Arblu l-ġdid | Mro.G.Vella |
| Gorgcharlene | Mro.E.Buġeja |
| Wenzinos | Maj.A.Aquilina |
| King of Kings | Mro.A.Coleiro |

**Mro. Frank Galea, F.L.C.M.,**
**Surmast/Direttur.**

*Partners for life.*




We can help you with every aspect of your financial planning.
Make your future secure. Bank BOV.

Bank of Valletta
*Malta's Leading Bank*

## *SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (5)*

# BANDA QUEEN VICTORIA - ŻURRIEQ

Sa mis-sena 1805, fiż-Żurrieq kienet teżisti xi attivita' mużikali. Għal ħabta ta' l-1838, fir-raħal taż-Żurrieq kienet teżisti banda ballabli. Aktar tard fis-sena 1860, meta f' Malta bdew jitwaqqfu xi għaqdiet mużikali, fiż-Żurrieq kienet twaqqfet ukoll il-*Filarmonica del Zurrico* minn fdal ta' orkestra li kienet teżisti fir-raħal fis-sena 1865 immexxija minn Mro.Luiġi Carabott. Fis-sena 1875, il-*Filarmonica del Zurrico* għaddiet f' idejn Mro.Carmelo Żammit. Fis-sena 1883, f' din il-banda seħħet firda u b'hekk twaqqfet banda ġdida immexxija mis-surmast Nazju Catania. Il-*Filarmonica del Zurrico* baqgħet fl-istess dar u bl-istess direttur Mro.Carmelo Żammit, li sab l-appoġġ sħiħ tal-Kavallier *Charles dei Marchesi Zimmermann Barbaro*, u b' hekk il-Banda **ġiet imlaqqma il-***Filarmonica del Cavalier*. Fis-sena 1895, iż-żewġ baned imsemmija aktar 'il fuq reġgħu ngħaqdu' Banda waħda taħt is-surmast Carmelo Żammit u l-Banda assumiet l-isem ta' *Filarmonica La Concordia*. Imma din l-għaqda taż-żewġ baned kienet rabta ċoff għaliex ma damx wisq ma reġa' nqala' inkwiet serju bil-konsegwenza ta' qrati, twegħir u kawżi li spiċċaw b' rebħa għas-surmast Carmelo Żammit u sħabu l-bandisti u s-soċji li baqgħu lejali lejh. Wara dan kollu, fuq talba ta' dawn stess, il-Banda *La Concordia* daħlet taħt il-protezzjoni taċ-*Circolo La Stella* (illum Għaqda Karmelitana). Fis-sena 1908, il-Banda saret magħrufa bħala l-*Filarmonica Regina Vittoria*, isem li għada ġġib sal-lum.

Insibu li, sa mis-sena 1920, il-Banda *Queen Victoria* kienet tieħu sehem fil-festi ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba. Għal dawn l-aħħar tnejn u tletin sena, din dejjem tat is-sehem tagħha f' din il-festa hekk popolari. Fl-1977, il-President tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V irregala sett gandilabri tal-fidda lil din il-Banda bħala turija ta' apprezzament għall-kontribut kontinwu tagħha fil-festa Titulari ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba.

Minn qalbna nixtiequ aktar suċċessi lis-Soċjeta' Karmelitana, aktar w' aktar issa, wara snin twal ta' taħbit u tiġrib, li għandha l-Każin tagħha u li qed jinbena' mill-ġdid u trasformat f' każin mill-aktar sabiħ u modern.

Matul **nhar it-Tnejn, 14 ta' Awissu u nhar it-Tlieta, 15 ta' Awissu, 1995**, il-Banda popolari *Queen Victoria* taż-Żurrieq ser tagħmel marċi mat-toroq tar-raħal, u ser jindaqqu dawn il-kompożizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| L-aħwa Joseph u Francis Vella | Mro.A.Farruġia |
| Kevin u Gordon | Mro.E.Buġeja |
| Maestrija | Mro.J.Tanti |
| Sezzjoni Żgħażagħ Karmelitani | Mro.A.Camilleri |
| Mro.Carmelo Żammit | Mro.A.Farruġia |
| 10 ta' Novembru, 1993 | B.Buġeja |
| Top Standards | C.Vella |
| Mamo 'id-Didi' | Mro.E.Buġeja |
| CA NO PA | Mro.A.Farruġia |
| 25 Sena Segretarju | Mro.E.Buġeja |
| Oriental | Mro.E.Buġeja |
| Karmelitani Żrieraq | Mro.A.Farruġia |
| Jum il-Festa | Mro.E.Buġeja |

Programmi Mużikali li l-Banda
***Queen Victoria* taż-Żurrieq**
ser tesegwixxi lejlet u nhar il-Festa ta' Santa Marija, 1995.

**Nhar it-Tnejn, 14 ta' Awissu, fl-10.30 p.m.:**

| | | |
|---|---|---|
| Overture | Egmont | Beethoven |
| Capriccio | Carnevale di Venezia | Giampieri |
| March | Mountbatten | Dunn |
| Omaggio | Queen Victoria | Buġeja |
| Innu | Malti | Samut |

**Nhar it-Tlieta, 15 ta' Awissu, fit-8.30 p.m.:**

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Lil Santa Marija | Martin |
| Meditation | Ave Maria | Bach/Gounod |
| Fantasia | Boris Goudonov | Moussorgsky |
| Omaggio | Queen Victoria | Buġeja |
| Innu | Malti | Samut |

**Mro.Alfred Farruġia, L.Mus.L.C.M.,**
**Surmast/Direttur.**

# IS-SOĊJETA' SANTA MARIJA BANDA RE ĠORĠ V

## TFAKKAR U TIRRINGRAZZJA LIL DAWK KOLLHA LI TAW SEHEMHOM BIEX IL-FESTA 1994 TILĦAQ IS-SUĊĊESS U L-LIVELL MIXTIEQ, FOSTHOM

* Lill-Benefatturi, *sponsors* u l-dawk is-soċji u partitarji li offrew kull għajnuna mhux biss matul il-jiem tal-festa iżda kull meta kellna bżonn.
* Lis-Surmast u l-Bandisti tal-Post għall-Programm Strumentali tal-10 ta' Awissu u s-servizzi l-oħra kollha.
* Lill-għaqda tal-Armar li kompliet issebbaħ il-Pjazza u t-toroq tar-raħal bl-aqwa u l-isbaħ armar kif jixraq lill-Festa Titulari tal-Imqabba.
* Lill-Baned kollha mistiedna, tas-servizz li tawna biex kompliet tikber il-Festa.
* Lid-dilettanti tan-Nar u l-kull min kellu x' jaqsam f' dan il-qasam li kompla jistabbilixxina bħala fost l-aqwa ta' Malta.
* Lill-Monsinjuri mistiedna u l-kleru tal-parroċċa li ħadmu id f' id biex iwasslu l-aqwa ferħ tal-Għid ta' l-Assunta.
* Lil dawk l-istazzjonijiet tar-radju u l-*media in generali* li xandru servizzi dwar il-Festa tagħna.
* U fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas, lil dawk is-soċji u partitarji nisa u rġiel li barra milli għenuna finanzjarjament, għenuna ħafna aktar milli jistgħu jaħsbu meta obdewna u kienu ddixxiplinati f' għemilhom u kliemhom tul il-Festa kollha.

### ................U DIN IS-SENA, IL-KUMITAT EŻEKUTTIV JIRRINGRAZZJA:

* Lis-Surmast u l-Bandisti tal-Post kollha għas-sehem li jagħtu matul is-sena kollha.
* Lis-sur John Borġ, emigrant Imqabbi u partitarju tagħna, għall-mużika sabiħa li għal darb' oħra għoġbu jirregala lis-Socjeta'.
* Lis-Soċji talli dejjem ikunu puntwali fil-menswalita' u nappellaw sabiex soċji oħrajn jimxu fuq dan l-eżempju.
* Lis-Sezzjoni Żgħażagħ, ta' l-interess u l-għajnuna li qed jagħtuna biex inżommu l-każin attiv is-sena kollha.
* Lid-Dilettanti tan-Nar kollha li, b' sogru kbir għal ħajjithom, dejjem jistinkaw biex iżommu l-għola livell ta' spettakli.
* Lill-membri tal-Fergħa tan-Nisa, li jieħdu ħsieb jiġbru fondi u jorganiżżaw attivitajiet soċjali matul is-sena. Ta' min wieħed jiftakar fin-nisa tagħna kollha b' mod ġenerali għax dawn jgħamlu sagrifiċċji għall-Festa daqsna l-irġiel, mingħajr ma ħafna drabi anqsa biss nintebħu.
* Lill-Grupp tal-Armar, inkluż in-nisa li jħejtu, u li taħt it-tmexxija għaqlija tas-sur Paul Gauċi ser ikomplu jagħtuna aktar frott il-ħidma sfieqa tagħhom.
* Lill-Kappillan u l-kleru tal-parroċċa li, flimkien ma nies volontarji oħra, jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il-knisja, kif ukoll it-tmexxija tal-funzjonijiet liturġiċi matul il-Festa Titulari ta' Santa Marija, mifruxa fuq tlett ġimgħat.
* Lid-disinjatur tal-planċier is-sur Ġużeppi Caruana ta' kemm il-darba tela' minn ġo Ħaż-Żabbar sabiex hu stess imexxi x-xogħol kbir li qed iwettaq flimkien mall-Kummissjoni.
* Lis-sur Benny Camilleri u l-*helpers* partitarji kollha għat-tħabrik tagħhom fit-twettieq kif ukoll fil-ġbir ta' fondi għal din l-opra artistika, u lil dawk kollha li qed jikkontribwixxu finanzjarjament għal dan il-proġett ferm ambizzjuż u għall-bini tas-Sala fuq l-imħażen.
* Lill-*Isponsors* u l-partecipanti tal-Lejliet Maltin.

* **U fl-aħħar iżda mhux l-inqas, lil kull min b' xi mod jew ieħor għen sabiex din il-publikazzjoni ferm mistennija minnkom qarrejja tasal għandkom. Ħajr partikolari jmur għall-artikolisti u ' l dawk kollha li għoġobhom jirreklamaw. L-appell aħħari tagħna lielkom għeżież qarrejja hu biex inħeġġukom tixtru l-prodotti u tinqdew bis-servizzi rreklamati f' dan il-ktejjeb.**


Consistently
Genuine
HOPLEAF &
PALE ALE
Original...
Great, since 1928
HOPLEAF

# ELBROS
## CONSTRUCTION LTD

The Company with a history replete with success proved by the execution of a number of prestigious and complex projects. Projects include Phases 1 and 2 of the Oil Tanking Terminal with a storage capacity of 360,500 cubic metres, a Reverse Osmosis Plant at Pembroke which is one of the largest of its kind in Europe, all the roadworks in the vicinity of Malta's International Air Terminal and the construction of a distinctive block of retail outlets and apartments - The Park Towers in St. Julians.



OILTANKING TERMINAL PHASES I & II

A prestigious project under execution is the construction of a multi-storey car park at the entrance to Valletta, which, on completion, will accommodate about 1,800 cars.



PARK TOWERS COMPLEX – ST. JULIANS

The Company which meets international standards through the implementation of in-house quality control, the use of modern construction techniques and equipment and constant auditing of site operations with sophisticated project management techniques.



CONSTRUCTION OF CAR PARK - FLORIANA

The organization with a sound professional and technical back-up whose primary goal is to ensure absolute customers' satisfaction by offering a combination of quality service. competitive prices and prompt delivery.

Elbros Construction Ltd. forms part of N.O.V.I.T.A.' Construction Co. Ltd. which has recently been awarded the Lm47.5 million contract for the construction of the second container terminal at the Freeport.

**ELBROS CONSTRUCTION LTD.**
Triq l-Industrija,
Kirkop ZRQ 10, Malta
Tel: (356) 249999
Fax: (356) 685075

Member of the
**EBCON**
Group of Companies

*The New Strength in Construction*